DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/455

tat-23 ta' Lulju 2014

dwar l-għajnuna mill-istat SA.34826 (2012/C), SA.36005 (2013/NN) implimentata mill-Ġreċja għal Piraeus Bank Group rigward ir-rikapitalizzazzjoni u r-ristrutturar ta' Piraeus Bank S.A.

(notifikata bid-dokument C(2014) 5217)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-Istati Membri u lil partijiet interessati oħrajn sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont dawk id-dispożizzjonijiet ([1]),

Billi,

1. PROĊEDURA

1.1. PROĊEDURA RELATATA MA' PIRAEUS BANK

(1) Permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni approvat skema intitolata "Miżuri ta' Appoġġ għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu fil-Ġreċja" (l-"Iskema ta' Appoġġ lill-Banek Griegi") maħsuba biex tiżgura l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja Griega. L-Iskema ta' Appoġġ lill-Banek Griegi tippermetti li l-għajnuna tingħata taħt it-tliet miżuri kostitwenti tagħha, jiġifieri miżura ta' rikapitalizzazzjoni, miżura ta' garanzija u miżura ta' self obbligazzjonarju tal-gvern ([2]). F'Mejju 2009, Piraeus Bank ("il-Bank" ([3])) kien rikapitalizzat mill-Ġreċja taħt il-miżura ta' rikapitalizzazzjoni.

(2) Il-premessa 14 tad-Deċiżjoni tad-19 ta' Novembru 2008 irreġistrat li jiġi nnotifikat pjan ta' ristrutturar lill-Kummissjoni fir-rigward tal-benefiċjarji tal-miżura ta' rikapitalizzazzjoni.

(3) Fit-23 ta' Lulju 2010, l-awtoritajiet Griegi ssottomettew pjan ta' ristrutturar lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni rreġistrat dak il-pjan u l-aġġornamenti sussegwenti tiegħu, kif ukoll informazzjoni addizzjonali sottomessa mill-awtoritajiet Griegi bħala l-Kawża SA.30342 (PN 26/2010) u mbagħad il-Kawża SA.32787 (2011/PN).

([1]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2012 fl-għajnuna mill-Istat SA. 34826 (2012/C, *ex* 2012/NN), "Ir-rikapitalizzazzjoni ta' Piraeus Bank mill-Fond Elleniku għall-Istabbiltà Finanzjarja" (ĠU C 359, 21.11.2012, p. 43).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Novembru 2008 fl-għajnuna mill-Istat N 560/2008 "*Miżuri ta' Appoġġ għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu fil-Ġreċja*" (ĠU C 125, 5.6.2009, p. 6). Hija ġiet irreġistrata taħt in-numru SA.26678 (N 560/2008). Dik l-iskema kienet sussegwentement estiża u emendata kif deskritt fin-nota 4 f'qiegħ il-paġna.

([3]) "Il-Bank" tirreferi għall-Piraeus Bank Group.

(4) Il-Bank ibbenefika ripetutament mill-garanziji tal-Istat u mis-self obbligazzjonarju tal-gvern taħt l-Iskema ta' Appoġġ lill-Banek Griegi ([4]). Huwa bbenefika wkoll minn assistenza ta' likwidità f'emerġenza garantita mill-Istat ("ELA garantita mill-Istat").

(5) Fl-20 ta' April 2012, il-Fond Elleniku għall-Istabbiltà Finanzjarja ("HFSF") ipprovda lill-Bank b'ittra li fiha impenja ruħu li sejjer jipparteċipa f'żieda ppjanata tal-kapital azzjonarju tal-Bank. Fit-28 ta' Mejju 2012, l-HFSF ta rikapitalizzazzjoni tranżitorja ta' EUR 4 700 miljun lill-Bank ("l-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja").

(6) Fl-10 ta' Mejju 2012, l-awtoritajiet Griegi nnotifikaw formalment lill-Kummissjoni bl-ittra ta' impenn li ġiet ipprovduta mill-HFSF lill-Bank. Il-Kummissjoni rreġistratha bħala għajnuna mhux innotifikata (il-Kawża SA.34826 (2012/NN)) minħabba li l-miżura kienet diġà ġiet implimentata.

(7) Permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni fetħet proċedura ta' investigazzjoni formali fuq l-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja ("id-Deċiżjoni ta' Ftuħ ta' Piraeus") ([5]).

(8) F'Diċembru 2012, l-HFSF ta t-tieni rikapitalizzazzjoni tranżitorja ta' EUR 1 553 miljun lill-Bank ("it-tieni rikapitalizzazzjoni tranżitorja"). Fil-21 ta' Diċembru 2012, l-HFSF ipprovda wkoll lill-Bank b'ittra ta' impenn għall-parteċipazzjoni tiegħu f'żieda tal-kapital azzjonarju tal-Bank u fl-istrumenti tal-kapital konvertibbli li għandhom jinħarġu, għal ammont totali sa EUR 1 082 miljun ([6]). L-awtoritajiet Griegi nnotifikaw dawk il-miżuri lill-Kummissjoni fl-20 ta' Diċembru 2012 ([7]).

(9) F'Settembru 2012, il-Bank ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jakkwista lil Geniki mingħand Société Générale S.A. ("Société Générale"). Matul Settembru u Ottubru, il-Kummissjoni kellha għadd numeruż ta' telekonferenzi u skambji ta' ittri elettroniċi ma' rappreżentanti tal-awtoritajiet Griegi u mal-Bank fir-rigward tal-akkwiżizzjoni ta' Geniki.

(10) Fid-19 ta' Ottubru 2012, il-Bank iffirma ftehim ta' xiri ta' ishma ma' Société Générale rigward l-akkwiżizzjoni tas-sehem totali ta' Société Générale's (99,08 %) f'Geniki.

(11) Fit-12 ta' Diċembru 2012, is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu ittra lill-Greċja, li kienet tinkludi l-valutazzjoni preliminari tagħhom tal-akkwiżizzjoni ta' Geniki.

(12) Fis-26 ta' Frar 2013, il-Bank informa lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tiegħu li jakkwista lil Millennium Bank Greece S.A. ("MBG"). Il-Kummissjoni kellha għadd numeruż ta' telekonferenzi u skambji ta' ittri elettroniċi ma' rappreżentanti tal-awtoritajiet Griegi u mal-Bank fir-rigward tal-akkwiżizzjoni ta' MBG.

(13) Fil-25 ta' Marzu 2013, is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu ittra lill-Greċja, li kienet tinkludi l-valutazzjoni preliminari tagħhom tal-akkwiżizzjoni ta' MBG.

([4]) Fit-2 ta' Settembru 2009, il-Greċja nnotifikat għadd ta' emendi għall-miżuri ta' appoġġ u estensjoni tal-31 ta' Diċembru 2009, li kienu approvati fit-18 ta' Settembru 2009 (Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Settembru 2009 fl-Għajnuna mill-Istat N 504/2009 "*Estensjoni u emendar tal-Miżuri ta' Appoġġ għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu fil-Greċja*" (ĠU C 264, 6.11.2009, p. 5)). Fil-25 ta' Jannar 2010, il-Kummissjoni approvat it-tieni estensjoni tal-miżuri ta' appoġġ sat-30 ta' Ġunju 2010 (Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Jannar 2010 fl-Għajnuna mill-Istat N 690/2009 "*Estensjoni tal-Miżuri ta' Appoġġ għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu fil-Greċja*" (ĠU C 57, 9.3.2010, p. 6)). Fit-30 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni approvat għadd ta' emendi għall-miżuri ta' appoġġ u estensjoni sal-31 ta' Diċembru 2010 (Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2010 fl-Għajnuna mill-Istat N 260/2010 "*Estensjoni tal-Miżuri ta' Appoġġ għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu fil-Greċja*" (ĠU C 238, 3.9.2010, p. 3)). Fil-21 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni approvat estensjoni tal-miżuri ta' appoġġ sat-30 ta' Ġunju 2011 (Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2010 fl-għajnuna mill-Istat SA 31998 (2010/N) "*Ir-raba' estensjoni tal- Miżuri ta' Appoġġ għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu fil-Greċja*" (ĠU C 53, 19.2.2011, p. 2)). Fl-4 ta' April 2011, il-Kummissjoni approvat emenda (Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' April 2011 fl-Għajnuna mill-Istat SA.32767 (2011/N) "*Emenda għall-Miżuri ta' Appoġġ għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu fil-Greċja*" (ĠU C 164, 2.6.2011, p. 8)). Fis-27 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni approvat estensjoni tal-miżuri ta' appoġġ sal-31 ta' Diċembru 2011 (Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ġunju 2011 fl-għajnuna mill-Istat SA.33153 (2011/N) "*Il-ħames estensjoni tal-miżuri ta' Appoġġ għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu fil-Greċja*" (ĠU C 274, 17.9.2011, p. 6)). Fis-6 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni approvat estensjoni tal-miżuri ta' appoġġ sat-30 ta' Ġunju 2012 (Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Frar 2012 fl-għajnuna mill-Istat SA.34149 (2011/N) "*Is-sitt estensjoni tal-Miżuri ta' Appoġġ għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu fil-Greċja*" (ĠU C 101, 4.4.2012, p. 2)). Fis-6 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni approvat estensjoni tal-miżuri ta' appoġġ sal-31 ta' Diċembru 2012 (Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 2012 fl-għajnuna mill-Istat SA.35002 (2012/N) - il-Greċja "*Estensjoni tal-Miżuri ta' Appoġġ għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu fil-Greċja*" (ĠU C 77, 15.3.2013, p. 14)). Fit-22 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni approvat estensjoni tal-Iskema ta' Garanzija u tal-Iskema ta' Self Obbligazzjonarju sat-30 ta' Ġunju 2013 (Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2013 fil-kawża dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.35999 (2012/N) - il-Greċja "*Estensjoni tal-Iskema ta' Garanzija u tal-Iskema ta' Self Obbligazzjonarju għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu fil-Greċja*" (ĠU C 162, 7.6.2013, p. 6). Fil-25 ta' Lulju 2013 il-Kummissjoni approvat estensjoni tal-Iskema ta' Garanzija u tal-Iskema ta' Self Obbligazzjonarju sal-31 ta' Diċembru 2013 (Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Lulju 2013 fil-kawża dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.36956 (2013/N) - il-Greċja "*Estensjoni tal-Iskema ta' Garanzija u tal-Iskema ta' Self Obbligazzjonarju għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu fil-Greċja*", li għadha ma ġietx ippubblikata. Fl-14 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni approvat estensjoni tal-Iskema ta' Garanzija u tal-Iskema ta' Self Obbligazzjonarju sat-30 ta' Ġunju 2014 (Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Jannar 2014 fil-kawża dwar l-Għajnuna mill-Istat (SA). 37958 (2013/N) - il-Greċja "*Estensjoni tal-Iskema ta' Garanzija u tal-Iskema ta' Self Obbligazzjonarju għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu fil-Greċja*", li għadha ma ġietx ippubblikata.

([5]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

([6]) Stqarrija għall-istampa tal-HFSF, l-24 ta' Diċembru 2012, disponibbli onlajn fuq: http://www.hfsf.gr/files/press_release_20121224_en.pdf.

([7]) Dawk il-miżuri ġew irreġistrati mill-Kummissjoni bħala l-Kawża SA.36005 (2013/NN).

(14) Fit-22 ta' April 2013, il-Bank ħabbar li kien daħal fi ftehim ma' Millennium Banco Comercial Portugues ("BCP") rigward l-akkwiżizzjoni tal-kapital azzjonarju sħiħ ta' MBG u l-parteċipazzjoni ta' BCP fiż-żieda tal-kapital li jmiss ta' Piraeus.

(15) Fit-3 ta' Ġunju 2013, l-HFSF ikkonverta parzjalment l-ewwel u t-tieni rikapitalizzazzjonijiet tranżitorji f'ekwità għal total ta' EUR 5 891 miljun. L-HFSF injetta wkoll ammont addizzjonali ta' EUR 1 094 miljun fil-Bank, kif kien impenjat fiż-żmien tal-akkwiżizzjonijiet mill-Bank tal-parti t-tajba ta' Agricultural Bank of Greece ("ATE") u tal-fergħat Griegi ta' tliet Banek Ċiprijotti (ara t-taqsima 1.2). Barra minn hekk, l-investituri privati injettaw EUR 1 444 miljun. Ir-rikapitalizzazzjoni totali kienet tammonta għal EUR 8 429 miljun u ssir referenza għaliha bħala "r-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013".

(16) Fid-19 ta' Diċembru 2013, l-awtoritajiet Griegi ppreżentaw informazzjoni lill-Kummissjoni rigward it-termini tar-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013.

(17) Fil-25 ta' Ġunju 2014, l-awtoritajiet Griegi ssottomettew pjan ta' ristrutturar finali għall-Bank ("il-pjan ta' ristrutturar") lill-Kummissjoni. Fl-istess data, huma pprovdew informazzjoni dwar l-ELA garantita mill-Istat. Huma indikaw li għandhom il-ħsieb li jkomplu jipprovdu lill-Bank b'tali appoġġ ta' likwidità, kif ukoll b'garanziji mill-Istat fuq l-istrumenti tad-dejn u s-self obbligazzjonarju tal-gvern taħt l-Iskema ta' Appoġġ lill-Banek Griegi.

(18) Matul il-proċess amministrattiv, il-Kummissjoni kellha għadd numeruż ta' laqgħat, telekonferenzi u skambji ta' ittri elettroniċi ma' rappreżentanti tal-awtoritajiet Griegi u mal-Bank.

(19) Il-Greċja taċċetta li, b'mod eċċezzjonali, id-deċiżjoni preżenti hija adottata bil-lingwa Ingliża biss.

1.2. PROĊEDURA RELATATA MAN-NEGOZJI AKKWISTATI

1.2.1. **Proċedura relatata ma' ATE**

(20) F'April 2011, il-Greċja injettat EUR 1 445 miljun f'ATE (ammont li kien jinkludi s-somma ta' EUR 675 miljun oriġinarjament mogħtija taħt l-iskema tar-Rikapitalizzazzjoni Griega). Barra minn hekk, ATE rċieva appoġġ ta' likwidità li jammonta għal EUR 6 103 miljun. Permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Mejju 2011, il-Kummissjoni approvat dawk il-miżuri fuq il-bażi ta' pjan ta' ristrutturar għal ATE ("id-Deċiżjoni dwar ir-Ristrutturar ta' ATE") ([8]).

(21) Fid-29 ta' Diċembru 2011, il-Greċja pparteċipat fi kwistjoni ta' drittijiet kapitali ta' ATE għal ammont ta' EUR 290 miljun.

(22) Fit-22 ta' Marzu 2012, il-Greċja ssottomettiet rapport mill-Bank of Greece, li fih ipproponiet riżoluzzjoni ta' ATE permezz ta' proċedura ta' Xiri u Suppożizzjoni ([9]) ta' assi u obbligazzjonijiet magħżula ta' ATE ("Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE"), filwaqt li l-assi u l-obbligazzjonijiet li jifdal jiġu riżolti permezz ta' bank tal-assi ħżiena.

(23) F'Lulju 2012, il-Bank ħabbar l-akkwiżizzjoni permezz ta' assorbiment tal-parti t-tajba ta' ATE, li kienet tpoġġiet taħt likwidazzjoni.

(24) F'dak iż-żmien, l-HFSF kien impenja ruħu li jkopri l-ħtiġijiet kapitali tal-Bank li jirriżultaw mill-assi akkwistati. Fis-27 ta' Jannar 2013, il-Bank of Greece kkonkluda li l-kapital meħtieġ għal skopijiet regolatorji bħala riżultat tal-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE kien jammonta għal EUR 570 miljun, liema somma għandha tiġi koperta mill-HFSF.

(25) Permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Mejju 2013 ([10]) ("id-Deċiżjoni dwar il-Likwidazzjoni ta' ATE"), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri ta' appoġġ mogħtija fiż-żmien tat-trasferiment tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE ma jikkostitwixxu ebda għajnuna mill-Istat lill-Bank iżda għall-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna tkun kompatibbli mas-suq intern jekk il-pjan ta' ristrutturar tal-Bank, li issa jinkludi l-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE, jippermetti li tinkiseb lura l-vijabbiltà fit-tul tiegħu.

(26) F'Ġunju 2013, l-HFSF injetta EUR 570 miljun fil-Bank fil-qafas tar-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013 ([11]).

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Mejju 2011 fl-Għajnuna mill-Istat SA.31154 " Ir-ristrutturar ta' Agricultural Bank of Greece", (ĠU C 317, 29.10.2011, p. 4).

([9]) Xiri u Suppożizzjoni hija proċedura ta' riżoluzzjoni li tikkonsisti fl-identifikazzjoni, f'entità legali taħt likwidazzjoni, tal-assi u l-obbligazzjonijiet ta' kwalità għolja u l-irkant tagħhom sabiex jiġu ttrasferiti lil kumpanija vijabbli.

([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2013 fl-Għajnuna mill-Istat SA.35460 "Għajnuna ta' likwidazzjoni għal riżoluzzjoni ta' ATE Bank", (ĠU C 261, 10.9.2013, p. 1).

([11]) Ara t-Taqsima 2.3.3.3.

1.2.2. **Proċedura relatata mal-operazzjonijiet Griegi tal-Bank of Cyprus, Cyprus Popular Bank u Hellenic Bank ("it-tliet Banek Ċiprijotti")**

(27) Wara l-laqgħa straordinarja tal-Grupp tal-euro ([12]) fil-15 ta' Marzu 2013, l-awtoritajiet Ċiprijotti u l-Unjoni Ewropea, il-Fond Monetarju Internazzjonali ("FMI") u l-Bank Ċentrali Ewropew ("BĊE") laħqu ftehim politiku fuq il-politika li hija l-bażi ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku ġejjieni. B'mod partikolari, kien maqbul, fost l-oħrajn, li l-operazzjonijiet tat-tliet Banek Ċiprijotti fil-Greċja jiġu ttrasferiti lil bank Grieg.

(28) Il-Bank u l-banek Griegi l-oħrajn esprimew interess fl-akkwiżizzjoni tal-operazzjonijiet tat-tliet Banek Ċiprijotti fil-Greċja.

(29) Fit-22 ta' Marzu 2013, l-HFSF ta l-kunsens tiegħu sabiex il-Bank jagħmel offerta għall-akkwiżizzjoni tal-fergħat Griegi, tad-depożiti u tas-self tat-tliet Banek Ċiprijotti. L-offerta tal-Bank kienet kondizzjonali fuq il-ħtieġa li l-HFSF jipprovdi ekwità lill-Bank f'ammont ugwali għall-prezz imħallas għall-ekwità tan-negozju akkwistat.

(30) L-awtoritajiet Griegi u l-HFSF żammew lis-servizzi tal-Kummissjoni informati mill-qrib kemm dwar l-evoluzzjoni tal-proċess, kif ukoll dwar it-termini tal-akkwiżizzjoni.

(31) Fis-26 ta' Marzu 2013, il-Bank iffirma ftehim ta' bejgħ u trasferiment ma' kull wieħed mit-tliet Banek Ċiprijotti fir-rigward tal-attivitajiet Griegi tagħhom (id-depożiti, is-self u n-netwerk tal-fergħat).

(32) Kif ġie maqbul f'Marzu 2013, l-HFSF injetta EUR 524 miljun ta' kapital fil-Bank ([13]) sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet kapitali li rriżultaw mill-akkwiżizzjoni ta' dawk l-assi.

2. DESKRIZZJONI

2.1. IL-BANK U D-DIFFIKULTAJIET TIEGĦU

2.1.1. **Il-kuntest ġenerali tas-settur bankarju Grieg**

(33) Il-prodott domestiku gross ("PDG") reali tal-Greċja naqas b'20 % mill-2008 sal-2012, kif muri fit-Tabella 1. B'riżultat ta' dan, il-banek Griegi ffaċċjaw rata ta' inadempjenza li kompliet tiżdied b'mod rapidu fuq is-self mogħti lill-familji u lill-kumpaniji Griegi ([14]). Dawk l-iżviluppi affettwaw ir-rendiment tal-assi tal-banek Griegi b'mod negattiv u wasslu għal ħtiġijiet kapitali.

Tabella 1

It-Tkabbir Reali tal-PDG fil-Greċja, 2008-2013

Il-Greċja	2008	2009	2010	2011	2012	2013
Tkabbir Reali tal-PDG, %	– 0,2	– 3,1	– 4,9	– 7,1	– 7,0	– 3,9

Sors: Eurostat, disponibbli onlajn fuq http://epp.eurostat.ec.europa.eu/tgm/table.do?tab=table&init=1&plugin=1&language=en&pcode=tec00115

(34) Barra minn hekk, fi Frar 2012, il-Greċja implimentat skambju ta' bonds fis-settur privat magħruf bħala Parteċipazzjoni tas-Settur Privat ("il-programm PSI"). Il-banek Griegi kienu involuti fil-programm PSI, li matulu l-gvern Grieg offra lid-detenturi tal-bonds privati eżistenti b'titoli ġodda (inklużi Bonds tal-Gvern Grieg ("GGBs") ġodda, titoli marbuta mal-PDG u noti ta' ħlas tal-PSI maħruġa mill-Fond Ewropew għall-Istabbiltà Finanzjarja ("EFSF")) inkambju għall-GGBs eżistenti, bi skont nominali ta' 53,5 % u maturitajiet itwal ([15]). L-awtoritajiet Griegi ħabbru r-riżultati ta' dak l-iskambju ta' bonds fid-9 ta' Marzu 2012 ([16]). L-iskambju rriżulta f'telf sinifikanti għad-detenturi tal-bonds (stmat mill-Bank of Greece bħala 78 % tal-ammont nominali tal-GGBs l-antiki bħala medja għall-banek Griegi) u ħtiġijiet kapitali li kienu rreġistrati b'mod retroattiv fir-rapporti finanzjarji tal-banek Griegi għall-2011. It-telf totali tal-banek Griegi ewlenin minħabba l-PSI huwa miġbur fil-qosor fit-Tabella 2.

([12]) Il-laqgħa tal-Grupp tal-euro hija l-laqgħa tal-Ministri tal-finanzi taż-żona tal-euro, jiġifieri dawk l-Istati Membri li adottaw l-Euro bħala l-munita uffiċjali tagħhom.

([13]) Ara t-Taqsima 2.3.3.3.

([14]) Il-Kummissjoni Ewropea – id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji. *It-Tieni Programm ta' Aġġustament Ekonomiku għall-Greċja - Marzu 2012, p. 17*, disponibbli onlajn fuq http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/occasional_paper/2012/pdf/ocp94_en.pdf.

([15]) Ara t-taqsima II "Ir-ristrutturar tad-Dejn Sovran Grieg" tar-*Rapport dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u r-Ristrutturar tas-Settur Bankarju Grieg*, Bank of Greece, Diċembru 2012, disponibbli onlajn fuq: http://www.bankofgreece.gr/BogEkdoseis/Report_on_the_recapitalisation_and_restructuring.pdf.

([16]) Stqarrija għall-istampa tal-Ministeru tal-Finanzi tad-9 ta' Marzu 2012, disponibbli onlajn fuq: http://www.pdma.gr/attachments/article/80/9%20MARCH%202012%20-%20RESULTS.pdf.

Tabella 2

Telf totali tal-banek Griegi ewlenin minħabba l-PSI (f'miljuni ta' EUR)

Banek	Ammont nominali ta' GGBs	Ammont nominali ta' self relatat mal-Istat	Ammont nominali totali	Telf ta' GGBs minħabba l-PSI	Telf minħabba l PSI ta' self relatat mal-Istat	Telf gross totali minħabba l-PSI	Telf gross totali minħabba l-PSI/ Kapital tal-Grad 1 (%)	Telf gross totali minħabba l-PSI/ Assi totali (%)
NBG	13 748	1 001	14 749	10 985	751	11 735	161,0	11,0
Eurobank	7 001	335	7 336	5 517	264	5 781	164,5	7,5
Alpha	3 898	2 145	6 043	3 087	1 699	4 786	105,7	8,1
Piraeus	7 063	280	7 343	5 686	225	5 911	226,0	12,0
ATEbank	5 164	608	5 772	3 873	456	4 329	1 144	17,1
Geniki	384	7	391	287	5	292	78,1	8,9
MBG	185	0	185	137	0	137	29	2,2

Sors: Bank of Greece, Rapport dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u r-Ristrutturar tas-Settur Bankarju Grieg, Diċembru 2012, p. 14

(35) Minħabba li l-banek Griegi ffaċċjaw nuqqasijiet ta' kapital sostanzjali bħala riżultat tal-programm PSI u r-reċessjoni kontinwa, il-Memorandum ta' Politiki Ekonomiċi u Finanzjarji ("MPEF") tat-Tieni Programm ta' Aġġustament għall-Greċja bejn il-gvern Grieg, l-Unjoni Ewropea, l-FMI u l-BĊE, datat il-11 ta' Marzu 2012, għamel fondi disponibbli għar-rikapitalizzazzjoni ta' dawk il-banek. L-awtoritajiet Griegi stmaw li l-ħtiġijiet tar-rikapitalizzazzjoni u l-ispejjeż tar-riżoluzzjoni totali tal-bank, li għandhom jiġu ffinanzjati taħt dak il-programm, kienu ta' EUR 50 biljun ([17]). Dak l-ammont kien ikkalkolat fuq il-bażi ta' test tal-istress imwettaq mill-Bank of Greece għall-perjodu li beda f'Diċembru 2011 u li jiġi fi tmiemu f'Diċembru 2014 ("it-test tal-istress tal-2012"), li kien jiddependi fuq il-previżjoni tat-telf mis-self imwettqa minn Blackrock ([18]). Il-fondi għar-rikapitalizzazzjoni tal-banek Griegi huma disponibbli permezz tal-HFSF. It-tabella 3 tiġbor fil-qosor il-kalkolazzjoni tal-ħtiġijiet kapitali għall-banek Griegi ewlenin kif jirriżultaw mit-test tal-istress tal-2012.

Tabella 3

Test tal-istress tal-2012: Il-ħtiġijiet kapitali tal-banek Griegi ewlenin (f'miljuni ta' EUR)

Banek	Referenza Grad 1 (Diċ 2011)	Telf gross totali minħabba l-PSI (Diċ 2011)	Dispożizzjonijiet relatati mal-PSI (Ġunju 2011)	Telf Kumulattiv Gross Projezzjonijiet għar-riskju ta' kreditu	Riżervi ta' telf mis-self (Diċ 2011)	Ġenerazzjoni tal-kapital interna	Mira Grad 1 (Diċ 2014)	Ħtiġijiet kapitali
NBG	7 287	– 11 735	1 646	– 8 366	5 390	4 681	8 657	9 756
Eurobank	3 515	– 5 781	830	– 8 226	3 514	2 904	2 595	5 839
Alpha	4 526	– 4 786	673	– 8 493	3 115	2 428	2 033	4 571

([17]) Ara n-nota 14 f'qiegħ il-paġna, p. 106.
([18]) Ara n-nota 15 f'qiegħ il-paġna.

Banek	Referenza Grad 1 (Diċ 2011)	Telf gross totali minħabba l-PSI (Diċ 2011)	Dispożizzjonijiet relatati mal-PSI (Ġunju 2011)	Telf Kumulattiv Gross Projezzjonijiet għar-riskju ta' kreditu	Riżervi ta' telf mis-self (Diċ 2011)	Ġenerazzjoni tal-kapital interna	Mira Grad 1 (Diċ 2014)	Ħtiġijiet kapitali
Piraeus	2 615	– 5 911	1 005	– 6 281	2 565	1 080	2 408	7 335
ATEbank	378	– 4 329	836	– 3 383	2 344	468	1 234	4 920
Geniki	374	– 292	70	– 1 552	1 309	– 40	150	281
MBG	473	– 137	0	– 638	213	– 79	230	399

Sors: Bank of Greece, Rapport dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u r-Ristrutturar tas-Settur Bankarju Grieg, Diċembru 2012, p. 8

(36) Skont l-MPEF ta' Marzu 2012, "il-banek li jissottomettu pjanijiet vijabbli ta' ġbir tal-kapital jingħataw l-opportunità li japplikaw għal u jirċievu appoġġ pubbliku b'mod li jippreserva inċentivi fis-settur privat għall-injezzjoni ta' kapital u b'hekk jitnaqqas il-piż għall-kontribwenti" ([19]). Il-Bank of Greece sab li kienu biss l-akbar erba' banek (Eurobank, National Bank of Greece, il-Bank u Alpha Bank) li ssottomettew pjanijiet vijabbli ta' ġbir tal-kapital ([20]). Huma rċevew l-ewwel rikapitalizzazzjoni mill-HFSF f'Mejju 2012.

(37) Id-depożiti domestiċi fil-banek fil-Greċja naqsu b'37 % b'kollox bejn l-aħħar tal-2009 u Ġunju 2012 minħabba r-reċessjoni u l-inċertezza politika. Dawk il-banek kellhom iħallsu rati tal-imgħax ogħla sabiex jipprovaw iżommu d-depożiti. L-ispejjeż tad-depożiti żdiedu, filwaqt li l-marġini tal-imgħax nett tal-banek naqas. Minħabba li l-banek Griegi ma komplewx joperaw fis-swieq tal-finanzjament tal-operaturi, huma saru kompletament dipendenti fuq il-finanzjament tal-Eurosistema ([21]), li porzjon dejjem jikber minnu kien fil-forma ta' ELA garantita mill-Istat mogħtija mill-Bank of Greece.

(38) Fit-3 ta' Diċembru 2012, il-Greċja nediet programm ta' xiri lura fuq il-GGBs ġodda riċevuti mill-investituri fil-qafas tal-programm PSI, bi prezzijiet li jvarjaw minn 30,2 % sa 40,1 % tal-valur nominali tagħhom ([22]). Il-banek Griegi pparteċipaw f'dak il-programm ta' xiri lura li kkristallizza t-telf ulterjuri fuq il-karti tal-bilanċ tagħhom, minħabba li ħafna mit-telf tal-kontabbiltà (jiġifieri, id-differenza bejn il-valur fis-suq u l-valur nominali) irreġistrat fuq dawk il-GGBs ġodda fiż-żmien tal-programm PSI kien sar definittiv u irriversibbli ([23]).

(39) F'Diċembru 2012, l-akbar erba' banek Griegi rċevew it-tieni rikapitalizzazzjoni tranżitorja mill-HFSF.

(40) Fir-rebbiegħa tal-2013, ir-rikapitalizzazzjoni tranżitorja tal-erba' banek ġiet ikkonvertita f'rikapitalizzazzjoni permanenti f'ishma ordinarji, bl-HFSF iżomm aktar minn 80 % tal-parteċipazzjoni azzjonarja ta' kull wieħed mill-erba' banek. Għall-banek li rnexxielhom jattiraw ammont stabbilit minn qabel ta' kapital privat (il-Bank, Alpha Bank u National Bank of Greece), l-HFSF irċieva ishma mingħajr vot, filwaqt li l-investituri privati ngħataw ċertifikati tal-ishma tal-HFSF.

(41) F'Lulju 2013, il-Bank of Greece kkummissjona konsulent sabiex iwettaq studju dijanjostiku fuq il-portafolli tas-self tal-banek Griegi kollha. Dak il-konsulent wettaq projezzjonijiet tat-telf ta' kreditu ("CLPs") fuq il-kotba tas-self domestiċi kollha tal-banek Griegi, kif ukoll fuq is-self li jġorr riskju Grieg fil-fergħat barranin u s-sussidjarji fuq medda ta' tliet snin u nofs u fuq orizzont tul il-ħajja ta' self. L-analiżi pprovdiet CLPs taħt żewġ xenarji makroekonomiċi, xenarju bażi u xenarju avvers. Is-CLPs għall-portafolli tas-self barranin ġew stmati mill-Bank of Greece permezz ta' kontribut mill-konsulent.

([19]) Ara n-nota 14 f'qiegħ il-paġna, p. 104.
([20]) Ara n-nota 15 f'qiegħ il-paġna.
([21]) Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali flimkien jikkostitwixxu l-Eurosistema, li hija s-sistema tal-banek ċentrali taż-żona tal-euro.
([22]) Stqarrija għall-istampa tal-Ministeru tal-Finanzi tat-3 ta' Diċembru 2012, disponibbli onlajn fuq: http://www.pdma.gr/attachments/article/248/Press%20Release%20-%20December%2003.pdf.
Dak ix-xiri lura tad-dejn tiegħu stess bi prezz ferm taħt il-valur nominali ġġenera tnaqqis sinifikanti tad-dejn għall-Greċja.
([23]) Fin-nuqqas ta' tali xiri lura, il-valur fis-suq ta' dawk il-GGBs ġodda seta' jiżdied skont l-evoluzzjoni ta' parametri tas-suq bħar-rati tal-imgħax u l-probabbiltà ta' inadempjenza tal-Greċja.

(42) Abbażi tal-valutazzjoni tas-CLPs mill-konsulent, fil-ħarifa 2013, il-Bank of Greece nieda eżerċizzju ġdid ta' test tal-istress ("it-test tal-istress tal-2013") sabiex jivvaluta r-robustezza tal-pożizzjoni kapitali tal-banek Griegi kemm taħt xenarju bażi kif ukoll taħt xenarju avvers. Il-Bank of Greece wettaq il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet kapitali bl-appoġġ tekniku tat-tieni konsulent.

(43) Il-komponenti ewlenin tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet kapitali skont it-test tal-istress tal-2013 kienu (i) is-CLPs ([24]) fuq il-portafolli tas-self tal-banek fuq bażi kkonsolidata għar-riskju Grieg u għar-riskju barrani, nett tar-riżervi tas-self eżistenti, u (ii) il-profittabbiltà operattiva stmata tal-banek għall-perjodu minn Ġunju 2013 sa Diċembru 2016, abbażi ta' aġġustament konservattiv tal-pjanijiet ta' ristrutturar li ġew sottomessi lill-Bank of Greece matul ir-raba' kwart tal-2013. It-tabella 4 tiġbor fil-qosor il-kalkolazzjoni tal-ħtiġijiet kapitali għall-banek Griegi ewlenin fuq bażi kkonsolidata taħt ix-xenarju bażi għal dak it-test tal-istress tal-2013.

Tabella 4

Test tal-istress tal-2013: Il-ħtiġijiet kapitali tal-banek Griegi fuq bażi kkonsolidata fix-xenarju bażi (f'miljuni ta' EUR)

Banek	Referenza Grad 1 (Ġunju 2013) (1)	Riżervi ta' telf mis-self (Ġunju 2013) (2)	CLPs għal riskju Grieg (3)	CLPs għal riskju barrani ([1]) (4)	Ġenerazzjoni tal-Kapital Interna (5)	Proporzjon ta' Kapital tal-Grad 1 skont it-test tal-istress (Diċembru 2016) (6)	Ħtiġijiet kapitali (7)=(6)-(1)-(2)-(3)-(4)-(5)
NBG ([2])	4 821	8 134	– 8 745	– 3 100	1 451	4 743	2 183
Eurobank ([3])	2 228	7 000	– 9 519	– 1 628	2 106	3 133	2 945
Alpha	7 380	10 416	– 14 720	– 2 936	4 047	4 450	262
Piraeus	8 294	12 362	– 16 132	– 2 342	2 658	5 265	425

([1]) L-impatt tas-CLPs għal riskju barrani ġie kkalkolat wara t-taxxa barranija u b'kunsiderazzjoni tal-impenji ta' ċessjoni li ġew ipprovduti lid-Direttorat Ġenerali għall-Politika dwar il-Kompetizzjoni f'dak iż-żmien.
([2]) Ir-riżervi tat-telf mis-self ta' NBG fit-30 ta' Ġunju 2013 proforma tad-dispożizzjonijiet ta' First Business Bank u Probank.
([3]) Ir-riżervi tat-telf mis-self ta' Eurobank fit-30 ta' Ġunju 2013 proforma tad-dispożizzjonijiet ta' New Hellenic Postbank u New Proton Bank, li ġew akkwistati f'Awwissu 2013.
Sors: Bank of Greece, Test tal-Istress tal-2013 tas-Settur Bankarju Grieg, Marzu 2014, p. 42.

(44) Fis-6 ta' Marzu 2014, il-Bank of Greece ħabbar ir-riżultati tat-test tal-istress tal-2013 u talab lill-banek sabiex jissottomettu, sa nofs April 2014, il-pjanijiet tagħhom għall-ġbir tal-kapital sabiex ikopru l-ħtiġijiet kapitali taħt ix-xenarju bażi.

(45) Bejn l-aħħar ta' Marzu 2014 u l-bidu ta' Mejju 2014, il-banek ipproċedew b'żidiet kapitali.

2.1.2. **Il-benefiċjarju**

(46) Il-Bank jipprovdi servizzi bankarji universali primarjament fil-Greċja u fl-Ewropa Ċentrali, tal-Lvant u tax-Xlokk (ir-Rumanija, il-Bulgarija, is-Serbja, l-Albanija, l-Ukraina u Ċipru), kif ukoll fl-Eġittu. Huwa joffri firxa sħiħa ta' prodotti u servizzi bankarji u finanzjarji lil familji u negozji. Huwa attiv fl-operazzjonijiet bankarji privati, korporattivi u għall-konsumaturi, fil-ġestjoni tal-assi, fit-teżor u fl-operazzjonijiet bankarji ta' investiment. Il-Bank huwa inkorporat fil-Greċja u l-ishma tiegħu huma elenkati fuq il-Borża ta' Ateni. Fit-30 ta' Diċembru 2012, il-Bank impjega total ta' 18 597 ruħ ([25]).

([24]) Inkluż it-telf mistenni mill-produzzjoni tas-self ġdida fil-Greċja matul il-perjodu minn Ġunju 2013 sa Diċembru 2016.
([25]) Rapport annwali tal-2012, http://www.piraeusbankgroup.com/en/investors/financials/annual-reports.

(47) Il-Bank ipparteċipa fil-programm PSI, fejn kellu ċ-ċans jiskambja GGBs u self relatat mal-Istat b'valur nominali ta' EUR 7,7 biljun. Il-ħlas totali tiegħu relatat mal-PSI kien jammonta għal madwar EUR 5 911 miljun qabel it-taxxa u kien irreġistrat kompletament fil-kontijiet tiegħu tal-2011 ([26]). Matul il-programm ta' xiri lura ta' Diċembru 2012, il-Bank biegħ il-GGBs ġodda li kien irċieva fil-qafas tal-PSI bi skont qawwi għall-valur nominali. Dak il-bejgħ ikkristallizza t-telf tiegħu fuq il-GGBs il-ġodda.

(48) Il-figuri ewlenin tal-Bank f'Diċembru 2010, Diċembru 2011, Diċembru 2012 u Diċembru 2013 (dejta kkonsolidata) huma ppreżentati fit-Tabella 5.

Tabella 5

Figuri ewlenin ta' Piraeus Bank, 2010, 2011, 2012 u 2013

Profitt u telf (f'miljuni ta' EUR)	2010	2011	2012 (*)	2013 (**)
Introjtu mill-Imgħax Nett	1 207	1 194	1 047	1 664
Dħul Operattiv Totali	1 510	1 245	1 921	2 205
Spejjeż Operattivi Totali	(884)	(840)	(931)	(1 680)
Introjtu Qabel il-Provvediment	625	405	989	525
Telf minn indeboliment sabiex ikopri r-riskju ta' kreditu	(611)	(1 973)	(2 519)	(2 536)
Telf minn indeboliment fuq GGBs u self eliġibbli għall-PSI		(5 911)		
Avvjament negattiv			351	3 810
Profitt/Telf Nett	(21)	(6 618)	(507)	2 546
Figuri ta' Volum Selettiv (f'miljuni ta' EUR)	31 ta' Diċembru 2010	31 ta' Diċembru 2011	31 ta' Diċembru 2012 (*)	31 ta' Diċembru 2013 (**)
Self u Avvanzi netti totali lill-Klijenti (Netti)	40 150	35 634	44 613	62 366
Depożiti	29 475	21 796	36 971	54 279
Assi Totali	57 561	49 352	70 408	92 010
Ekwità totali ([1])	3 273	(1 940)	(2 316)	8 543

([1]) Għall-2012, dak l-ammont ma jinkludix iż-żewġ rikapitalizzazzjonijiet tranżitorji riċevuti mill-Bank. L-ammont għall-2013 jinkludi r-rikapitalizzazzjoni sħiħa tar-Rebbiegħa 2013.
(*) Inklużi ATE u Geniki
(**) Inklużi ATE, Geniki, il-fergħat Griegi tat-tliet Banek Ċiprijotti, MBG
Sors: Rapporti annwali tal-2011 u tal-2012, dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-2013

([26]) Ara t-Tabella 2.

(49) It-Tabella 5 tispjega li, minbarra t-telf qawwi li rreġistra fl-2011 minħabba l-programm PSI (EUR 5 911 miljun ([27])), il-Bank sofra minn tnaqqis fid-dħul (minħabba, fost raġunijiet oħrajn, l-ispejjeż oġħla tad-depożiti) u minn telf għoli u dejjem jiżdied minn indeboliment fuq il-portafolli tas-self tiegħu fil-Greċja u barra l-pajjiż sa nofs l-2012. Il-pożizzjoni tal-likwidità tal-Bank intlaqtet ħażin mill-ħruġ tad-depożiti. Dik is-sitwazzjoni tjiebet kemxejn wara li l-Bank beda jagħmel l-akkwiżizzjonijiet f'Lulju 2012.

(50) Skont it-test tal-istress tal-2013, il-Bank of Greece kkalkula l-ħtiġijiet kapitali tal-Bank f'EUR 465 miljun għax-xenarju bażi.

(51) F'Marzu 2014, il-Bank ipproċeda b'żieda kapitali ta' EUR 1 752 miljun sabiex ikopri l-ħtiġijiet kapitali msemmija fil-premessa 50 u sabiex iħallas lura s-somma ta' EUR 940 miljun f'ishma privileġġati miżmuma mill-Greċja ([28]). B'kuntrast maż-żieda fil-kapital ta' Eurobank ta' April 2014, l-HFSF ma impenjax ruħu mal-Bank li jinjetta kapital fil-qafas taż-żieda kapitali f'każ ta' domanda privata insuffiċjenti. Iż-żieda fil-kapital tal-Bank inkisbet permezz ta' offerta ta' ekwità mingħajr prelazzjoni (jiġifieri żieda fil-kapital b'kanċellazzjoni tad-drittijiet ta' prelazzjoni tal-azzjonisti) lill-investituri internazzjonali u permezz ta' offerta pubblika fil-Greċja. Il-prezz tas-sottoskrizzjoni kien iffissat bħala EUR 1,7 għal kull sehem.

(52) Wara ż-żieda fil-kapital, fit-22 ta' Mejju 2014, il-Bank ħabbar li huwa kien feda l-ishma privileġġati lill-Greċja, għal ammont totali ta' EUR 750 miljun ([29]).

2.2. L-AKKWIŻIZZJONIJIET MILL-BANK TAL-ATTIVITAJIET BANKARJI GRIEGI

2.2.1. **L-akkwiżizzjoni ta' ATE**

(53) ATE twaqqfet fl-1929 bħala organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ mill-Greċja. Sal-bidu tas-snin disgħin (1990s), ATE kienet istituzzjoni finanzjarja speċjalizzata li kienet tappoġġja l-iżvilupp tas-settur agrikolu f'isem l-Istat Grieg. F'Diċembru 2000, il-kumpanija kienet elenkata fuq il-Borża ta' Ateni. Fl-14 ta' Novembru 2011, il-Greċja kienet l-azzjonista prinċipali ta' ATE b'sehem ta' 89,9 %.

(54) ATE kienet topera fl-attivitajiet bankarji kollha, kemm dawk għall-konsumaturi kif ukoll dawk għall-kumpaniji, kienet tipprovdi servizzi finanzjarji bħal attivitajiet ta' assigurazzjoni u attivitajiet ta' kiri u kellha parteċipazzjonijiet kbar f'kumpaniji li joperaw f'setturi mhux finanzjarji, inkluż fl-industrija tal-produzzjoni taz-zokkor u fl-industrija tal-produzzjoni ta' prodotti magħmula mill-ħalib.

(55) F'Lulju 2012, ATE offriet is-servizzi tagħha permezz tan-netwerk tagħha ta' 468 fergħa u kienet timpjega 5 024 persuna. F'Lulju 2012, id-depożiti totali tagħha kienu jammontaw għal EUR 14,9 biljun għal assi totali ta' EUR 21,8 biljun ([30]).

(56) Sa mill-2006, ATE kienet bdiet toffri wkoll is-servizzi tagħha barra mill-Greċja b'sehem ta' 74 % f'ATE Bank Romania u b'sehem ta' 20,3 % tal-kapital azzjonarju komuni u 25 % tal-ishma privileġġati f'AIKBanka Serbia.

(57) Id-diffikultajiet ta' ATE tfaċċaw qabel il-kriżi sovrana tal-Greċja primarjament bħala riżultat tal-kwalità ħażina tal-assi u tal-profittabbiltà tradizzjonalment baxxa qabel l-indeboliment. Barra minn hekk, il-kriżi sovrana tal-Greċja affettwat lill-banek Griegi kollha, inkluż ATE, b'żewġ modi: (i) it-telf tal-aċċess tal-Greċja għas-swieq tad-dejn internazzjonali affettwa severament il-pożizzjoni tal-likwidità tal-banek Griegi u (ii) il-kwalità tal-assi ddeterjorat u l-indebolimenti żdiedu.

(58) F'April 2011, il-Greċja injettat EUR 1 445 miljun f'ATE (inkluża s-somma ta' EUR 675 miljun oriġinarjament mogħtija taħt il-miżura ta' rikapitalizzazzjoni Griega). Barra minn hekk, il-bank ATE rċieva appoġġ ta' likwidità li kien jammonta għal EUR 6 103 miljun. Il-Kummissjoni approvat dawk il-miżuri fid-Deċiżjoni dwar ir-Ristrutturar ta' ATE.

(59) Madankollu, fit-tieni nofs tal-2011, is-sitwazzjoni tal-kapital ta' ATE ddeterjorat l-aktar minħabba l-parteċipazzjoni tiegħu fil-programm PSI. Kif muri fit-Tabella 2, il-ħlas totali tiegħu relatat mal-PSI kien jammonta għal madwar EUR 4 329 miljun qabel it-taxxa u kien kompletament irreġistrat fil-kontijiet tiegħu għall-2011. Kif muri fit-Tabella 3, il-ħtiġijiet kapitali tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE kienu stmati bħala EUR 4 920 miljun.

(60) Fit-22 ta' Marzu 2012, il-Greċja ssottomettiet rapport mill-Bank of Greece li kien qiegħed jipproponi r-riżoluzzjoni ta' ATE permezz ta' proċedura ta' Xiri u Suppożizzjoni fir-rigward tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE, filwaqt li l-assi u l-obbligazzjonijiet li jifdal għandhom jiġu riżolti minn bank ħażin. Il-Bank u bank Grieg kbir ieħor issottomettew offerti mhux vinkolanti lill-HFSF. Fis-26 ta' Lulju 2012, il-Bord tad-Diretturi tal-HFSF approva l-offerta tal-Bank.

([27]) Ara t-Tabella 2.
([28]) Ara t-taqsima 2.3.1.2 dwar ir-rikapitalizzazzjoni mill-Istat mogħtija taħt il-miżura ta' rikapitalizzazzjoni.
([29]) http://www.piraeusbankgroup.com/en/press-office/press-release/2014/05/apopliromi-pronomiouxon-metoxon-ellinikou-dimosiou.
([30]) Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 40.

(61) Fis-27 ta' Lulju 2012, il-Bank of Greece pproċeda bit-trasferiment tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE lill-Bank ([31]).

(62) Billi l-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE kien fihom inqas assi b'valur ġust minn obbligazzjonijiet, l-HFSF, b'konformità mad-deċiżjoni tal-Bank of Greece tat-28 ta' Jannar 2013, kellu jpatti għad-differenza bejn l-assi ttrasferiti u l-obbligazzjonijiet ittrasferiti, jiġifieri, id-diskrepanza tal-likwidità. Il-Bank of Greece kkonkluda, abbażi tal-figuri vverifikati, li d-diskrepanza tal-likwidità sejra tkun ta' EUR 7 471 miljun u l-HFSF ipprovda lill-Bank b'bonds tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja ("bonds tal-EFSF") b'valur ta' EUR 7 471 miljun.

(63) Barra minn hekk, l-HFSF impenja ruħu li jipprovdi kapital lill-Bank, sabiex l-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE jiġu kapitalizzati sa 9 %. Dak l-ammont kien inizjalment stmat bħala EUR 500 miljun, iżda l-ammont finali kien stabbilit bħala EUR 570 miljun. L-HFSF injetta l-ammont finali fil-Bank kontra l-ishma ordinarji fil-qafas tar-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013.

(64) Il-Bank akkwista l-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE għal prezz tax-xiri ta' EUR 95 miljun.

2.2.2. **L-akkwiżizzjoni ta' Geniki**

(65) Geniki ġie stabbilit fl-1937. Geniki pprovda servizzi finanzjarji fis-setturi tas-servizzi bankarji għall-konsumaturi, tas-servizzi bankarji korporattivi u tas-servizzi fis-swieq tal-kapital. Fl-2004, Société Générale akkwistat il-maġġoranza tal-ishma ta' Geniki. Fil-31 ta' Diċembru 2012, Geniki kien qiegħed jopera b'104 fergħat u kien jimpjega 1 391 impjegat ([32]). L-assi totali kienu jammontaw għal EUR 2,6 biljun, is-self nett totali għal EUR 1,9 biljun u d-depożiti għal madwar EUR 2 biljun ([33]).

(66) Il-kriżi sovrana tal-Greċja kellha impatt negattiv ħafna fuq ir-rendiment tas-settur bankarju. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni tal-banek Griegi fil-programm PSI wasslet għal deterjorazzjoni rapida tas-sitwazzjoni kapitali tagħhom. Kif muri fit-Tabella 2, il-ħlas totali ta' Geniki relatat mal-PSI kien jammonta għal madwar EUR 292 miljun qabel it-taxxa u kien kompletament irreġistrat fil-kontijiet tiegħu għall-2011. Kif muri fit-Tabella 3, il-ħtiġijiet kapitali ta' Geniki kienu stmati bħala EUR 281 miljun u ġew ikkalkolati fuq il-bażi ta' test tal-istress imwettaq mill-Bank of Greece.

(67) F'Ġunju 2012, Société Générale avviċinat lill-erba' banek Griegi kbar kollha f'tentattiv sabiex tbigħ lil Geniki. Il-Bank kien l-uniku wieħed interessat li jakkwista lil Geniki.

(68) In-negozjati bejn Société Générale u l-Bank għall-bejgħ ta' Geniki wasslu għal qbil uffiċjali fid-19 ta' Ottubru 2012 li: (i) Société Générale tbigħ u l-Bank jixtri s-sehem ta' 99,08 % li għandha Société Générale f'Geniki, kif ukoll li (ii) Société Générale tassenja u tittrasferixxi u l-Bank jakkwista 100 % tal-avvanzi tal-kapital azzjonarju ta' Geniki li kkonkludiet Société Générale u li sejra tikkonkludi fil-ġejjieni. Fl-aħħar mill-aħħar, Société Générale qablet li tagħmel ħlas bil-quddiem ta' madwar EUR 290 miljun lil Geniki u li tissottoskrivi bond maħruġ mill-Bank għal ammont ta' madwar EUR 170 miljun. Il-Bank imbagħad akkwista lil Geniki għal EUR 1 miljun.

(69) Fl-14 ta' Diċembru 2012, il-Bank ħabbar li l-akkwiżizzjoni tas-sehem ta' Société Générale f'Geniki kienet tlestiet.

2.2.3. **L-akkwiżizzjoni tal-operazzjonijiet Griegi tat-tliet Banek Ċiprijotti**

(70) Il-Bank of Cyprus, is-Cyprus Popular Bank u l-Hellenic Bank twaqqfu fl-1899, fl-1901 u fl-1976, rispettivament.

(71) Wara l-laqgħa straordinarja tal-Grupp tal-euro fil-15 ta' Marzu 2013, intlaħaq qbil fuq il-parametri ewlenin ta' pjan ta' salvataġġ għal Ċipru mill-Unjoni Ewropea, mill-FMI u mill-BĊE. Il-Hellenic Systemic Stability Board ("HSSB") ippropona b'mod unanimu t-trasferiment tal-assi u l-obbligazzjonijiet Griegi tal-fergħat tat-tliet Banek Ċiprijotti fil-Greċja lil bank Grieg eżistenti. B'mod partikolari, l-HSSB iddikjara li "l-[…] (*) ftehim jiggarantixxi b'mod sħiħ li d-depożituri tal-fergħat Griegi [tat-tliet Banek Ċiprijotti], jissalvagwardja l-interess pubbliku Grieg u l-istabbiltà finanzjarja u ma jikkawżax il-piż tad-dejn pubbliku Grieg".

(72) Il-Bank of Greece ġie assenjat sabiex jesplora l-interess potenzjali mill-banek Griegi u, f'dan il-kuntest, għamel stedina għal espressjoni tal-interess. Barra minn hekk, l-HFSF qabel li jkopri l-ħtiġijiet kapitali (tal-akkwirent) li jirriżultaw mill-akkwiżizzjoni tal-fergħat Griegi tat-tliet Banek Ċiprijotti.

([31]) Ara l-premessa 27 tad-Deċiżjoni dwar il-Likwidazzjoni ta' ATE.
([32]) Hellenic Bank Association, dejta disponibbli onlajn fuq: http://62.1.43.74/4Statistika/UplPDFs/network2012engl.pdf
([33]) http://www.geniki.gr/Portals/0/PDFs/140321_annual_results_en_2.pdf.
(*) Sigriet kummerċjali.

(73) It-tabella 6 tiġbor fil-qosor l-assi u l-obbligazzjonijiet tat-tliet Banek Ċiprijotti, li fl-aħħar mill-aħħar ġew ittrasferiti lill-Bank ("Attivitajiet Ċiprijotti Ttrasferiti").

Tabella 6

Attivitajiet Ittrasferiti tat-tliet Banek Ċiprijotti

	Attivitajiet Ittrasferiti
Assi	Is-self Grieg kollu, inkluż il-kiri u l-fatturament
	Is-self għat-trasport bil-baħar u self ieħor oriġinaw minn u ġew ġestiti fil-Greċja u rreġistrati fil-ktieb tas-self Ċiprijott
	Assi fissi (minbarra l-assi ta' taxxa differita)
Obbligazzjonijiet	Id-depożiti kollha tat-tliet Banek Ċiprijotti miġbura fil-Greċja

Sors: Dokument dwar il-Kondizzjonijiet, Il-konċessjoni u l-bejgħ tal-assi Griegi tal-banek Ċiprijotti, l-10 ta' April 2013

(74) L-assi ttrasferiti lill-Bank kienu jammontaw għal madwar EUR 18,9 biljun u l-obbligazzjonijiet kienu jammontaw għal madwar EUR 15-il biljun. Madankollu, il-partijiet għat-tranżazzjoni qablu li jieħdu f'kunsiderazzjoni l-ammont ta' telf li kien previst fir-rapport tal-PIMCO għall-banek f'Ċipru, taħt xenarju avvers ([34]). Skont ir-rapport ta' PIMCO, il-valur tal-assi li kellhom jiġu ttrasferiti lill-Bank kienu jammontaw għal madwar EUR 16,5 biljun. L-obbligazzjonijiet ittrasferiti kienu jammontaw għal madwar EUR 14,5 biljun.

(75) Fil-21 u fit-22 ta' Marzu 2013, kien hemm tliet banek biss, inkluż il-Bank, li ssottomettew offerti mhux vinkolanti.

(76) Fit-22 ta' Marzu 2013, l-HFSF ta l-kunsens tiegħu għall-akkwiżizzjoni tal-operazzjonijiet tat-tliet Banek Ċiprijotti fil-Greċja mill-Bank. Il-kunsiderazzjoni totali mħallsa mill-Bank għall-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti tal-Banek Ċiprijotti kienet ta' EUR 524 miljun. B'mod partikolari, kien maqbul li l-Bank iħallas EUR 237 miljun għall-akkwiżizzjoni tal-attivitajiet ittrasferiti tal-Bank of Cyprus, EUR 258 miljun għall-akkwiżizzjoni tal-attivitajiet ittrasferiti tas-Cyprus Popular Bank u EUR 29 miljun għall-akkwiżizzjoni tal-attivitajiet ittrasferiti tal-Hellenic Bank.

(77) F'Ġunju 2013, fil-qafas tar-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013 ([35]) l-HFSF injetta EUR 524 miljun ta' kapital fil-Bank sabiex ikopri l-prezz tax-xiri mħallas mill-Bank.

2.2.4. **L-akkwiżizzjoni ta' MBG**

(78) MBG ġie stabbilit fis-sena 2000. Fil-31 ta' Diċembru 2012, MBG kien qiegħed jopera 119-il fergħa u jimpjega 1 174 impjegat ([36]).

(79) Fit-22 ta' April 2013, il-Bank iffirma ftehim definittiv ma' BCP rigward l-akkwiżizzjoni tal-kapital azzjonarju kollu ta' MBG u l-parteċipazzjoni ta' BCP f'żieda tal-kapital li jmiss tal-Bank.

(80) Skont dak il-ftehim, BCP jikkontribwixxi EUR 400 miljun għar-rikapitalizzazzjoni regolatorja ta' MBG (li EUR 139 miljun minnhom diġà kienu ġew kontribwiti minn BCP f'Diċembru 2012) permezz tal-konverżjoni ta' krediti subordinati u privileġġati minn BCP lil MBG f'ekwità. Barra minn hekk, il-finanzjament kollu pprovdut minn BCP lil MBG fil-passat jiġi rrimborżat minn tal-aħħar f'żewġ ħlasijiet parzjali: EUR 650 miljun jitħallsu fid-data tal-għeluq tat-tranżazzjoni u l-ammont ta' madwar EUR 250 miljun jitħallas fi żmien sitt xhur mill-għeluq. Fl-aħħar nett, BCP jikkontribwixxi EUR 400 miljun għar-rikapitalizzazzjoni tal-Bank permezz ta' kollokament privat bl-esklużjoni tad-drittijiet ta' prelazzjoni. Imbagħad, il-Bank jakkwista l-MBG rikapitalizzat b'mod sħiħ għal EUR 1 miljun.

(81) Fid-19 ta' Ġunju 2013, il-Bank ħabbar it-tlestija tal-akkwiżizzjoni ta' MBG.

([34]) Ir-rapport tħejja minn PIMCO, kien datat l-1 ta' Frar 2013 u intitolat "Diliġenza Dovuta Indipendenti tas-Sistema Bankarja f'Ċipru". L-estimi tal-kapital ġew iġġenerati kemm taħt xenarju bażi, kif ukoll taħt xenarju makroekonomiku avvers. Id-data ta' referenza applikabbli għall-eżerċizzju kienet it-30 ta' Ġunju 2012 u l-perjodu previst kien estiż mit-30 ta' Ġunju 2012 sat-30 ta' Ġunju 2015.
([35]) Ara l-premessa 101.
([36]) *Ibid.*

2.2.5. **Ħarsa ġenerali lejn l-effett ikkombinat tal-akkwiżizzjonijiet**

(82) It-tabella 7 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-effett tal-akkwiżizzjonijiet suċċessivi fuq id-daqs u l-forma tal-Bank fil-Greċja (ebda waħda mill-entitajiet akkwistati ma kienet tinkludi assi barranin, ħlief għall-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE, li fihom xi assi Rumeni żgħar). B'riżultat ta' dawk l-akkwiżizzjonijiet, il-Bank issa għandu l-akbar sehem mis-suq fis-suq Grieg tas-self u tad-depożiti.

Tabella 7

L-effett tal-akkwiżizzjonijiet suċċessivi fuq id-daqs ta' Piraeus fil-Greċja

31.12.2012 Il-Greċja biss	Piraeus awto-nomu	ATE	Geniki	Banek Ċiprijotti	MBG	GRUPP ĠDID
Self gross	27 727	12 200	3 308	24 194	4 710	72 138
parti minn grupp ġdid	38 %	17 %	5 %	34 %	7 %	100 %
Self nett	24 811	11 527	1 909	19 481	4 236	61 964
parti minn grupp ġdid	40 %	19 %	3 %	31 %	7 %	100 %
Depożiti	15 412	14 986	2 014	14 427	2 912	49 752
parti minn grupp ġdid	31 %	30 %	4 %	29 %	6 %	100 %
Impjegati	5 926	5 019	1 420	5 268	1 186	18 819
parti minn grupp ġdid	31 %	27 %	8 %	28 %	6 %	100 %
Fergħat	325	460	104	307	120	1 316
parti minn grupp ġdid	25 %	35 %	8 %	23 %	9 %	100 %

Sors: dejta sottomessa fl-10 ta' Ġunju 2014 minn Piraeus Bank

2.3. IL-MIŻURI TA' GĦAJNUNA

2.3.1. **Il-miżuri ta' għajnuna mogħtija lill-Bank taħt l-Iskema ta' Appoġġ lill-Banek Griegi (il-miżuri L1 u A)**

(83) Il-Bank kiseb diversi forom ta' għajnuna taħt l-Iskema ta' Appoġġ lill-Banek Griegi, taħt il-miżura ta' rikapitalizzazzjoni, il-miżura ta' garanzija u l-miżura ta' self obbligazzjonarju tal-gvern.

2.3.1.1. *Appoġġ ta' likwidità mill-Istat mogħti taħt il-miżura ta' garanzija u l-miżura ta' self obbligazzjonarju tal-gvern (il-miżura L1)*

(84) Il-Bank ibbenefika u qiegħed ikompli jibbenefika minn għajnuna taħt il-miżura ta' garanzija u l-miżura ta' self obbligazzjonarju tal-gvern. Dik l-għajnuna sejra tiġi deskritta f'din id-Deċiżjoni bħala l-"miżura L1". Fl-2010, il-Bank ħareġ bonds garantiti mill-Istat li kienu jammontaw għal total ta' EUR 9,9 biljun. Il-Greċja sellfet ukoll bonds tal-gvern f'valur ta' EUR 1 289 miljun lill-Bank. Fl-aħħar ta' Marzu 2014, l-ammont pendenti ta' bonds tal-gvern kien ta' EUR 1 024 miljun ([37]).

(85) Fil-pjan ta' ristrutturar għall-Bank, li ġie sottomess mill-awtoritajiet Griegi lill-Kummissjoni fil-25 ta' Ġunju 2014, l-awtoritajiet Griegi talbu awtorizzazzjoni sabiex ikomplu jagħtu garanziji u bonds tal-gvern għal self lill-Bank taħt l-Iskema ta' Appoġġ lill-Banek Griegi matul il-perjodu tar-ristrutturar, f'każ li tinħass il-ħtieġa għal tali appoġġ ta' likwidità, għalkemm dan mhuwiex mistenni li jseħħ.

([37]) Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 51.

2.3.1.2. *Rikapitalizzazzjoni mill-Istat mogħtija taħt il-miżura ta' rikapitalizzazzjoni (il-miżura A)*

(86) F'Mejju 2009 u Diċembru 2011, il-Bank irċieva mingħand il-Greċja, taħt il-miżura ta' rikapitalizzazzjoni tal-Iskema ta' Appoġġ lill-Banek Griegi, injezzjonijiet kapitali ta' EUR 370 miljun u EUR 380 miljun, rispettivament, li jammontaw għal total ta' EUR 750 miljun (il-miżura A), ekwivalenti għal madwar 2,1 % tal-assi mwieżna għar-riskji ("RWA") ([38]) tal-Bank f'dak iż-żmien.

(87) Ir-rikapitalizzazzjoni ħadet il-forma ta' ishma privileġġati sottoskritti mill-Greċja, li kellhom kupun ta' 10 % u maturità ta' ħames snin.

(88) Il-Bank feda l-ishma privileġġati fit-22 ta' Mejju 2014, kif deskritt fil-premessa (52).

2.3.2. **ELA garantita mill-Istat (il-miżura L2)**

(89) ELA hija miżura eċċezzjonali li tippermetti lil istituzzjoni finanzjarja solventi, li tkun qiegħda tiffaċċja problemi ta' likwidità temporanji, sabiex tirċievi finanzjament mill-Eurosistema mingħajr ma tali operazzjoni tkun parti mill-politika monetarja unika. Ir-rata tal-imgħax imħallsa minn istituzzjoni finanzjarja għal ELA hija […] (*) punti bażi ("bps") ogħla mill-imgħax li tħallas għal rifinanzjament regolari mill-Bank Ċentrali.

(90) Il-Bank of Greece huwa responsabbli mill-programm ta' ELA, li jfisser li kwalunkwe spiża ta', u r-riskji li jirriżultaw mill-provvediment ta' ELA jingarru mill-Bank of Greece ([39]). Il-Greċja tat lill-Bank of Greece garanzija mill-Istat li tapplika għall-ammont totali ta' ELA mogħtija mill-Bank of Greece. L-adozzjoni tal-Artikolu 50(7) tal-liġi 3943/2011, li emendat l-Artikolu 65(1) tal-liġi 2362/1995, ippermettiet lill-Ministru tal-Finanzi jagħti garanziji f'isem l-Istat lill-Bank of Greece bil-għan li jissalvagwardja l-pretensjonijiet tal-Bank of Greece kontra l-istituzzjonijiet ta' kreditu. Il-banek li jibbenefikaw minn ELA għandhom iħallsu miżata ta' garanzija lill-Istat li tammonta għal […] bps.

(91) Fil-31 ta' Diċembru 2011, il-Bank ibbenefika minn EUR 11,64 biljun ta' ELA garantita mill-Istat, filwaqt li fil-31 ta' Diċembru 2012, il-Bank ibbenefika minn EUR 31,4 biljun ta' ELA garantita mill-Istat ([40]). Wara tnaqqis qawwi fl-2013, fl-aħħar ta' dik is-sena, il-Bank ibbenefika minn EUR 750 miljun biss ta' ELA garantita mill-Istat.

2.3.3. **Il-miżuri ta' għajnuna mogħtija lill-Bank permezz tal-HFSF (il-miżuri B1, B2, B3 u B4)**

(92) Sa mill-2012, il-Bank ibbenefika minn diversi miżuri ta' appoġġ kapitali mogħtija mill-HFSF. It-tabella 8 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn dawk il-miżuri ta' għajnuna.

Tabella 8

Il-miżuri ta' għajnuna mogħtija lill-Bank permezz tal-HFSF

	L-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja - Mejju 2012 (f'miljuni ta' EUR)	It-tieni rikapitalizzazzjoni tranżitorja - Diċ 2012 (f'miljuni ta' EUR)	Ittra ta' impenn - Diċ 2012 (f'miljuni ta' EUR)	Il-parteċipazzjoni fir-rikapitalizzazzjoni ta' Mejju 2013 (f'miljuni ta' EUR) ([1])
Miżura	B1	B2	B3	B4
Ammont (f'miljuni ta' EUR)	4 700	1 553	1 082	5 891

([1]) Minbarra l-parti tar-rikapitalizzazzjoni sottoskritta mill-HFSF għall-issodisfar tar-rekwiżiti kapitali li rriżultaw mix-xiri ta' ATE Bank u tal-fergħat Griegi tat-tliet Banek Ċiprijotti. Għal aktar dettalji, ara l-premessa 101.

2.3.3.1. *L-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja (il-miżura B1)*

(93) Il-premessi 14 sa 33 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus jagħtu deskrizzjoni ddettaljata tal-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja ta' Mejju 2012 (il-miżura B1). L-isfond u l-karatteristiċi ewlenin ta' dik il-miżura huma stabbiliti f'din it-taqsima.

([38]) It-terminu "*assi mwieżna għar-riskji*" jirreferi għal aggregat regolatorju li jkejjel l-iskopertura għar-riskji ta' istituzzjoni finanzjarja u li jintuża mis-superviżuri sabiex jimmonitorjaw l-adegwatezza kapitali tal-istituzzjonijiet finanzjarji.

(*) Informazzjoni kunfidenzjali

([39]) Skont l-ittra tal-Bank of Greece tas-7 ta' Novembru 2011, "Il-Garanziji japplikaw fuq l-ammont totali ta' Assistenza ta' Likwidità f'Emerġenza (ELA)".

([40]) Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 133.

(94) Fl-20 ta' April 2012, l-HFSF ipprovda ittra lill-Bank li fiha impenja ruħu li sejjer jipparteċipa f'żieda ppjanata ta' kapital azzjonarju tal-Bank għal ammont sa EUR 5 biljun.

(95) Taħt il-miżura B1, l-HFSF ittrasferixxa EUR 4,7 biljun ta' bonds tal-EFSF lill-Bank f'Mejju 2012, b'konformità mad-dispożizzjonijiet għar-rikapitalizzazzjonijiet tranżitorji stipulati fil-liġi 3864/2010, li tistabbilixxi l-HFSF ("il-liġi dwar l-HFSF"). Fil-premessa (53) tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus, il-Kummissjoni stabbilixxiet li "*Ir-rikapitalizzazzjoni tranżitorja ffinalizzata fit-28 ta' Mejju 2012 hija l-implimentazzjoni tal-obbligu mwettaq fl-ittra ta' impenn u, b'hekk, hija kontinwazzjoni tal-istess għajnuna*". Il-Bank of Greece kkalkula kemm l-ammonti pprovduti fl-ittra ta' impenn kif ukoll dawk ipprovduti fl-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja bil-għan li jiżgura li l-Bank laħaq proporzjon kapitali totali ta' 8 % fil-31 ta' Diċembru 2011, li hija d-data tar-reġistrazzjoni retroattiva tar-rikapitalizzazzjoni tranżitorja fir-reġistri tal-Bank. Kif jista' jidher mit-Tabella 3, il-miżura B1 kienet tkopri biss parti mill-ħtiġijiet kapitali totali identifikati mit-test tal-istress tal-2012. Il-Bank kien mistenni li jiġġenera l-kapital permezz ta' żieda kapitali futura u r-rikapitalizzazzjoni tranżitorja kienet intiża biss biex tippreserva l-eliġibbiltà tal-Bank għall-finanzjament tal-BĊE sakemm saret dik iż-żieda kapitali.

(96) Għall-perjodu bejn id-data tal-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja u d-data tal-konverżjoni tal-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja f'ishma ordinarji u strumenti finanzjarji konvertibbli oħrajn, il-ftehim ta' qabel is-sottoskrizzjoni bejn il-Bank u l-HFSF stipula li l-Bank kellu jħallas lill-HFSH miżata annwali ta' 1 % fuq il-valur nominali tan-noti tal-EFSF u li kwalunkwe pagamenti ta' kupuni u imgħax akkumulat għan-noti tal-EFSF għal dak il-perjodu jitqiesu bħala kontribuzzjoni kapitali addizzjonali mill-HFSF lill-Bank ([41]).

2.3.3.2. *It-tieni rikapitalizzazzjoni tranżitorja (il-miżura B2)*

(97) Il-Bank irreġistra aktar telf fil-ħarifa tal-2012. Għalhekk, il-kapital tiegħu reġa' waqa' taħt ir-rekwiżiti kapitali minimi sabiex huwa jkun jista' jibqa' eliġibbli għal rifinanzjament mill-BĊE.

(98) B'riżultat ta' dan, saret neċessarja t-tieni rikapitalizzazzjoni tranżitorja. Fl-20 ta' Diċembru 2012, l-HFSF implimenta t-tieni rikapitalizzazzjoni tranżitorja ta' EUR 1 553 miljun (il-miżura B2), li għal darba oħra tħallset permezz tat-trasferiment tal-bonds tal-EFSF lill-Bank.

2.3.3.3. *L-ittra ta' impenn tal-20 ta' Diċembru 2012 (il-miżura B3)*

(99) Minbarra t-tieni rikapitalizzazzjoni tranżitorja, fl-20 ta' Diċembru 2012, l-HFSF ipprovda lill-Bank b'ittra ta' impenn għall-parteċipazzjoni tiegħu fiż-żieda tal-kapital azzjonarju tal-Bank u fl-istrumenti konvertibbli li għandhom jinħarġu, għal ammont totali sa EUR 1 082 miljun (il-miżura B3).

(100) It-total taż-żewġ rikapitalizzazzjonijiet tranżitorji (il-miżuri B1 u B2) u tal-ammont addizzjonali impenjat f'Diċembru 2012 (il-miżura B3) kien ifisser li l-HFSF impenja ruħu li jkopri l-ħtiġijiet kapitali totali identifikati skont it-test tal-istress tal-2012 (EUR 7,335 miljun ([42])).

2.3.3.4. *Il-parteċipazzjoni tal-HFSF fir-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013 (il-miżura B4) u l-ħlas lura parzjali tal-miżuri B1 u B2*

(101) Fit-23 ta' April 2013, il-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti tal-Bank approvat żieda ta' kapital azzjonarju ta' EUR 8 429 miljun ([43]). Dak l-ammont kien ikkalkolat bħala s-somma ta':

i. EUR 7 335 miljun sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet kapitali identifikati mit-test tal-istress tal-2012; minn dak l-ammont, l-HFSF issottoskriva EUR 5 891 miljun (il-miżura B4) u l-investituri privati ssottoskrivew EUR 1 444 miljun;

ii. EUR 570 miljun injettati mill-HFSF sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kapitali regolatorji li rriżultaw min-negozju akkwistat ta' ATE Bank, kif impenjat f'Lulju 2012; dik il-miżura ġiet ivvalutata mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni dwar il-Likwidazzjoni ta' ATE, li sabet li tali miżura ma kienet tikkostitwixxi ebda għajnuna lill-Bank;

iii. EUR 524 miljun injettati mill-HFSF sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet kapitali li rriżultaw mill-ħlas tal-prezz tax-xiri għall-operazzjonijiet Griegi tat-tliet Banek Ċiprijotti; dik il-parti taż-żieda fil-kapital tikkostitwixxi l-miżura Ċ ([44]).

([41]) Il-ftehim ta' qabel is-sottoskrizzjoni stabbilixxa li: "Ir-Riskju Effettiv pagabbli lill-Bank jinkludi l-bonds tal-EFSF u kwalunkwe pagamenti ta' kupuni u imgħax akkumulat għall-bonds tal-EFSF għall-perjodu mill-ħruġ tal-bonds sal-konverżjoni tal-Avvanz f'kapital azzjonarju u strumenti finanzjarji konvertibbli oħrajn kif preskritti hawnhekk".

([42]) Ara t-Tabella 3.

([43]) http://www.piraeusbankgroup.com/~/media/Com/Piraeus-Bank-Documents/Press-Releases/2013/Apofaseis_BGM_23042013_en.pdf.

([44]) Ara l-premessa 112.

(102) Il-prezz tal-ishma l-ġodda kien stabbilit bħala EUR 1,70 għal kull sehem, li jikkorrispondi għal 50 % tal-prezz medju tal-istokks ippeżat skont il-volum fuq il-perjodu ta' 50 jum tan-negozjar qabel id-determinazzjoni tiegħu.

(103) Fit-3 ta' Ġunju 2013, il-Bord tad-Diretturi tal-Bank ħabbar il-ħruġ ta' 3 888 268 914 ishma ġodda b'valur nominali ta' EUR 0,30 u bi prezz ta' EUR 1,70 għal kull sehem ([45]). Fit-28 ta' Ġunju 2013, il-Bank ħabbar ([46]) li l-Bord tad-Diretturi kien iċċertifika l-ħlas sħiħ taż-żieda tal-kapital totali f'sehem għal ammont totali ta' EUR 8 429 miljun, inklużi l-ammonti tal-primjum.

(104) Il-parteċipazzjoni privata totali fiż-żieda tal-kapital azzjonarju tal-Bank kienet tammonta għal EUR 1 444 miljun ([47]). Dak l-ammont jinkludi l-parteċipazzjoni ta' BCP kif deskritta fil-premessa 80.

(105) Għalhekk, il-parteċipazzjoni tal-HFSF fiż-żieda tal-kapital azzjonarju tal-Bank kienet tammonta għal EUR 6 985 miljun.

(106) Immedjatament wara r-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013, l-HFSF sar l-azzjonarju prinċipali tal-Bank b'sehem ta' 81 % ([48]). L-HFSF ħareġ iċ-ċertifikati u ta lill-investituri privati ċertifikat wieħed għal kull sehem sottoskritt, għall-ebda kunsiderazzjoni ([49]). Kull ċertifikat jinkorpora d-dritt li jinxtraw 4,48 ishma tal-HFSF, f'intervalli speċifikati u bi prezzijiet tal-eżerċitar. L-ewwel data tal-eżerċizzju kienet it-2 ta' Jannar 2014 u mbagħad iċ-ċertifikati jkunu eżerċitabbli kull sitt xhur sat-2 ta' Jannar 2018. Il-prezz tal-eżerċizzju huwa ugwali għall-prezz tas-sottoskrizzjoni ta' EUR 1,70 miżjud b'rata tal-imgħax annwali (4 % għall-ewwel sena, 5 % għat-tieni sena, 6 % għat-tielet sena, 7 % għar-raba' sena u mbagħad 8 % annwalizzata għall-aħħar sitt xhur) ([50]).

(107) Il-liġi dwar l-HFSF kif emendata fl-2014 tistabbilixxi li huma biss il-prezzijiet tal-eżerċitar taċ-ċertifikati li jistgħu jiġu aġġustati f'każ ta' ħruġ ta' drittijiet. Barra minn hekk, kwalunkwe aġġustament bħal dan isehh *ex post* u biss sal-ammont tar-rikavat irrealizzat mill-bejgħ tad-drittijiet ta' prelazzjoni tal-HFSF. Ma huwa previst ebda aġġustament f'każ ta' żieda fil-kapital azzjonarju mhux ta' prelazzjoni.

2.3.4. **Il-miżuri ta' għajnuna għan-negozji akkwistati (il-miżura Ċ)**

2.3.4.1. *Il-miżuri ta' għajnuna għal ATE*

(108) Kif issemma fil-premessa 58, fiż-żmien tad-Deċiżjoni dwar ir-Ristrutturar ta' ATE, ATE kien diġà bbenefika minn miżuri ta' għajnuna.

(109) F'Diċembru 2011, l-Istat Grieg injetta EUR 290 miljun f'ATE.

(110) Ir-riżoluzzjoni tas-27 ta' Lulju 2012, kif deskritta fil-premessi 62 u 63, kienet tinvolvi wkoll appoġġ addizzjonali mill-Istat. L-HFSF ta lill-Bank bonds tal-EFSF b'valur ta' EUR 7 471 miljun sabiex tiġi koperta d-diskrepanza tal-likwidità. L-HFSF impenja ruħu wkoll li jirrikapitalizza lill-Bank għal ammont ta' EUR 570 miljun.

(111) B'mod ġenerali, l-għajnuna relatata mal-proċedura ta' Xiri u Suppożizzjoni tammonta għal EUR 8 041 miljun.

2.3.4.2. *Il-miżuri ta' għajnuna għall-operazzjonijiet Griegi tat-tliet Banek Ċiprijotti (il-miżura Ċ)*

(112) Kif issemma diġà fil-premessi 77 u 101, fiż-żmien tal-akkwiżizzjoni tal-operazzjonijiet Griegi tat-tliet Banek Ċiprijotti, l-HFSF impenja ruħu li jipprovdi EUR 524 miljun ta' kapital lill-Bank (il-miżura Ċ). Dak l-impenn kien implimentat f'Ġunju 2013 ([51]).

2.4. IL-PJAN TA' RISTRUTTURAR

2.4.1. **Operazzjonijiet domestiċi**

(113) Permezz tal-pjan ta' ristrutturar, il-Bank sejjer jiffoka fuq l-attivitajiet bankarji prinċipali tiegħu fil-Greċja.

(114) L-enfasi ewlenija hija li l-operazzjonijiet bankarji Griegi jinġiebu lura għal profittabbiltà u vijabbiltà. Għal dak il-għan, il-pjan ta' ristrutturar jinkludi għadd ta' miżuri li huma mmirati biex itejbu l-effikaċja operattiva u l-marġini tal-imgħax nett tal-Bank, kif ukoll miżuri li jsaħħu l-pożizzjoni kapitali u l-istruttura tal-karta bilanċjali tiegħu.

(115) Fir-rigward tal-effikaċja operattiva, il-Bank diġà beda programm vast ta' razzjonalizzazzjoni.

([45]) http://www.piraeusbankgroup.com/~/media/Com/Piraeus-Bank-Documents/Press-Releases/2013/Anakoinwsi-apokomis-DS-gia-AMK.pdf.
([46]) http://www.piraeusbankgroup.com/en/press-office/announcement/2013/06/anakoinosi-kalipsis.
([47]) http://www.hfsf.gr/files/HFSF_activities_Jan_2013_Jun_2013_en.pdf.
([48]) http://www.hfsf.gr/files/HFSF_activities_Jan_2013_Jun_2013_en.pdf.
([49]) http://www.piraeusbankgroup.com/~/media/Com/Downloads/Investors/PIRAEUS-BANKS-ANNOUNCEMENTS-ON-THE-CHARACTERISTICS-OF-HFSF-WARRANTS.pdf.
([50]) Pereżempju, il-prezz tal-eżerċizzju fit-2 ta' Jannar 2014 kien EUR 1,7340, fit-2 ta' Lulju 2014 kien EUR 1,7680, fit-2 ta' Jannar 2015 sejjer ikun EUR 1,8105, fit-2 ta' Lulju 2015 sejjer ikun EUR 1,8530 u jibqa' jiżdied b'dan il-mod.
([51]) Ara t-Taqsima 2.3.3.4.

(116) Mill-31 ta' Diċembru 2011 sal-31 ta' Diċembru 2013, il-Bank naqqas il-preżenza fiżika tiegħu fil-Greċja b'total ta' 322 fergħa, billi ħa f'kunsiderazzjoni r-ristrutturar tal-entitajiet akkwistati wara d-data tal-akkwiżizzjoni. Il-Bank żamm ritmu sostnut fl-2014, b'[…] għeluq diġà kompluti fl-ewwel semestru.

Tabella 9

Ir-ristrutturar tan-netwerk tal-fergħat Griegi 2010 - l-ewwel nofs tal-2014

Perjodu	2011	2012	2013	L-ewwel nofs tal-2014
In-numru totali ta' fergħat fil-bidu tal-perjodu jew fid-data tal-akkwiżizzjoni	360	918	1 316	1 037
Li minnhom Piraeus	(…)	(…)	(…)	(…)
ATE	(…)	(…)		
Geniki	(…)	(…)		
Fergħat Ċiprijotti	(…)	(…)	(…)	
MBG	(…)	(…)	(…)	
Tmiem totali tal-perjodu	346	889	1 037	899
Għeluq ta' fergħat totali matul il-perjodu	14	29	279	138

Sors: pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, pp. 40 u 125, Rapporti Annwali tal-2011 u tal-2012

(117) Il-Bank naqqas ukoll l-għadd totali ta' servizzi bankarji u mhux bankarji fil-Greċja matul il-perjodu 2011-2013 b'2 519-il impjegat. B'mod partikolari, 2 114-il tluq kienu attribwibbli għall-iskema ta' rtirar volontarju li ġiet implimentata mill-Bank.

Tabella 10

It-tnaqqis tal-għadd totali ta' impjegati Griegi matul il-perjodu 2010 – 2013

Perjodu	2011	2012	2013
Għadd ta' impjegati totali fil-bidu tal-perjodu jew fid-data tal-akkwiżizzjoni	6 370	12 616	18 628
Li minnhom Piraeus	(…)	(…)	(…)
ATE	(…)	(…)	
Geniki	(…)	(…)	
Fergħat Ċiprijotti	(…)	(…)	(…)
MBG	(…)	(…)	(…)
Tmiem totali tal-perjodu	6 172	12 365	16 558
Tnaqqis fl-għadd ta' ħaddiema	198	251	2 070

Sors: pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, pp. 40 u 125, Rapporti Annwali tal-2011 u tal-2012

(118) Minn Diċembru 2013 sal-aħħar tal-2017, il-Bank qiegħed jippjana li jkompli jnaqqas, fil-Greċja, l-ammont totali ta' impjegati tiegħu (minn 16 558 għal […] impjegati) u d-daqs tan-netwerk tiegħu (minn 1 037 għal […] fergħat). ([52]) […]

([52]) Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 117.

(119) L-effikaċja miżjuda f'termini tal-fergħat u l-persunal sabiex l-ispiża totali tal-attivitajiet Griegi tal-Bank titnaqqas b'[…]% minn EUR 1 394 miljun fuq bażi pro forma fl-2013 għal EUR […] miljun ([53]) fl-2017 ([54]). B'riżultat ta' dan, il-proporzjon spejjeż-dħul mistenni tal-attivitajiet Griegi tiegħu għandu jinżel taħt […]% fi tmiem il-perjodu tar-ristrutturar.

(120) Il-pjan ta' ristrutturar jiddeskrivi wkoll kif il-Bank sejjer inaqqas l-ispejjeż tal-finanzjament tiegħu, li huwa kruċjali għat-treġġigħ lura tal-vijabbiltà. Il-Bank qiegħed jistenna li jkun jista' jħallas rati tal-imgħax aktar baxxi fuq id-depożiti tiegħu fl-isfond tal-ambjent aktar stabbli u, b'mod partikolari, l-istabbilizzazzjoni u l-irkupru antiċipati tal-ekonomija Griega, li mistennija terġa' tikber mill-2014 'il quddiem. Il-marġini mħallsin fuq id-depożiti mistennija jonqsu fil-Greċja ([55]). Dak it-tnaqqis fil-marġini jinkiseb primarjament billi jitħallsu rati ferm aktar baxxi fuq id-depożiti b'terminu. Bl-istess mod, id-dipendenza tal-Bank fuq ELA u l-finanzjament usa' mill-Eurosistema sejra tonqos minn aktar minn 45 % tal-assi totali tiegħu fl-2012 għal inqas minn […]% fl-2017 ([56]).

(121) Il-pjan ta' ristrutturar jantiċipa li l-Bank sejjer isaħħaħ ukoll il-karta bilanċjali tiegħu. Il-proporzjon self-depożitu nett tiegħu fil-Greċja sejjer jonqos għal […]% fl-2017 (minn 114 % fl-2013 ([57])), filwaqt li l-adegwatezza kapitali tiegħu mistennija tkompli titjieb.

(122) Prijorità oħra tal-Bank hija l-immaniġġjar tas-self improduttiv ("NPL"). Il-Bank sejjer itejjeb il-proċessi tal-krediti tiegħu kemm fir-rigward tal-oriġini tas-self (kopertura kollaterali aħjar u limiti mnaqqsa) kif ukoll fir-rigward tal-immaniġġjar tal-NPL. Ir-rata tal-NPL sejra tilħaq qrib […]% fl-[…] u mbagħad tibda tonqos, b'rata mistennija ta' madwar […]% fi tmiem il-perjodu tar-ristrutturar ([58]). L-ispiża tar-riskju (indebolimenti tat-telf mis-self) sejra tonqos minn qrib EUR 2 biljun fl-2013 għal inqas minn EUR […] miljun fl-2018 ([59]).

(123) It-titjib tal-effikaċja operattiva, iż-żieda tal-marġini tal-imgħax nett u l-ispiża dejjem tonqos tar-riskju se jippermettu lill-Bank ikun profittabbli fil-Greċja mill-[…] 'il quddiem. Il-Bank qiegħed jantiċipa li l-profitti tiegħu sejrin jaqbżu EUR […] biljun fl-2018 għall-attivitajiet domestiċi.

2.4.2. **Attivitajiet bankarji internazzjonali**

(124) Bil-għan li jtejjeb il-profittabbiltà tal-attivitajiet barranin tiegħu, il-Bank diġà beda jimplimenta programm ta' tnaqqis sinifikanti tal-ispejjeż fin-netwerk internazzjonali. Bejn l-aħħar tal-2011 u Marzu 2014, in-numru ta' impjegati naqas b'10 % minn 6 634 għal 5 948 u n-numru ta' fergħat naqas bi 18 % minn 499 għal 410 ([60]). L-istruttura tal-portafoll internazzjonali tiegħu ġiet issimplifikata wkoll sabiex titnaqqas il-bażi tal-ispejjeż ([61]).

(125) Il-pjan ta' ristrutturar jenfasizza l-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza tas-sussidjarji barranin fuq il-kumpanija prinċipali Griega tagħhom fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħhom u li tkompli tiġi ssalvagwardjata l-pożizzjoni kapitali tal-Bank.

(126) F'Settembru 2012, il-Bank biegħ l-impriża sussidjarja Amerikana tiegħu, li kienet tammonta għal madwar EUR 0,7 biljun tal-assi (13-il fergħa u 158 impjegat).

(127) Il-Bank sejjer inaqqas l-iskopertura tal-assi barranin tiegħu għal EUR […] biljun fl-aħħar ta' Ġunju 2018. Dik il-figura tirrappreżenta tnaqqis ta' […]% ([62]) meta mqabbla mal-aħħar tal-2012 ([63]).

(128) It-tnaqqis tal-assi barranin sejjer ikun ftit iżgħar - għal EUR […] biljun - f'każ li […] ([64]). F'dak il-każ it-tnaqqis totali tal-assi barranin ikun jammonta għal […]% meta mqabbel mal-aħħar tal-2012.

(129) Madankollu, minflok jikkonforma mal-limitu massimu msemmi fuq tal-assi totali fl-aħħar ta' Ġunju 2018, il-Bank jista' jiddeċiedi li jbigħ […] ([65]). F'dak il-każ, l-attivitajiet miżmuma ma jirrappreżentawx aktar minn […]% tal-attivitajiet barranin totali tal-Bank fl-aħħar tal-2012.

(130) Il-Bank sejjer inaqqas il-finanzjament totali tiegħu għall-impriżi sussidjarji barranin.

([53]) Inklużi l-kontribuzzjonijiet għall-Fond ta' Garanzija ta' Depożiti u Investiment ("TEKE").
([54]) Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 128.
([55]) Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 117.
([56]) Tabelli tal-pjan ta' ristrutturar sottomessi fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 133.
([57]) Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 117.
([58]) Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 136.
([59]) Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 128.
([60]) Rapport annwali tal-2012 għall-figuri tal-2012, http://www.piraeusbankgroup.com/en/investors/financials/annual-reports. Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 96 għall-figuri tal-2014.
([61]) Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 97.
([62]) Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 149.
([63]) Ara l-Impenji fl-Anness, il-kapitolu I.
([64]) Ara l-Impenji fl-Anness, il-kapitolu I.
([65]) Ara l-Impenji fl-Anness, il-kapitolu I.

2.4.3. **Il-ġbir tal-kapital privat u l-kontribuzzjoni mill-azzjonisti eżistenti u mill-krediturі subordinati**

(131) Il-Bank ġabar ammonti sinifikanti ta' kapital fis-suq u b'hekk naqqas l-għajnuna mill-Istat li kienet meħtieġa mill-Bank.

(132) L-ewwel nett, fl-2011, il-Bank ġabar xi kapital privat bi ħruġ ta' drittijiet b'valur ta' EUR 807 miljun ([66]). Kif issemma fil-premessa 104, il-Bank irnexxielu jiġbor ukoll kapital minghand investituri privati permezz tar-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013. L-azzjonisti pre-eżistenti kienu wkoll dilwiti ħafna mir-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013, minħabba li l-HFSF kellu 81 % tal-ishma tal-Bank wara r-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013 u l-investituri ġodda kellhom 17 %, sabiex b'hekk l-azzjonisti pre-eżistenti kien fadlilhom biss 2 % tal-parteċipazzjoni azzjonarja. Mill-2008 'il quddiem ma thallas ebda dividend fi flus kontanti.

(133) F'April 2014, il-Bank ġabar EUR 1 750 miljun ta' kapital mis-suq biex ikopri l-ħtiġijiet kapitali addizzjonali tiegħu u biex iħallas lura l-ishma privileġġati miżmuma mill-Greċja. L-ishma l-ġodda nħarġu bil-prezz ta' EUR 1,7, jiġifieri l-prezz imħallas mill-HFSF fil-qafas tar-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013.

(134) Barra minn hekk, il-bank iġġenera l-kapital billi xtara lura l-istrumenti tad-dejn subordinat u ibridu tiegħu stess bi skont għall-valur nominali. F'Marzu 2012, il-Bank offra li jixtri lura xi strumenti ibridi u tal-grad aktar baxx 2. Il-prezz, iddeterminat fuq il-bażi tal-valur tas-suq u li jinkludi primjum ta' mhux aktar minn għaxar punti perċentwali, kien iffissat bħala 37 % tal-valur nominali tal-istrument ibridu u 50 % tal-valur nominali għall-istrument tal-grad aktar baxx 2. Ir-rati tal-parteċipazzjoni rispettivi kienu 52,8 % u 18,2 %. F'Mejju 2013, il-Bank nieda eżerċizzju addizzjonali ta' ġestjoni tal-obbligazzjonijiet sabiex ikun jista' jixtri lura sa EUR 321 miljun ta' titoli pendenti. Ir-rata tal-parteċipazzjoni kienet ta' 20 %. Dak ix-xiri lura suċċessiv irriżulta fi profitt kapitali totali ta' madwar EUR 120 miljun ([67]).

2.5. IMPENJI TAL-AWTORITAJIET GRIEGI

(135) Fil-25 ta' Ġunju 2014, il-Greċja tat impenn li l-Bank u l-affiljati tiegħu sejrin jimplimentaw il-pjan ta' ristrutturar sottomess fl-istess jum u tat impenji oħrajn rigward l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar ("l-Impenji"). L-Impenji, li jinsabu fl-Anness, huma miġbura fil-qosor f'din it-taqsima.

(136) L-ewwel, il-Greċja tat impenn li l-Bank sejjer jirristruttura l-operazzjonijiet kummerċjali tiegħu fil-Greċja, billi stabbilixxiet numru massimu ta' fergħat u impjegati fil-31 ta' Diċembru 2017 fil-Greċja, kif ukoll ammont massimu ta' spejjeż totali għall-attivitajiet Griegi matul is-sena 2017 ([68]).

(137) Il-Greċja tat ukoll impenn li l-Bank sejjer inaqqas l-ispiża tad-depożiti miġbura fil-Greċja. Hija sejra tikkonforma ma' proporzjon massimu ta' self-depożiti netti fil-31 ta' Diċembru 2017 ([69]). […]

(138) Fir-rigward tas-sussidjarji barranin tal-Bank, il-Greċja tat impenn li l-Bank sejjer inaqqas mill-ingranaġġ tal-assi barranin tiegħu sat-30 ta' Ġunju 2018 ([70]). Barra minn hekk, l-appoġġ ta' likwidità jew ta' kapital lil dawk is-sussidjarji huwa strettament limitat f'termini ta' ammont nominali u ristrett għal ċirkostanzi speċifiċi.

(139) Il-Greċja tat impenn li l-Bank sejjer ibigħ numru ta' titoli. Barra minn hekk, il-Bank mhuwiex sejjer jixtri titoli fi grad mhux ta' investiment, b'xi eċċezzjonijiet limitati ([71]).

(140) Il-Greċja tat numru ta' impenji relatati mal-governanza korporattiva tal-Bank. Hija impenjat li tillimita r-rimunerazzjoni tal-impjegati u tal-maniġers tal-Bank ([72]).

(141) Il-Greċja tat ukoll impenn li l-Bank sejjer japplika politika ta' kreditu prudenti, sabiex jiżgura li d-deċiżjonijiet dwar l-għoti u r-ristrutturar tas-self ikunu mmirati biex jimmassimizzaw il-vijabbiltà u l-profittabbiltà tal-Bank. Il-Bank sejjer jikkonforma mal-istandards għoljin li jirrigwardjaw il-monitoraġġ tar-riskju ta' kreditu, kif ukoll ir-ristrutturar tas-self ([73]).

(142) Numru ta' impenji jittrattaw l-operazzjonijiet tal-Bank mal-mutwatarji konnessi. Dawk l-impenji għandhom l-għan li jiżguraw li l-Bank ma jiddevjax mill-prattiki bankarji prudenti meta, pereżempju, jagħti jew jirristruttura self lill-impjegati, lill-maniġers u lill-azzjonisti tiegħu, kif ukoll lil entitajiet pubbliċi, partiti politiċi u kumpaniji tal-midja ([74]).

([66]) Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 44.
([67]) Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 147.
([68]) Ara l-Impenji fl-Anness, il-kapitolu II.
([69]) Ara l-Impenn fl-Anness, il-kapitolu II.
([70]) Ara l-Anness, il-kapitolu II.
([71]) Ara l-Anness, il-kapitolu II.
([72]) Ara l-Anness, il-kapitolu III, it-taqsima A.
([73]) Ara l-Anness, il-kapitolu III, it-taqsima A.
([74]) Ara l-Anness, il-kapitolu III, it-taqsima A.

(143) Fl-aħħar nett, il-Greċja tat impenn li l-Bank sejjer jikkonforma ma' xi limitazzjonijiet komportamentali, bħal projbizzjoni fuq il-kupuni u d-dividendi, projbizzjoni fuq l-akkwiżizzjoni u projbizzjoni fuq ir-reklamar tal-appoġġ mill-Istat ([75]).

(144) Dawk l-impenji sejrin jiġu mmonitorjati sal-31 ta' Diċembru 2018 minn fiduċjarju tal-monitoraġġ.

(145) Separatament, fis-sottomissjoni tagħha tal-25 ta' Ġunju 2014, il-Greċja indikat li hija tfittex l-approvazzjoni tal-Kummissjoni qabel kwalunkwe xiri lura taċ-ċertifikati mill-Bank jew minn kwalunkwe entità tal-Istat, inkluż l-HFSF ([76]).

3. IR-RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI FUQ L-EWWEL RIKAPITALIZZAZZJONI TRANŻITORJA

(146) Fis-27 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali sabiex tivverifika jekk il-kondizzjonijiet tal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008 ([77]) ġewx issodisfati fir-rigward tal-adegwatezza, in-neċessità u l-proporzjonalità tal-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja pprovduta mill-HFSF favur il-Bank (il-miżura B1).

(147) Fir-rigward tal-adegwatezza tal-miżura, il-Kummissjoni, fid-dawl tal-fatt li l-għajnuna waslet wara rikapitalizzazzjoni u għajnuna ta' likwidità minn qabel u minħabba l-perjodu ta' salvataġġ imtawwal, esprimiet dubji dwar jekk ittieħdux l-azzjonijiet kollha possibbli mill-Bank sabiex jevita li terġa' tkun meħtieġa tali għajnuna fil-ġejjieni ([78]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma kinitx ċara dwar min ser ikun qiegħed jikkontrolla l-Bank fil-ġejjieni ladarba l-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja tiġi sostitwita minn rikapitalizzazzjoni permanenti ([79]) billi l-Bank jista' jsib ruħu jew taħt il-kontroll tal-Istat jew inkella taħt il-kontroll tas-sidien privati minoritarji li jistgħu jgawdu minn kontroll u ingranaġġ għoli. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni indikat li l-kwalità tal-ġestjoni tal-Bank u, b'mod partikolari, il-proċess tas-self tiegħu, għandhom jiġu ppreservati, sabiex huwa jkun jista' jsib l-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja xierqa.

(148) Fir-rigward tan-neċessità tal-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja, fil-premessa 70 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus, il-Kummissjoni staqsiet jekk ittieħdux il-miżuri kollha possibbli sabiex jiġi evitat li l-Bank jerġa' jkollu bżonn l-għajnuna fil-ġejjieni. Minbarra dan, billi t-tul tal-perjodu tar-rikapitalizzazzjoni tranżitorja kien inċert, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi jekk dan kienx suffiċjenti u konformi mal-prinċipji tar-rimunerazzjoni u tal-kondiviżjoni tal-piżijiet skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, billi t-termini tal-konverżjoni tal-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja f'rikapitalizzazzjoni permanenti ma kinux magħrufa fiż-żmien li ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus, il-Kummissjoni ma setgħetx tivvalutahom.

(149) Fir-rigward tal-proporzjonalità tal-miżura, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk is-salvagwardji (il-projbizzjoni fuq ir-reklamar tal-appoġġ mill-Istat, il-projbizzjoni fuq il-kupuni u d-dividendi, il-projbizzjoni fuq opzjoni eżerċitabbli u l-projbizzjoni fuq ix-xiri lura kif deskritti fil-premessa 76 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus) kinux suffiċjenti b'rabta mal-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja. Barra minn hekk, fil-premessa 77 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus, il-Kummissjoni qalet li n-nuqqas ta' regoli li jipprevjenu lill-HFSF milli jikkoordina l-akbar erba' banek ewlenin (jiġifieri, il-Bank, Eurobank, NBG u Alpha Bank) u n-nuqqas ta' salvagwardji adegwati li jwaqqfuhom milli jikkondividu informazzjoni kummerċjalment sensittiva jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni pproponiet li jinħatar fiduċjarju tal-monitoraġġ, li jkun fiżikament preżenti fil-Bank.

4. KUMMENTI MILL-PARTIJIET INTERESSATI DWAR IL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI FUQ L-EWWEL RIKAPITALIZZAZZJONI TRANŻITORJA

4.1. KUMMENTI MILL-BANK

(150) Fit-30 ta' Awwissu 2012, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mill-Bank dwar id-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus.

(151) Fir-rigward tal-adegwatezza tal-miżuri, il-Bank innota li l-kriżi tad-dejn fil-Greċja u fiż-żona tal-euro kienet sitwazzjoni mingħajr preċedenti. L-injezzjoni tal-kapital f'Mejju 2009, ekwivalenti għal 1,0 % tal-RWA, kienet reazzjoni diretta għat-turbulenza eċċezzjonali fis-swieq finanzjarji globali. Fl-aħħar tal-2011, l-injezzjoni ta' kapital addizzjonali ta' EUR 380 miljun mill-Greċja kienet ekwivalenti għal 1,1 % tal-RWA tal-Bank f'dak iż-żmien u kienet maħsuba biex tindirizza n-nuqqas ta' kapital li kien mistenni jirriżulta mir-reċessjoni dejjem tiggrava. Ir-rikapitalizzazzjoni ta' EUR 4,7 biljun tal-Bank mill-HFSF kienet l-ewwel parti tar-rikapitalizzazzjoni li tindirizza n-nuqqas ta' kapital li rriżulta mill-PSI u mill-valutazzjoni tal-portafolli tas-self imwettqa minn Blackrock ([80]) kif ukoll mir-reċessjoni dejjem tiggrava.

([75]) Ara l-Anness, il-kapitolu III, it-taqsima Ċ.

([76]) "Fl-aħħar nett, fir-rigward taċ-ċertifikati maħruġa mill-HFSF, għandu jiġi kkjarifikat li r-Repubblika Ellenika se tfittex l-approvazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea qabel kwalunkwe xiri lura taċ-ċertifikati minn Alpha Bank jew minn kwalunkwe entità tal-Istat (inkluż l-HFSF), sabiex b'hekk il-Kummissjoni Ewropea tkun tista' tivverifika li x-xiri lura previst taċ-ċertifikati ma jmurx kontra r-rekwiżiti tar-rimunerazzjoni tal-Istat skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat."

([77]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni - L-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fejn jidħlu istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali attwali (ĠU C 270, 25.10.2008, p. 8).

([78]) Il-Premessa 64 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus.

([79]) Il-Premessa 68 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus.

([80]) Ara l-premessa 35.

(152) Huwa kien tal-fehma wkoll li l-ħatra mill-Greċja u mill-HFSF ta' membru wieħed u żewġ membri, rispettivament, fil-Bord tad-Diretturi tal-Bank bħala r-rappreżentanti tagħhom, kif ukoll ta' membru wieħed tal-HFSF bħala membru tal-Kumitat għar-Riskji tal-Bord tal-Bank, flimkien ma' oħrajn, iggarantixxiet li huwa ma jkunx jista' jieħu riskji eċċessivi.

(153) Fir-rigward tan-neċessità tal-miżuri, il-Bank ikkummenta li l-forma tar-rikapitalizzazzjoni bħala finanzjament tranżitorju ġiet deċiża mill-awtoritajiet Griegi u mill-Unjoni Ewropea, mill-FMI u mill-BĊE u li l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni tranżitorja ta' EUR 4,7 biljun kważi paċa l-effett tal-PSI. Fir-rigward tal-konverżjoni tar-rikapitalizzazzjoni tranżitorja f'kapital permanenti, wara l-perjodu mtawwal mingħajr gvern fil-Greċja fit-tieni kwart tal-2012, ladarba ġiet approvata struttura finali, inevitabbilment tiġi attivata d-dilwizzjoni tal-azzjonisti eżistenti u jintlaħaq qbil fuq rimunerazzjoni adegwata (skont it-termini u l-istrumenti użati).

(154) Fir-rigward tal-proporzjonalità tal-miżuri, il-Bank innota li mill-2009 huwa beda jaġġusta l-prattiki tas-self tiegħu billi applika kriterji ta' kreditu aktar stretti, termini ta' ħlas lura aċċellerat u limiti ta' kreditu mnaqqsa. Mill-ewwel kwart tal-2009, it-talbiet kollha għal żborżamenti fuq ammont speċifiku ġew rieżaminati u approvati mill-viċi Direttur Maniġerjali u mill-Maniġer Ġenerali/Kreditu tal-Grupp. Huwa mhux ser ibiddel il-prattiki tan-negozju attwali tiegħu kif stipulati fil-pjan tan-negozju sottomess lill-Bank of Greece u mhux ser idgħajjef l-istandards tas-self attwali. Dawk l-istandards kienu fost l-aktar stretti fl-industrija, kif indikat ukoll mir-riżultati tajbin ħafna miksuba mill-Bank fl-eżerċizzju dijanjostiku ta' Blackrock Solutions. Dawk l-intenzjonijiet jiġu garantiti mir-rappreżentanza tal-Greċja u tal-HFSF fil-Bord tad-Diretturi tal-Bank.

(155) Fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni għall-ħatra ta' fiduċjarju tal-monitoraġġ, il-fehma tal-Bank kienet li diġà kien qiegħed isir monitoraġġ mill-qrib minn diversi partijiet terzi, bħall-Bank of Greece, awdituri esterni, ir-rappreżentant tal-Greċja u r-rappreżentanti tal-HFSF.

4.2. KUMMENTI MINN BANK GRIEG IEĦOR

(156) Fit-3 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand bank Grieg rigward id-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus. Dak il-bank Grieg ikkummenta li r-rikapitalizzazzjoni tal-banek Griegi mill-HFSF kienet tikkostitwixxi, fil-prinċipju, pass mixtieq lejn sistema bankarja aktar b'saħħitha u vijabbli u ma esprima ebda oġġezzjoni għar-rikapitalizzazzjoni tal-Bank.

(157) Madankollu, filwaqt li esprima l-appoġġ kollu tiegħu għall-prinċipju tar-rikapitalizzazzjoni tal-banek Griegi mill-HFSF, dak il-bank Grieg spjega li, sabiex jitnaqqsu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tiġi evitata d-diskriminazzjoni, huwa kien qiegħed jistenna li r-rikapitalizzazzjoni mill-HFSF tkun miftuħa għall-banek kollha li joperaw fil-Greċja taħt kondizzjonijiet simili.

5. KUMMENTI MILL-GREĊJA DWAR IL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI FUQ L-EWWEL RIKAPITALIZZAZZJONI TRANŻITORJA

(158) Fil-5 ta' Settembru 2012, il-Greċja ssottomettiet il-kummenti tagħha, li tħejjew mill-Bank of Greece u mill-HFSF.

5.1. KUMMENTI MILL-BANK OF GREECE

(159) Fir-rigward tal-adegwatezza tal-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja, il-Bank of Greece innota li l-ammont ta' EUR 18-il biljun ta' kapital li permezz tiegħu l-HFSF irrikapitalizza l-akbar erba' banek Griegi f'Mejju 2012 kien inqas mill-ammont finali li kien meħtieġ għal dawk il-banek sabiex gradwalment ikunu jistgħu jilħqu u jżommu proporzjon ta' kapital fil-Grad 1 iffissat f'perċentwal ta' 10 % sa Ġunju 2012 u proporzjon ta' kapital fil-Grad 1 iffissat f'perċentwal ta' 7 % taħt xenarju ta' stress avvers fuq perjodu ta' tliet snin. Huwa innota wkoll li l-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja kienet temporanja, meta wieħed iqis li l-proċess ta' rikapitalizzazzjoni sejjer jiġi konkluż b'żidiet ta' kapital azzjonarju minn dawk l-erba' banek.

(160) Il-Bank of Greece osserva wkoll li r-rikapitalizzazzjoni tal-akbar banek Griegi kienet parti mir-ristrutturar fuq perjodu ta' żmien itwal tas-settur bankarju Grieg. Huwa innota li meta bank jibqa' f'idejn il-privat, il-maniġment probabbilment jibqa' l-istess, filwaqt li jekk bank isir tal-Istat (jiġifieri jsir proprjetà tal-HFSF), l-HFSF ikun jista' jaħtar maniġment ġdid li, fi kwalunkwe każ, jiġi vvalutat mill-Bank of Greece. Il-Bank of Greece rrimarka li huwa jivvaluta l-qafas tal-governanza korporattiva, l-adegwatezza tal-ġestjoni u l-profil tar-riskju ta' kull bank fuq bażi kontinwa bil-għan li jiżgura li ma jittieħdux riskji eċċessivi. Huwa rrimarka wkoll li l-HFSF kien diġà ħatar rappreżentanti fil-Bordijiet tad-Diretturi tal-banek rikapitalizzati.

(161) Fir-rigward tan-neċessità tal-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja, il-Bank of Greece osserva li r-rikapitalizzazzjoni tal-Bank kienet limitata sabiex b'hekk jiġi żgurat li jintlaħqu r-rekwiżiti kapitali minimi applikabbli (8 %). Huwa ddikjara wkoll li l-perjodu ta' żmien imtawwal qabel ir-rikapitalizzazzjonijiet kien dovut għad-deterjorazzjoni qawwija tal-ambjent operattiv fil-Greċja u għall-impatt tal-programm PSI, għall-kumplessità tal-proġett kollu u għall-ħtieġa li tiġi mmassimizzata l-parteċipazzjoni tal-investituri privati fiż-żidiet ta' kapital azzjonarju.

(162) Fir-rigward tal-proporzjonalità tal-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja, il-Bank of Greece rrimarka li l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan ta' ristrutturar li għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni tkun salvagwardjata mill-fatt li s-sospensjoni tad-drittijiet tal-vot tal-HFSF titneħħa jekk, fost l-oħrajn, il-pjan ta' ristrutturar jinkiser b'mod sostantiv. Il-Bank of Greece osserva wkoll li d-diffikultajiet tal-Bank la kienu dovuti għal sottovalutazzjoni tar-riskji mill-maniġment tal-Bank u lanqas għal azzjonijiet kummerċjalment aggressivi.

5.2. KUMMENTI MILL-HFSF

(163) Fir-rigward tal-adegwatezza tal-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja, sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-interferenza potenzjali mill-Istat f'każ li l-Istat jipprovdi ammonti għoljin ta' għajnuna mill-Istat permezz tal-HFSF u l-HFSF ikollu drittijiet sħaħ tal-vot, l-HFSF iddikjara li l-banek iffinanzjati mill-HFSF mhumiex meqjusa bħala entitajiet pubbliċi jew taħt il-kontroll tal-Istat u li mhux ser ikunu kkontrollati mill-Istat wara li jkunu ġew rikapitalizzati b'mod permanenti mill-HFSF. L-HFSF irrimarka li huwa entità legali indipendenti għal kollox li hija rregolata mil-liġi privata b'awtonomija li tieħu deċiżjoni. L-HFSF mhuwiex soġġett għal kontroll mill-gvern, skont l-Artikolu 16(Ċ)(2) tal-liġi dwar l-HFSF, li jgħid li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li lilhom l-HFSF ikun ipprovda appoġġ kapitali mhumiex parti mis-settur pubbliku usa'. Huwa rrefera wkoll għall-istruttura governattiva tal-HFSF.

(164) Fir-rigward tal-intervent tal-HFSF fil-ġestjoni tal-Bank, l-HFSF indika li huwa jirrispetta l-awtonomija tal-Bank u li mhux sejjer jinterferixxi fil-ġestjoni ta' kuljum tiegħu minħabba li r-rwol tiegħu huwa limitat għal dak stipulat fil-Liġi dwar l-HFSF. Huwa ddikjara li mhux ser ikun hemm interferenza jew koordinazzjoni mill-Istat u li d-deċiżjonijiet tal-Bank fir-rigward tal-proċess tas-self (fost l-oħrajn fuq il-kollateral, l-ipprezzar u s-solvenza tal-mutwatarji) jittieħdu fuq il-bażi ta' kriterji kummerċjali.

(165) L-HFSF irrimarka li l-Liġi dwar l-HFSF u l-ftehim ta' qabel is-sottoskrizzjoni kien fihom salvagwardji xierqa maħsuba biex iwaqqfu lill-azzjonisti privati eżistenti milli jieħdu riskji eċċessivi. Huwa għamel referenza għal elementi bħal (i) il-ħatra tar-rappreżentanti tal-HFSF bħala membri mhux eżekuttivi indipendenti tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank u l-preżenza tagħhom fil-kumitati, (ii) it-twettiq ta' diliġenza dovuta mill-HFSF fil-Bank u (iii) il-fatt li, wara r-rikapitalizzazzjoni finali, id-drittijiet tal-vot tiegħu sejrin ikunu ristretti biss sakemm il-Bank ikun konformi mat-termini tal-pjan ta' ristrutturar.

(166) L-HFSF qal li hemm miżuri xierqa fis-seħħ li huma maħsuba biex jiggarantixxu li l-banek li fihom jipparteċipa l-HFSF ma jikkondividux informazzjoni kummerċjalment sensittiva bejniethom. Dawn jinkludu l-ħatra ta' rappreżentanti differenti tal-HFSF f'dawk il-banek, il-mandati indirizzati lil dawk ir-rappreżentanti li jissalvagwardjaw speċifikament kontra l-fluss tal-informazzjoni minn rappreżentant għal ieħor u struzzjonijiet interni ċari lil dawk ir-rappreżentanti sabiex ma jittrasmettux informazzjoni kummerċjalment sensittiva tal-banek. Barra minn hekk, l-HFSF qal li huwa ma jeżerċitax id-drittijiet tiegħu fir-rigward tal-banek b'mod li jista' jipprevjeni, jirrestrinġi, ifixkel jew inaqqas jew jimpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva. Fl-aħħar nett, l-HFSF irrimarka li l-membri tal-Bord tad-Diretturi tiegħu, flimkien mal-impjegati tiegħu, huma soġġetti għal regoli stretti ta' kunfidenzjalità u doveri fiduċjarji, kif ukoll huma marbutin b'dispożizzjonijiet li jikkonċernaw is-segretezza professjonali fir-rigward tal-affarijiet tiegħu.

6. VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA RELATATA MAL-AKKWIŻIZZJONI TA' ATE U MAL-OPERAZZJONIJIET GRIEGI TAT-TLIET BANEK ĊIPRIJOTTI

6.1. VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA RELATATA MA' ATE

(167) Fid-Deċiżjoni dwar ir-Ristrutturar ta' ATE, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri deskritti fil-premessi 58 u 108 ta' din id-Deċiżjoni jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat u li huma konformi mas-suq intern.

(168) Fid-Deċiżjoni dwar ir-Ristrutturar ta' ATE, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri deskritti fil-premessi 109 u 110 ta' din id-Deċiżjoni jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat għall-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna lil ATE tkun kompatibbli mas-suq intern biss jekk l-integrazzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE tiġi implimentata skont il-pjan u jekk il-pjan ta' ristrutturar tal-Bank – li jinkludi l-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE – jippermetti li titreġġa' lura l-vijabbiltà fit-tul tiegħu. Dak it-treġġigħ lura tal-vijabbiltà fit-tul sejjer jiġi stabbilit fit-taqsima 7.6.2.

(169) Għalhekk, il-Kummissjoni ma għandhiex bżonn tivvaluta mill-ġdid il-miżuri msemmija qabel u fil-fatt tikkonferma li huma kompatibbli mas-suq intern.

6.2. VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA RELATATA MAL-OPERAZZJONIJIET GRIEGI TAT-TLIET BANEK ĊIPRIJOTTI (IL-MIŻURA Ċ)

6.2.1. **L-eżistenza u l-ammont ta' għajnuna**

(170) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-eżistenza tal-għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat fir-rigward tal-miżura Ċ. Skont dik id-dispożizzjoni, għajnuna mill-Istat hija kwalunkwe għajnuna mogħtija mir-riżorsi ta' Stat Membru fi kwalunkwe forma, tkun xi tkun, li tfixkel, jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti, safejn taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(171) Ir-rikapitalizzazzjoni mill-HFSF tal-Bank għal EUR 524 miljun kienet impenjata f'Marzu 2013 matul il-proċess tas-sejħiet għall-offerti għall-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti. Għalhekk, il-miżura ngħatat f'Marzu 2013. Ir-rikapitalizzazzjoni proprja seħħet fil-qafas tar-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013 ([81]).

(172) Ir-rikapitalizzazzjoni tal-Bank saret mill-HFSF, li huwa entità mwaqqfa u ffinanzjata mill-Greċja sabiex tappoġġja lill-banek u, għaldaqstant, l-iżborżament sar bl-użu ta' riżorsi tal-Istat.

(173) Fir-rigward tal-benefiċjarju tal-għajnuna mill-Istat, ir-rikapitalizzazzjoni, kif ġie spjegat fil-premessa (72), kellha l-għan li tkopri l-ħtiġijiet kapitali li jirriżultaw mill-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti. Barra minn hekk, ir-rikapitalizzazzjoni sejra tkun disponibbli għal kwalunkwe bank Grieg li jakkwista l-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti. L-offerta tal-Bank, kif ippreżentata lill-HFSF għall-approvazzjoni, ħadet f'kunsiderazzjoni rikapitalizzazzjoni mill-HFSF. F'dak iż-żmien, il-kapital kien skars għall-banek Griegi u ebda wieħed minnhom ma kien ikun jista' jakkwista l-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti mingħajr il-wegħda ta' rikapitalizzazzjoni. Għalhekk, anki jekk ir-riċevitur formali tal-kapital ipprovdut mill-HFSF huwa l-Bank, il-Kummissjoni tqis li l-benefiċjarju tal-għajnuna mill-Istat huwa l-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti, minħabba li l-miżura tippermettilhom li jinbiegħu lil bank Grieg. Mingħajr ir-rikapitalizzazzjoni tal-Bank, dawn ma kinux ikunu jistgħu jinkisbu minn bank Grieg. Li kieku dawn kienu jispiċċaw jitħallew fi gruppi li jgħaddu minn diffikultajiet estremi (kemm is-Cyprus Popular Bank kif ukoll il-Bank of Cyprus kienu taħt riżoluzzjoni minħabba l-ħtiġijiet kapitali kbar tagħhom) u, għalhekk, probabbilment kienu jispiċċaw ifallu jew, għall-inqas, kienu jsofru minn ħruġ kbir ta' depożiti. B'rabta mal-eżistenza ta' vantaġġ, il-Kummissjoni tosserva wkoll li r-rikapitalizzazzjoni tal-Bank mill-HFSF mhijiex konformi mal-prinċipju ta' investitur f'ekonomija tas-suq: f'dak iż-żmien ta' inċertezza kbira, investitur privat li jopera taħt kondizzjonijiet tas-suq normali ma kienx jimpenja ruħu li jinjetta ammont kbir ta' kapital fil-Bank fil-ġejjieni mingħajr ma jkun jaf it-termini tal-injezzjoni futura (jiġifieri l-prezz tal-ħruġ) minn qabel.

(174) Barra minn hekk, il-miżura hija *prima facie* selettiva, minħabba li hija tapplika esklussivament għall-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti (li kull waħda minnhom tikkostitwixxi impriża) u mhux għal kwalunkwe impriża oħra.

(175) Fl-aħħar nett, l-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti, jiġifieri, il-fergħat Griegi tat-tliet Banek Ċiprijotti, jikkompetu ma' banek oħrajn, inklużi sussidjarji ta' banek barranin, li huma attivi fil-Greċja jew potenzjalment interessati li jidħlu fis-suq Grieg. B'hekk, is-salvataġġ ta' dawk l-attivitajiet ifixkel il-kompetizzjoni u għandu effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(176) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li r-rikapitalizzazzjoni tal-Bank mill-HFSF li tammonta għal EUR 524 miljun tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

Il-Benefiċjarju tal-għajnuna mill-Istat

(177) Kif ġie spjegat diġà fil-premessa 173, il-Kummissjoni tqis l-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti bħala l-benefiċjarju tal-iżborżament tal-bonds tal-EFSF mill-HFSF.

(178) Barra minn hekk, kif ġie spjegat fil-premessi 71 u 173, l-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti, jiġifieri, il-fergħat Griegi tat-tliet Banek Ċiprijotti, kellhom jiġu akkwistati minn bank ieħor għal raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja u primarjament minħabba li t-tliet Banek Ċiprijotti kienu jinsabu f'sitwazzjoni diffiċli ħafna. Għalhekk, il-kwistjoni tal-bejgħ tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti u jekk dak il-bejgħ jinvolvix għajnuna mill-Istat lix-xerrej, jiġifieri l-Bank, għandha tiġi eżaminata taħt it-taqsima "Il-vijabbiltà permezz tal-bejgħ ta' bank" tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar. ([82]).

([81]) Ara l-premessa 101.

([82]) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-treġġigħ lura għall-vijabbiltà u l-valutazzjoni tal-miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat (ĠU C 195, 19.8.2009, p. 9).

(179) Għall-finijiet ta' dak il-bejgħ, il-Bank of Greece ddeċieda li jikkuntattja biss lill-akbar banek domestiċi li joperaw fil-Greċja, li minnhom kienu biss il-Bank u żewġ banek oħrajn li ssottomettew offerti mhux vinkolanti. Il-Bank huwa l-uniku offerent li ssottometta offerta vinkolanti valida. Is-sett limitat ta' xerrejja li ġew ikkuntattjati ma jistax jeskludi li l-offerta kienet miftuħa meta wieħed iqis li kien raġonevoli li ma tkunx mistennija offerta formali mingħand investituri oħrajn. Tabilħaqq, f'dak iż-żmien, minħabba n-nuqqas ta' stabbiltà finanzjarja tas-sistema bankarja Griega, li rreġistrat telf kbir mis-self minħabba r-reċessjoni profonda u fit-tul, il-banek barranin preżenti fil-Greċja ċedew, jew kienu waslu biex iċedu mill-attivitajiet Griegi tagħhom (pereżempju; Geniki, MBG u Emporiki Bank). Fi kliem ieħor, huma kienu qegħdin joħorġu mis-suq Grieg u ma kinux qegħdin ifittxu opportunitajiet ta' investimenti ġodda fil-Greċja. Barra minn hekk, huwa raġonevoli li wieħed jassumi li kien biss investitur li kapaċi jistabbilizza l-attivitajiet akkwistati malajr u jagħmilhom vijabbli - jiġifieri grupp bankarju kbir - li seta' jkun interessat f'dawk l-attivitajiet. Fl-aħħar nett, minħabba l-limitu ta' żmien qasir ħafna disponibbli għall-għeluq tal-bejgħ - li kien iddettat mill-kriżi finanzjarja li matulha kienu qegħdin joperaw il-banek soġġetti għall-bejgħ - il-parteċipazzjoni tal-banek barranin jew ta' tipi oħrajn ta' investituri fil-proċedura tal-bejgħ kienet improbabbli ħafna, billi dawk l-investituri normalment ikunu jridu li titwettaq diliġenza dovuta tal-assi offruti għall-bejgħ qabel jissottomettu offerta formali.

(180) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-prezz tal-bejgħ tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti kien il-prezz tas-suq u li l-għajnuna pprovduta lix-xerrej, jiġifieri l-Bank, tista' tiġi eskluża.

6.2.2. **Il-bażi legali għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà**

(181) L-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex issib li l-għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern jekk din tkun intiża "biex tirrimedja taqlib serju fl-ekonomija ta' Stat Membru".

(182) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-kriżi finanzjarja globali tista' toħloq taqlib serju fl-ekonomija ta' Stat Membru u li l-miżuri li jappoġġjaw lill-banek jistgħu jirrimedjaw dak it-taqlib. Dan kien ikkonfermat fil-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008, fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u fil-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar. Il-Kummissjoni xorta waħda tqis li r-rekwiżiti għall-għajnuna mill-Istat li għandha tiġi approvata skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat huma ssodisfati fid-dawl tal-istress li reġa' tfaċċa fis-swieq finanzjarji. Il-Kummissjoni kkonfermat dik il-fehma billi adottat il-Komunikazzjoni dwar l-Estensjoni tal-2011 ([83]) u l-Komunikazzjoni Bankarja tal-2013 ([84]).

(183) Fir-rigward tal-ekonomija Griega, fid-deċiżjonijiet tagħha li japprovaw u jestendu l-Iskema ta' Appoġġ lill-Banek Griegi, kif ukoll fl-approvazzjonijiet minnha tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Greċja lil banek individwali ([85]), il-Kummissjoni rrikonoxxiet li teżisti theddida ta' taqlib serju fl-ekonomija Griega u li l-appoġġ mill-Istat lill-banek huwa xieraq sabiex jiġi rrimedjat dak it-taqlib. Għalhekk, il-bażi legali għall-valutazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna għandha tkun l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat.

(184) Matul il-kriżi finanzjarja, il-Kummissjoni żviluppat kriterji ta' kompatibbiltà għat-tipi differenti ta' miżuri ta' għajnuna. Il-prinċipji għall-valutazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna ġew stipulati għall-ewwel darba fil-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008.

(185) B'konformità mal-punt 15 tal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008, sabiex għajnuna tkun kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat, hija għandha tikkonforma mal-kriterji ġenerali għall-kompatibbiltà:

(a) *Adegwatezza:* L-għajnuna għandha tkun immirata sewwa sabiex tkun tista' tilħaq b'mod effettiv l-għan li tirrimedja taqlib serju fl-ekonomija. Dan ma jkunx il-każ jekk il-miżura ma tkunx xierqa sabiex tirrimedja t-taqlib.

(b) *Neċessità:* Il-miżura ta' għajnuna, fl-ammont u l-forma tagħha, trid tkun neċessarja sabiex tilħaq l-għan. Għalhekk, hija trid tkun tal-ammont minimu neċessarju sabiex tilħaq l-għan u tieħu l-aktar forma xierqa sabiex tirrimedja t-taqlib.

(c) *Proporzjonalità:* L-effetti pożittivi tal-miżura jridu jkunu bbilanċjati b'mod xieraq kontra d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, sabiex b'ħekk id-distorsjonijiet ikunu limitati għall-minimu neċessarju sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-għanijiet tal-miżura.

([83]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Jannar 2012, ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li huma maħsuba biex jappoġġjaw il-miżuri favur l-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja (ĠU C 356, 6.12.2011, p. 7).

([84]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li huma maħsuba biex jappoġġjaw il-miżuri favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja (ĠU C 216, 30.7.2013, p. 1).

([85]) Ara n-nota 6 f'qiegħ il-paġna.

(186) Matul il-kriżi finanzjarja, il-Kummissjoni żviluppat kriterji tal-kompatibbiltà għat-tipi differenti ta' miżuri ta' għajnuna. Il-prinċipji għall-valutazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna ġew stipulati għall-ewwel darba fil-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008.

(187) Il-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni tistabbilixxi aktar gwida dwar il-livell ta' rimunerazzjoni meħtieġa għall-injezzjonijiet ta' kapital mill-Istat.

(188) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni spjegat fil-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar kif sejra tivvaluta l-pjanijiet ta' ristrutturar. Fil-valutazzjoni tagħha tal-pjan ta' ristrutturar tal-Bank taħt il-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, il-Kummissjoni sejra tieħu f'kunsiderazzjoni l-miżuri kollha li huma elenkati fit-Tabella 11.

6.2.3. **Il-konformità tal-miżura ta' għajnuna Ċ mal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008 u mal-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni**

6.2.3.1. *Adegwatezza*

(189) Fir-rigward tal-adegwatezza tal-miżura, jiġifieri, l-impenn mogħti mill-HFSF għar-rikapitalizzazzjoni tal-Bank b'valur li jammonta għal EUR 524 miljun, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-miżura hija xierqa minħabba li ppermettiet il-bejgħ tal-operazzjonijiet Griegi tat-tliet Banek Ċiprijotti lill-Bank.

(190) Fin-nuqqas tal-miżura, ebda wieħed mill-banek Griegi, inkluż il-Bank, ma kien ikun irid jakkwista l-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti fi żmien meta ebda bank minn barra l-Greċja ma ried jidħol f'dak is-suq. Li kieku ma ġewx akkwistati l-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti, dawk l-attivitajiet u, b'mod partikolari, id-depożiti tal-fergħat Griegi kienu jsibu ruħhom fil-periklu. Għalhekk, il-miżura żgurat li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja fil-Greċja. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ssib li l-miżura hija xierqa bħala għajnuna ta' salvataġġ.

6.2.3.2. *Neċessità*

(191) B'konformità mal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008, il-miżura ta' għajnuna trid, fl-ammont u l-forma tagħha, tkun neċessarja sabiex tilħaq l-għan tal-miżura. Hija timplika li injezzjoni ta' kapital, pereżempju, trid tkun tal-ammont minimu neċessarju sabiex tilħaq dak l-għan.

(192) Fi żmien meta kien diffiċli ħafna għall-banek Griegi sabiex isibu l-kapital, il-miżura kopriet il-ħtiġijiet kapitali li jirriżultaw mill-ħlas tal-prezz tax-xiri għall-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti sabiex tkun tista' sseħħ l-akkwiżizzjoni.

(193) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota b'mod pożittiv li l-għajnuna ħadet il-forma ta' injezzjoni ta' kapital fil-qafas tar-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013 billi l-HFSF ma ta ebda għotja lill-Bank iżda rċieva ishma ordinarji għall-istess valur.

(194) Għalhekk, il-miżura hija meħtieġa sabiex jintlaħaq l-għan tal-limitazzjoni tat-taqlib fis-sistema bankarja Griega u fl-ekonomija b'mod ġenerali.

6.2.3.3. *Proporzjonalità*

(195) L-attivitajiet megħjuna nbiegħu wara li l-awtoritajiet Griegi nedew sejħa għall-offerti. Barra minn hekk, l-attivitajiet akkwistati malajr ġew integrati fi ħdan il-Bank. L-għajnuna ma ppermettietx li l-attivitajiet megħjuna jibqgħu bħala kompetituri separati fis-suq.

(196) Barra minn hekk, l-ammont tal-għajnuna kien relattivament żgħir minħabba li jikkorrispondi għal madwar 3 % tas-self nett totali tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti (jew madwar 3 % tal-RWA tagħhom) ([86]).

(197) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-miżura kienet imfassla b'tali mod li tnaqqas id-distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni.

6.2.3.4. *Konklużjoni dwar il-konformità mal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008 u mal-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni*

(198) Fuq il-bażi tal-analiżi fil-premessi 189 sa 197, huwa konkluż li r-rikapitalizzazzjoni tal-Bank mill-HFSF, li tammonta għal EUR 524 miljun, kienet xierqa, meħtieġa sabiex jintlaħaq l-għan tal-limitazzjoni tat-taqlib fis-sistema bankarja Griega u fl-ekonomija b'mod ġenerali u kienet imfassla b'tali mod li tnaqqas id-distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni, kif ukoll hija konformi mal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008 u mal-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni.

([86]) Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 40.

6.2.4. **Il-konformità tal-miżura ta' għajnuna mal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar**

(199) Kif ġie spjegat fil-premessa 178, il-bejgħ tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti jaqa' taħt it-taqsima tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar dwar "Il-vijabbiltà permezz tal-bejgħ ta' bank". B'konformità mal-punt 17 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, fil-każ tal-bejgħ ta' bank f'diffikultà lil istituzzjoni finanzjarja oħra, ir-rekwiżiti tal-vijabbiltà, il-kontribuzzjoni proprja u l-limitazzjonijiet tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni għandhom jiġu rrispettati.

6.2.4.1. *Il-vijabbiltà fit-tul tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti permezz tal-bejgħ*

(200) Il-punt 17 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar jikkjarifika li l-bejgħ ta' bank f'diffikultà lil istituzzjoni finanzjarja oħra jista' jikkontribwixxi għat-treġġigħ lura tal-vijabbiltà fit-tul, jekk l-akkwirent ikun vijabbli u kapaċi jassorbi t-trasferiment tal-bank f'diffikultà u jkun jista' jgħin sabiex tinkiseb lura l-fiduċja fis-suq.

(201) Il-Bank irnexxielu jintegra b'suċċess l-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti. Kif ġie ddikjarat fit-taqsima 7.6, fuq il-bażi tal-pjan ta' ristrutturar tiegħu, il-Bank jista' jitqies bħala entità vijabbli. Għalhekk, il-fatt li l-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti ġew ittrasferiti lill-Bank jippermetti t-treġġigħ lura għall-vijabbiltà fit-tul tagħhom.

6.2.4.2. *Kontribuzzjoni proprja u kondiviżjoni tal-piżijiet*

(202) Fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-azzjonisti tat-tliet Banek Ċiprijotti għall-ispejjeż tar-ristrutturar, il-Kummissjoni tosserva li t-tliet Banek Ċiprijotti ma biegħux l-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti fil-valur kontabilistiku tagħhom, iżda fil-valur aġġustat skont ir-rapport tal-PIMCO. Barra minn hekk, anki wara li sar dak l-aġġustament, it-tliet Banek Ċiprijotti ttrasferixxew aktar assi minn obbligazzjonijiet lill-Bank. Għalhekk, jista' jingħad li nkisbet kondiviżjoni tal-piżijiet sufiċjenti tal-azzjonisti, ladarba t-telf fil-valur tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti tħallas mill-bejjiegħa tagħhom.

6.2.4.3. *Miżuri maħsuba sabiex jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni*

(203) Fir-rigward tal-miżuri maħsuba biex jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, il-punt 30 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar jistabbilixxi li "il-Kummissjoni tieħu bħala l-punt tat-tluq għall-valutazzjoni tagħha tal-ħtieġa għal tali miżuri, id-daqs, l-iskala u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet li jkollu l-bank inkwistjoni fuq l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ristrutturar kredibbli … In-natura u l-forma ta' tali miżuri jiddependu fuq żewġ kriterji: l-ewwel nett, l-ammont tal-għajnuna u l-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi li taħthom ingħatat u, it-tieni, il-karatteristiċi tas-suq jew swieq li fihom jopera l-bank benefiċjarju."

(204) Kif ġie deskritt fil-premessa 196, l-ammont ta' għajnuna jikkorrispondi għal madwar 3 % tal-RWA tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li dan huwa ammont relattivament żgħir meta wieħed iqis li dan ippermetta l-bejgħ tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti u, kif ġie spjegat fil-premessa 190, iggarantixxa ż-żamma tal-istabbiltà finanzjarja fil-Greċja.

(205) Wara l-bejgħ tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti, il-fergħat Griegi waqfu jeżistu bħala kompetituri awtonomi, hekk kif ġew integrati b'mod sħiħ fil-Bank.

(206) Il-Kummissjoni tikkonkludi li minħabba l-ammont relattivament żgħir ta' għajnuna għall-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti u l-fatt li l-fergħat Griegi mhux ser jibqgħu jeżistu bħala kompetituri awtonomi, ma hemm ebda distorsjoni żejda tal-kompetizzjoni.

6.2.4.4. *Konklużjoni dwar il-konformità mal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar*

(207) Abbażi tal-analiżi fil-premessi 199 sa 206, huwa konkluż li l-bejgħ tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti u l-integrazzjoni tagħhom fil-Bank jiggarantixxu l-vijabbiltà fit-tul tagħhom, li l-għajnuna hija limitata għall-minimu neċessarju u li ma hemm ebda distorsjoni żejda tal-kompetizzjoni, b'konformità mal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

(208) Għalhekk, ir-rikapitalizzazzjoni tal-Bank mill-HFSF, li tammonta għal EUR 524 miljun, għandha tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-suq intern.

7. VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA MOGĦTIJA LILL-BANK

7.1. L-EŻISTENZA U L-AMMONT TAL-GĦAJNUNA

(209) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-eżistenza tal-għajnuna mill-Istat lill-Bank skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

7.1.1. **L-eżistenza tal-għajnuna fil-miżuri mogħtija taħt l-Iskema ta' Appoġġ lill-Banek Griegi**

7.1.1.1. *L-appoġġ ta' likwidità mogħti mill-Istat taħt il-garanzija u l-miżuri ta' self obbligazzjonarju mill-gvern (il-miżura L1)*

(210) Il-Kummissjoni diġà stabbilixxiet fid-deċiżjonijiet li japprovaw u jestendu l-Iskema ta' Appoġġ lill-Banek Griegi ([87]) li l-appoġġ ta' likwidità mogħti taħt l-iskema jikkostitwixxi għajnuna. Fl-2011, il-Bank ħareġ bonds garantiti mill-Istat li kienu jammontaw għal total ta' EUR 9,9 biljun. Il-Greċja sellfet ukoll EUR 1 289 miljun f'bonds tal-gvern lill-Bank. Fl-aħħar ta' Marzu 2014, l-ammont pendenti ta' bonds garantiti mill-Istat u ta' bonds tal-gvern kien ta' EUR 9,9 biljun u EUR 1,024 miljun, rispettivament. ([88]). L-appoġġ ta' likwidità mogħti fil-ġejjieni taħt l-Iskema ta' Appoġġ lill-Banek Griegi wkoll jikkostitwixxi għajnuna.

7.1.1.2. *Rikapitalizzazzjoni mill-Istat mogħtija taħt il-miżura ta' rikapitalizzazzjoni (il-miżura A)*

(211) Il-Kummissjoni diġà stabbilixxiet fid-Deċiżjoni tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-Iskema ta' Appoġġ lill-Banek Griegi li r-rikapitalizzazzjonijiet li għandhom jingħataw taħt il-miżura ta' rikapitalizzazzjoni tagħha jikkostitwixxu għajnuna. Il-Bank irċieva EUR 750 miljun permezz ta' ishma privileġġati, li jirrappreżentaw 2,1 % tal-RWA tal-Bank ([89]).

7.1.2. **L-eżistenza tal-għajnuna fl-ELA garantita mill-Istat (il-miżura L2)**

(212) Il-Kummissjoni kkjarifikat fil-punt 51 tal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008 li l-għoti ta' fondi tal-banek ċentrali lill-istituzzjonijiet finanzjarji ma jikkostitwixxi ebda għajnuna jekk jiġu ssodisfati erba' kondizzjonijiet kumulattivi fir-rigward tas-solvenza tal-istituzzjoni finanzjarja, il-kollateralizzazzjoni tal-faċilità, ir-rata tal-imgħax mitluba lill-istituzzjoni finanzjarja u n-nuqqas ta' kontro-garanzija mill-Istat. Billi l-ELA garantita mill-Istat mogħtija lill-Bank ma tikkonformax ma' dawk l-erba' kondizzjonijiet kumulattivi, b'mod partikolari minħabba li hija garantita mill-Istat u tingħata flimkien ma' miżuri ta' appoġġ oħrajn, ma jistax jiġi konkluż li l-ELA garantita mill-Istat ma tikkostitwixxi ebda għajnuna mill-Istat.

(213) L-ELA garantita mill-Istat tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat. L-ewwel nett, minħabba li l-miżura tinkludi garanzija mill-Istat favur il-Bank of Greece, kwalunkwe telf jitħallas mill-Istat. Għalhekk, il-miżura tinvolvi r-riżorsi Statali. L-ELA tippermetti lill-banek jiksbu finanzjament fi żmien meta ma jkollhom ebda aċċess għas-suq tal-finanzjament tal-operaturi u għall-operazzjonijiet regolari ta' rifinanzjament tal-Eurosistema. Għalhekk, l-ELA garantita mill-Istat tagħti vantaġġ lill-Bank. Minħabba li l-ELA garantita mill-Istat hija limitata għas-settur bankarju, il-miżura hija selettiva. Minħabba li l-ELA garantita mill-Istat tippermetti lill-Bank ikompli jopera fis-suq u tevita li dan jisfa inadempjenti u jkollu joħroġ mis-suq, mela hija titqies bħala li tfixkel il-kompetizzjoni. Billi l-Bank huwa attiv fi Stati Membri oħrajn u billi l-istituzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri oħrajn joperaw jew potenzjalment ikunu interessati li joperaw fil-Greċja, il-vantaġġ mogħti lill-Bank jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(214) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ELA garantita mill-Istat (il-miżura L2) tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. L-ammont ta' ELA garantita mill-Istat varja matul iż-żmien. Fil-31 ta' Diċembru 2012, hija kienet tammonta għal madwar EUR 31,4 biljun. Wara tnaqqis qawwi fl-2013, hija kienet tammonta għal EUR 750 miljun biss fl-aħħar ta' dik is-sena.

7.1.3. **L-eżistenza tal-għajnuna fil-miżuri mogħtija permezz tal-HFSF**

7.1.3.1. *L-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja (il-miżura B1)*

(215) Fit-taqsima 5.1 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus, il-Kummissjoni diġà kkonkludiet li l-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Il-kapital riċevut kien jammonta għal EUR 4,7 biljun.

7.1.3.2. *It-tieni rikapitalizzazzjoni tranżitorja (il-miżura B2)*

(216) Il-miżura B2 ġiet implimentata bir-riżorsi tal-HFSF, li, kif ġie spjegat fil-premessa 65 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus, jinvolvu r-riżorsi Statali.

([87]) Ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna.
([88]) Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 51.
([89]) Ara d-deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus, il-premessa 41.

(217) Fir-rigward tal-eżistenza ta' vantaġġ, il-miżura B2 żiedet il-proporzjon tal-kapital tal-Bank għal livell li ppermettielu jkompli jiffunzjona fis-suq u jikseb aċċess għall-finanzjament mill-Eurosistema. Barra minn hekk, ir-rimunerazzjoni tal-miżura B2 kienet tikkonsisti fl-imgħaxijiet akkumulati fuq in-noti tal-EFSF u fi ħlas addizzjonali ta' 1 %. Minħabba li r-rimunerazzjoni hija evidentement aktar baxxa mir-rimunerazzjoni ta' strumenti kapitali simili fis-suq, ċertament li l-Bank ma kienx ikun jista' jiġbor dak il-kapital fuq tali termini fis-suq. Għalhekk, il-miżura B2 tat vantaġġ lill-Bank mir-riżorsi Statali. Minħabba li l-miżura tpoġġiet disponibbli biss għall-Bank, hija selettiva fin-natura tagħha.

(218) Il-pożizzjoni tal-Bank issaħħet bħala riżultat tal-miżura B2, billi l-Bank kien ipprovdut bir-riżorsi finanzjarji meħtieġa sabiex ikun jista' jkompli jikkonforma mar-rekwiżiti kapitali, sitwazzjoni li b'hekk wasslet għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Billi l-Bank huwa attiv fi swieq bankarji fi Stati Membri oħrajn u billi l-istituzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri oħrajn joperaw fil-Greċja jew potenzjalment ikunu interessati li joperaw fil-Greċja, il-miżura B2 taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(219) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-miżura B2 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Hija kienet innotifikata bħala għajnuna mill-awtoritajiet nazzjonali. Il-kapital riċevut kien jammonta għal EUR 1 553 miljun.

7.1.3.3. *Ittra ta' impenn (il-miżura B3)*

(220) Permezz tal-miżura B3, l-HFSF impenja ruħu li jipprovdi l-kapital addizzjonali meħtieġ sabiex jikkompleta r-rikapitalizzazzjoni tal-Bank sal-ammont mitlub mill-Bank of Greece fil-qafas tat-test tal-istress tal-2012. L-HFSF jirċievi r-riżorsi tiegħu mill-Istat. Għalhekk, l-ittra timpenja riżorsi Statali. Iċ-ċirkostanzi li fihom l-HFSF jista' jagħti appoġġ lill-istituzzjonijiet finanzjarji huma definiti b'mod preċiż u limitati mil-liġi. Għaldaqstant, l-użu ta' dawk ir-riżorsi Statali huwa r-responsabbiltà tal-Istat. L-HFSF impenja li jipprovdi sa EUR 1 082 miljun ta' kapital addizzjonali.

(221) L-ittra ta' impenn tat vantaġġ lill-Bank minħabba li rriassigurat lid-depożituri li l-Bank ser ikun jista' jiġbor l-ammont kollu tal-kapital li kellu jiġbor, jiġifieri, l-HFSF jipprovdi l-kapital f'każ li l-Bank jonqos milli jiġbru u jpoġġih fis-suq. Dak l-impenn iffaċilita wkoll il-ġbir ta' kapital privat mis-suq, billi l-investituri ġew riassigurati li, jekk il-Bank ma jkunx jista' jsib parti mill-kapital mis-suq, dan jiġi pprovdut mill-HFSF. Ebda investitur privat ma kien ikun lest li jaċċetta li jimpenja ruħu qabel ikunu magħrufa t-termini tar-rikapitalizzazzjoni u, f'dak iż-żmien, il-Bank ma kellu ebda aċċess għas-swieq kapitali. Dak il-vantaġġ huwa selettiv minħabba li ma ngħatax lill-banek kollha li joperaw fil-Greċja.

(222) Billi l-Bank huwa attiv fi Stati Membri oħrajn u billi l-istituzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri oħrajn joperaw jew potenzjalment ikunu interessati li joperaw fil-Greċja, il-miżura B3 x'aktarx li taffettwa wkoll il-kummerċ bejn l-Istati Membri u li tfixkel il-kompetizzjoni.

(223) Għalhekk, il-miżura B3 tikkostitwixxi għajnuna u ġiet innotifikata bħala għajnuna mill-Istat mill-awtoritajiet Griegi.

7.1.3.4. *Il-parteċipazzjoni tal-HFSF fir-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013 sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet kapitali tat-test tal-istress tal-2013 (il-miżura B4)*

(224) Il-parteċipazzjoni tal-HFSF fir-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013, li għandha l-għan li tkopri l-ħtiġijiet kapitali identifikati fit-test tal-istress tal-2012 (il-miżura B4), hija l-konverżjoni parzjali tal-ewwel u tat-tieni rikapitalizzazzjonijiet tranżitorji (il-miżuri B1 u B2) f'rikapitalizzazzjoni permanenti ta' EUR 5 891 miljun f'ishma ordinarji. Billi l-miżura B4 hija l-konverżjoni parzjali tal-għajnuna diġà mogħtija, hija xorta waħda tinvolvi riżorsi Statali, iżda hija ma żżidx l-ammont nominali tal-għajnuna. Madankollu, għal ammont nominali ta' għajnuna mogħtija, hija żżid il-vantaġġ għall-Bank (u, għalhekk, id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni), minħabba li hija rikapitalizzazzjoni permanenti u mhux rikapitalizzazzjoni temporanja bħal fil-każ tal-miżuri B1 u B2.

(225) Il-Kummissjoni tinnota li dan l-appoġġ ma ngħatax lill-banek kollha li joperaw fil-Greċja. Fir-rigward tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ, il-Kummissjoni tinnota, pereżempju, li l-għajnuna ppermettiet lill-Bank iwettaq l-operazzjonijiet tiegħu fi Stati Membri oħrajn. Likwidazzjoni tal-Bank kienet twassal għat-terminazzjoni tal-attivitajiet tiegħu barra l-pajjiż, permezz tal-likwidazzjoni ta' dawk l-attivitajiet jew permezz tal-bejgħ tagħhom. Barra minn hekk, ċerti banek minn Stati Membri oħrajn kienu qegħdin joperaw fil-Greċja. Għalhekk, il-miżura tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-miżura B4 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

7.1.3.5. *Konklużjoni dwar il-miżuri B1, B2, B3 u B4*

(226) Il-miżuri B1, B2, B3 u B4 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. L-ammont ta' għajnuna mill-Istat inkluż fil-miżuri B1, B2 u B3 huwa ta' EUR 7 335 miljun. Kif ġie indikat

fit-taqsima 7.1.3.3, minħabba li l-Bank attira kapital privat li jammonta għal EUR 1 444 miljun fir-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013, parti biss mill-ewwel u mit-tieni rikapitalizzazzjonijiet tranżitorji (il-miżuri B1 u B2) ġiet ikkonvertita f'rikapitalizzazzjoni permanenti (il-miżura B4). Il-kapital addizzjonali ta' EUR 1 082 miljun (il-miżura B3) impenjat mill-HFSF ma kienx meħtieġ u, għalhekk, ma tħallasx. Għalhekk, l-ammont ta' appoġġ mill-Istat imħallas kien biss is-somma tal-ewwel u tat-tieni rikapitalizzazzjonijiet tranżitorji, jiġifieri EUR 6 253 miljun u parti minn dik l-għajnuna tħallset lura fi żmien sitt xhur matul ir-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013 (il-miżura B4) minħabba li l-parteċipazzjoni privata qabżet l-ammont tal-impenn.

(227) Il-punt 31 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar jindika li, minbarra l-ammont assolut ta' għajnuna, il-Kummissjoni għandha tieħu f'kunsiderazzjoni l-għajnuna *"fir-rigward tal-assi mwieżna għar-riskji tal-bank"*. Il-miżuri B1, B2 u B3 ingħataw matul perjodu ta' sena, minn April 2012 sa Mejju 2013. Matul dak il-perjodu, l-RWA tal-Bank żdied bil-kbir wara l-akkwiżizzjonijiet suċċessivi. Għalhekk, qamet il-mistoqsija dwar liema livell ta' RWA għandu jintuża u, b'mod partikolari, jekk l-għajnuna mill-Istat għandhiex tiġi vvalutata b'referenza għall-RWA li kien jeżisti fil-bidu tal-perjodu jew fi tmiem il-perjodu. Il-miżuri B1, B2 u B3 għandhom l-għan li jkopru ħtieġa kapitali identifikata mill-Bank of Greece f'Marzu 2012 (it-test tal-istress tal-2012). Fi kliem ieħor, il-ħtiġijiet kapitali li dawk il-miżuri ta' appoġġ mill-Istat għandhom l-għan li jindirizzaw kienu diġà jeżistu f'Marzu 2012. Għalhekk, il-Kummissjoni tal-fehma li l-ammont ta' għajnuna inkluż fil-miżuri B1, B2 u B3 għandu jitqabbel mal-RWA tal-Bank fil-31 ta' Marzu 2012. Huwa mfakkar ukoll li, wara Marzu 2012 u sar-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013, il-Bank of Greece ma ħax f'kunsiderazzjoni l-akkwiżizzjonijiet magħmula mill-banek Griegi sabiex jaġġusta l-ħtiġijiet kapitali tagħhom 'il fuq jew 'l isfel. Dak l-element ikompli juri li l-miżuri B1, B2 u B3 kienu miżuri ta' għajnuna relatati mal-perimetru tal-Bank minħabba li kien diġà jeżisti fil-31 ta' Marzu 2012.

(228) L-għajnuna mogħtija lill-Bank kienet tammonta għas-somma tal-ewwel u tat-tieni rikapitalizzazzjonijiet tranżitorji (il-miżuri B1 u B2) u l-impenn mogħti mill-HFSF (il-miżura B3), jiġifieri EUR 7 335 miljun jew 21,5 % tal-RWA tal-Bank fil-31 ta' Marzu 2012.

(229) L-għajnuna mħallsa lill-Bank kienet tammonta għas-somma tal-ewwel u tat-tieni rikapitalizzazzjonijiet tranżitorji (il-miżuri B1 u B2), jiġifieri EUR 6 253 miljun jew 18,4 % tal-RWA tal-Bank fil-31 ta' Marzu 2012.

(230) Billi l-Bank irnexxielu jattira kapital privat, l-ammont definittivament injettat mill-HFSF fil-Bank fil-forma ta' ishma ordinarji kien jammonta għal EUR 5 891 miljun, li jirrappreżenta 17,3 % tal-RWA tal-Bank fil-31 ta' Marzu 2012.

7.1.4. **Konklużjoni dwar l-eżistenza u l-ammont totali tal-għajnuna riċevuta mill-Bank**

(231) Il-miżuri A, B1, B2, B3, B4, L1 u L2 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Dawk il-miżuri huma miġbura fil-qosor fit-Tabella 11.

Tabella 11

Ħarsa ġenerali lejn l-għajnuna totali riċevuta mill-Bank

Ref.	Miżura	Tip ta' miżura	Ammont ta' għajnuna	Għajnuna/RWA
A	Ishma Privileġġati	Appoġġ kapitali	EUR 750 miljun	2,1 %
B1 B2 B3	L-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja It-tieni rikapitalizzazzjoni tranżitorja Ittra ta' impenn	Appoġġ kapitali	EUR 4 700 miljun EUR 1 553 miljun EUR 1 082 miljun	13,8 % 4,5 % 3,2 %
Għajnuna kapitali totali mogħtija lill-Bank A + B1 + B2 + B3			EUR 8 085 miljun	23,7 %

Ref.	Miżura	Tip ta' miżura	Ammont ta' għajnuna	Għajnuna/RWA
Għajnuna totali mħallsa lill-bank A + B1 + B2			EUR 7 003 miljun	21,6 %
B4	Rikapitalizzazzjoni	Appoġġ kapitali	EUR 5 891 miljun	17,3 %
Għajnuna kapitali totali mħallsa lill-Bank nieqsal-għajnuna mħallsa lura fi żmien 6 xhur			EUR 6 641 miljun	19,4 %

Ref.	Miżura	Tip ta' miżura	Ammont nominali ta' għajnuna
L1	Appoġġ ta' likwidità	Garanzija Self obbligazzjonarju	Garanziji: EUR 9,9 biljun Self obbligazzjonarju: EUR 1,3 biljun
L2	ELA garantita mill-Istat	Finanzjament u Garanzija	EUR 31,4 biljun
Għajnuna ta' likwidità totali mogħtija lill-Bank			EUR 42,6 biljun

7.2. IL-BAŻI LEGALI GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-KOMPATIBBILTÀ

(232) Kif ġie konkluż fil-premessa 183, il-bażi legali għall-valutazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna għandha tkun l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat ([90]).

(233) Matul il-kriżi finanzjarja, il-Kummissjoni żviluppat kriterji tal-kompatibbiltà għat-tipi differenti ta' miżuri ta' għajnuna. Il-prinċipji għall-valutazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna ġew stipulati għall-ewwel darba fil-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008.

(234) Il-gwida għall-miżuri ta' rikapitalizzazzjoni tista' tinstab fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u fil-Komunikazzjoni dwar l-Estensjoni tal-2011.

(235) Il-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar tiddefinixxi l-approċċ adottat mill-Kummissjoni fir-rigward tal-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' ristrutturar, b'mod partikolari l-ħtieġa tar-ritorn għall-vijabbiltà, tal-iżgurar ta' kontribuzzjoni xierqa mill-benefiċjarju u tal-limitazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

(236) Dak il-qafas kien ikkumplimentat mill-Komunikazzjoni Bankarja tal-2013, li tapplika għall-miżuri ta' għajnuna nnotifikati jew mogħtija mingħajr approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni wara l-31 ta' Lulju 2013.

7.2.1. **Il-bażi legali għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-appoġġ ta' likwidità lill-Bank (il-miżura L1)**

(237) L-appoġġ ta' likwidità diġà riċevut mill-Bank kien approvat b'mod definittiv permezz tad-deċiżjonijiet suċċessivi li jawtorizzaw il-miżuri taħt l-Iskema ta' Appoġġ lill-Banek Griegi u l-emendi u l-estensjonijiet tagħha ([91]). Kwalunkwe appoġġ ta' likwidità fil-ġejjieni għall-Bank ser ikollu jingħata taħt skema li tkun debitament approvata mill-Kummissjoni. It-termini ta' din l-għajnuna ser ikollhom jiġu awtorizzati mill-Kummissjoni qabel tingħata u, għalhekk, ma għandhomx bżonn jiġu vvalutati aktar f'din id-deċiżjoni.

7.2.2. **Il-bażi legali għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-ishma privileġġati (il-miżura A)**

(238) Ir-rikapitalizzazzjoni mogħtija fl-2009 fil-forma ta' ishma privileġġati (il-miżura A) ingħatat taħt il-miżura ta' rikapitalizzazzjoni tal-Iskema ta' Appoġġ lill-Banek Griegi, li kienet approvata fl-2008 skont il-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008. Għalhekk, hija ma għandhiex bżonn tiġi vvalutata mill-ġdid skont il-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008 u għandha tiġi vvalutata biss skont il-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

([90]) Huwa nnotat ukoll li l-Greċja tat l-għajnuna lill-Bank taħt l-Iskema ta' Appoġġ lill-Banek Griegi, li kienet awtorizzata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat, kif ukoll permezz tal-HFSF, li l-kriterju tiegħu kien approvat ukoll minn deċiżjoni tal-Kummissjoni.

([91]) Ara n-nota 6 f'qiegħ il-paġna.

7.2.3. **Il-bażi legali għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-ELA garantita mill-Istat (il-miżura L2)**

(239) Il-kompatibbiltà tal-ELA garantita mill-Istat (il-miżura L2) għandha l-ewwel tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008 u l-Komunikazzjoni dwar l-Estensjoni tal-2011. Kwalunkwe ELA garantita mill-Istat mogħtija mingħajr approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni wara l-31 ta' Lulju 2013 taqa' taħt il-Komunikazzjoni Bankarja tal-2013.

7.2.4. **Il-bażi legali għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tar-rikapitalizzazzjonijiet mill-HFSF (il-miżuri B1, B2, B3 u B4)**

(240) Il-kompatibbiltà tar-rikapitalizzazzjonijiet mill-HFSF (il-miżuri B1, B2, B3 u B4), b'mod partikolari fir-rigward tar-rimunerazzjoni, għandha l-ewwel tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008, il-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u l-Komunikazzjoni dwar l-Estensjoni tal-2011. Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà tal-miżura B1 ma' dawk il-Komunikazzjonijiet. Billi ġew implimentati qabel l-1 ta' Awwissu 2013, dawk il-miżuri ma jaqgħux taħt il-Komunikazzjoni Bankarja tal-2013. Il-kompatibbiltà tar-rikapitalizzazzjonijiet mill-HFSF (il-miżuri B1, B2, B3 u B4) għandha tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

7.3. IL-KONFORMITÀ TAL-MIŻURA L2 MAL-KOMUNIKAZZJONI BANKARJA TAL-2008, MAL-KOMUNIKAZZJONI DWAR IR-RIKAPITALIZZAZZJONI U MAL-KOMUNIKAZZJONI DWAR L-ESTENSJONI TAL-2011

(241) Sabiex għajnuna tkun kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat, hija għandha tikkonforma mal-kriterji ġenerali għall-kompatibbiltà: l-adegwatezza, in-neċessità u l-proporzjonalità.

(242) Minħabba li l-banek Griegi ma baqgħux joperaw aktar fis-swieq tal-operaturi u saru kompletament dipendenti fuq il-finanzjament mill-bank ċentrali, kif ġie indikat fil-premessa 37, u ladarba l-Bank ma setax jidħol għal self ta' ammont suffiċjenti ta' fondi permezz tal-operazzjonijiet standard ta' rifinanzjament, il-Bank kellu jiddependi fuq l-ELA garantita mill-Istat sabiex jikseb likwidità suffiċjenti bil-għan li jevita li jisfa inadempjenti. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-miżura L2 hija mekkaniżmu xieraq sabiex jirrimedja t-taqlib serju li seta' jiġi kkawżat mill-inadempjenza tal-Bank.

(243) Billi l-ELA garantita mill-Istat tinvolvi spiża relattivament għolja ta' finanzjament għall-Bank, il-Bank għandu biżżejjed inċentiv sabiex jevita li jkollu jiddependi fuq dak is-sors ta' finanzjament sabiex jiżviluppa l-attivitajiet tiegħu. Il-Bank kellu jħallas rata ta' imgħax ta' […] bps ogħla mill-operazzjonijiet standard ta' rifinanzjament bl-Eurosistema. Barra minn hekk, il-Bank kellu jħallas miżata ta' garanzija ta' […] bps lill-Istat. Bħala riżultat, l-ispiża totali tal-ELA garantita mill-Istat għall-Bank hija ferm ogħla mill-ispejjeż normali tar-rifinanzjament mill-BĊE. B'mod partikolari, id-differenza bejn tal-ewwel u tal-aħħar hija ogħla mil-livell tal-miżata ta' garanzija mitluba mill-Komunikazzjoni dwar l-Estensjoni tal-2011. B'riżultat ta' dan, ir-rimunerazzjoni totali mitluba mill-Istat tista' titqies bħala suffiċjenti. Fir-rigward tal-ammont tal-ELA garantita mill-Istat, dan jiġi rivedut regolarment mill-Bank of Greece u mill-BĊE fuq il-bażi tal-ħtiġijiet proprji tal-Bank. Huma jimmonitorjaw mill-qrib l-użu tagħha u jiżguraw li hija tkun limitata għall-minimu neċessarju. Għalhekk, il-miżura L2 ma tipprovdix lill-Bank b'likwidità żejda li tista' tintuża sabiex tiffinanzja attivitajiet li jfixklu l-kompetizzjoni. Hija limitata għall-ammont minimu neċessarju.

(244) Tali skrutinju mill-qrib tal-użu tal-ELA garantita mill-Istat u l-verifika regolari li l-użu tagħha huwa limitat għall-minimu jiżguraw ukoll li l-likwidità tkun proporzjonata u li ma twassalx għal distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-Greċja tat impenn li l-Bank sejjer jimplimenta pjan ta' ristrutturar li jnaqqas id-dipendenza tiegħu fuq il-finanzjament mill-bank ċentrali u li l-Bank sejjer jikkonforma mal-limitazzjonijiet fl-imġiba, kif ġie analizzat fit-taqsima 7.6. Dawk il-fatturi jiżguraw li d-dipendenza fuq l-appoġġ ta' likwidità sejra tintemm mill-aktar fis possibbli u li tali għajnuna hija proporzjonata.

(245) Għalhekk, il-miżura L2 tikkonforma mal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008 u mal-Komunikazzjoni dwar l-Estensjoni tal-2011. Billi l-Komunikazzjoni Bankarja tal-2013 ma introduċietx aktar rekwiżiti fir-rigward tal-garanziji, il-miżura L2 tikkonforma wkoll mal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2013.

7.4. IL-KONFORMITÀ TAL-MIŻURI B1, B2, B3 U B4 MAL-KOMUNIKAZZJONI BANKARJA TAL-2008, MAL-KOMUNIKAZZJONI DWAR IR-RIKAPITALIZZAZZJONI, MAL-KOMUNIKAZZJONI DWAR L-ESTENSJONI TAL-2011 U MAL-KOMUNIKAZZJONI BANKARJA TAL-2013

(246) Kif ġie indikat fil-premessa 241 u b'konformità mal-punt 15 tal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008, sabiex għajnuna tkun kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat, hija trid tikkonforma mal-kriterji ġenerali għall-kompatibbiltà ([92]): l-adegwatezza, in-neċessità u l-proporzjonalità.

([92]) Ara l-premessa 41 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża NN 51/2008 Skema ta' garanzija għall-banek fid-Danimarka (ĠU C 273, 28.10.2008, p. 2).

(247) Il-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u l-Komunikazzjoni dwar l-Estensjoni tal-2011 jistabbilixxu aktar gwida dwar il-livell ta' rimunerazzjoni meħtieġ għall-injezzjonijiet ta' kapital mill-Istat.

7.4.1. **Adegwatezza tal-Miżuri**

(248) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li r-rikapitalizzazzjonijiet tal-HFSF (il-miżuri B1, B2, B3 u B4) huma xierqa minħabba li jippermettu lill-Bank ikun konformi mar-rekwiżiti kapitali. Minbarra ir-rikapitalizzazzjonijiet mill-HFSF, il-Bank ma kienx ikun jista' jwettaq l-attivitajiet tiegħu u kien jitlef l-aċċess għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-BĊE.

(249) F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus li l-Bank huwa waħda mill-akbar istituzzjonijiet bankarji fil-Greċja, kemm f'termini ta' self kif ukoll f'termini ta' ġbir ta' depożiti. Bħala tali, il-Bank huwa bank sistematikament importanti għall-Greċja. Konsegwentement, inadempjenza mill-Bank kienet toħloq taqlib serju fl-ekonomija Griega. Taħt dawk iċ-ċirkostanzi prevalenti, l-istituzzjonijiet finanzjarji fil-Greċja kellhom difficultajiet sabiex jiksbu aċċess għall-finanzjament. Dak in-nuqqas ta' finanzjament illimita l-abbiltà tagħhom li jipprovdu self lill-ekonomija Griega. F'dak il-kuntest, it-taqlib fl-ekonomija seta' jiġi aggravat mill-inadempjenza tal-Bank. Barra minn hekk, il-miżuri B1, B2, B3 u B4 waslu sa ċertu punt sinifikanti minħabba l-programm PSI, avveniment straordinarju u imprevedibbli ferm u mhux bħala riżultat ta' tmexxija ħażina jew teħid ta' riskji eċċessivi mill-Bank. Għalhekk, il-miżuri huma primarjament intiżi biex jittrattaw ir-riżultati tal-programm PSI u jikkontribwixxu sabiex tinżamm l-istabbiltà finanzjarja fil-Greċja.

(250) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk ittieħdux minnufih il-miżuri kollha possibbli sabiex jiġi evitat li l-Bank jerġa' jiġi bżonn l-għajnuna fil-ġejjieni. Kif ġie indikat fil-premessi 140 u 141 ta' din id-Deċiżjoni, il-Greċja impenjat ruħha li timplimenta għadd ta' azzjonijiet relatati mal-governanza korporattiva u l-operazzjonijiet kummerċjali tal-Bank. Kif ġie deskritt fil-premessi 115, 116 u 117, il-Bank irristruttura wkoll l-attivitajiet tiegħu b'mod sinifikanti, tant li diġà ġie implimentat ħafna tnaqqis tal-ispejjeż. Għalhekk, id-dubji tal-Kummissjoni ttaffew.

(251) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus, il-Kummissjoni esprimiet ukoll dubji dwar jekk kienx hemm biżżejjed salvagwardji f'każ li l-Bank jaqa' taħt il-kontroll tal-Istat jew f'każ li l-azzjonisti privati jżommu l-kontroll waqt li l-maġġoranza tal-proprjetà tinżamm mill-Istat. L-impenji deskritti fil-premessi 140 u 141 ta' din id-Deċiżjoni jiżguraw li l-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Bank jitmexxew fuq bażi kummerċjali u li n-negozju ta' kuljum jiġi protett minn interferenza Statali. Il-qafas tar-relazzjoni miftiehem bejn l-HFSF u l-Bank jiżgura wkoll li l-interessi tal-Istat bħala l-azzjonist prinċipali jiġu mħarsa kontra t-teħid ta' riskji eċċessivi mill-maniġment tal-Bank.

(252) Għalhekk, il-miżuri B1, B2, B3 u B4 jiżguraw li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja fil-Greċja. Ittieħdu azzjonijiet sinifikanti sabiex inaqqsu t-telf fil-ġejjieni u sabiex jiżguraw li l-attivitajiet tal-Bank ma jiġux ipperikolati minn governanza mhux xierqa. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri B1, B2, B3 u B4 huma xierqa.

7.4.2. **Neċessità – limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu**

(253) B'konformità mal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008, il-miżura ta' għajnuna trid, fl-ammont u l-forma tagħha, tkun neċessarja sabiex tilħaq l-għan tagħha. Dan ifisser li l-injezzjoni ta' kapital trid tkun tal-ammont minimu neċessarju sabiex tilħaq l-għan.

(254) L-ammont ta' appoġġ kapitali kien ikkalkolat mill-Bank of Greece fil-qafas tat-test tal-istress tal-2012 bil-għan li jiġi żgurat li l-proporzjon ta' kapital fil-Grad 1 tal-Bank jibqa' 'l fuq minn ċertu livell matul il-perjodu 2012-2014, kif rifless fit-Tabella 3. Għalhekk, il-miżuri B1, B2, B3 u B4 ma jipprovdux lill-Bank b'kapital żejjed. Kif ġie spjegat fil-premessa 250, ittieħdu azzjonijiet sabiex inaqqsu r-riskju li l-Bank ikun jeħtieġ għajnuna addizzjonali fil-ġejjieni.

(255) Fir-rigward tar-rimunerazzjoni tal-ewwel u tat-tieni rikapitalizzazzjonijiet tranżitorji (il-miżuri B1 u B2), il-Kummissjoni tfakkar li dawn ingħataw f'Mejju 2012 u Diċembru 2012, rispettivament, u li tħallsu *in natura* fil-forma ta' noti tal-EFSF. L-HFSF irċieva bħala rimunerazzjoni, mid-data tal-iżborżament tan-noti tal-EFSF sad-data tar-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013, l-imgħax akkumulat fuq in-noti tal-EFSF flimkien ma' ħlas ta' 1 % ([93]). Kif ġie enfasizzat fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus, dik ir-rimunerazzjoni hija aktar baxxa mill-medda ta' bejn 7 % u 9 % definita fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni. Madankollu, il-perjodu ta' rimunerazzjoni baxxa kien limitat għal sena waħda għall-miżura B1 u ħames xhur għall-miżura B2 (jiġifieri, sal-konverżjoni tar-rikapitalizzazzjoni tranżitorja f'rikapitalizzazzjoni standard f'ishma ordinarji, jiġifieri l-miżura B4). Filwaqt li l-ewwel u t-tieni

([93]) Ara l-premessa 96: l-imgħaxijiet akkumulati jitqiesu bħala kontribuzzjoni addizzjonali mill-HFSF u, għalhekk, naqqsu l-ħlas li kellu jagħmel l-HFSF lill-Bank sabiex iħallas ir-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013.

rikapitalizzazzjonijiet tranżitorji ma wasslux għad-dilwizzjoni tal-azzjonisti eżistenti, ir-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013, li kienet il-konverżjoni parzjali tal-ewwel u tat-tieni rikapitalizzazzjonijiet tranżitorji, wasslet għal dilwizzjoni qawwija tal-azzjonisti pre-eżistenti, minħabba li s-sehem tagħhom fl-ekwità tal-Bank niżel għal 2,3 %. Is-sitwazzjoni anormali li pprevaliet mid-data tal-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja mbagħad ġiet fi tmiemha. Għaldaqstant, id-dubji mqajma fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus ittaffew.

(256) It-tieni, minħabba s-sors atipiku tad-diffikultajiet tal-Bank, fejn it-telf kien ġej primarjament minn rinunzja tad-dejn favur l-Istat (il-programm PSI u x-xiri lura tad-dejn, li jipprovdu vantaġġ sinifikanti lill-Istat, jiġifieri, tnaqqis tad-dejn) u mill-konsegwenzi ta' reċessjoni mtawla fl-ekonomija domestika tiegħu, il-Kummissjoni tista' taċċetta devjazzjoni temporanja bħal din mir-rekwiżiti tar-rimunerazzjoni standard stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni ([94]).

(257) Fir-rigward tal-miżura B3, kien impenn sabiex jiġi pprovdut kapital fil-qafas ta' żieda ta' kapital fil-ġejjieni. Dak l-impenn magħmul f'Diċembru 2012 seta' ġie implimentat f'injezzjoni proprja ta' kapital f'Mejju-Ġunju 2013, sempliċiment ħames xhur wara, meta l-Bank ipproċeda biż-żieda ta' kapital tiegħu. Billi l-Bank attira investituri privati, l-HFSF ma kienx mitlub li jinjetta l-kapital impenjat. Minħabba l-perjodu qasir li matulu kien fis-seħħ dak l-impenn sabiex jiġi pprovdut il-kapital u għar-raġunijiet imsemmija fil-premessa 256, huwa aċċettabbli li ma tħallset ebda rimunerazzjoni għal dak l-impenn.

(258) Fir-rigward tal-miżura B4, b'konformità mal-punt 8 tal-Komunikazzjoni dwar l-Estensjoni tal-2011, l-injezzjonijiet ta' kapital għandhom jiġu sottoskritti bi skont suffiċjenti għall-prezz tal-ishma, aġġustat għall-effett ta' dilwizzjoni, sabiex b'hekk tingħata assigurazzjoni raġonevoli ta' rimunerazzjoni adegwata għall-Istat. Filwaqt li l-miżura B4 ma pprevediet ebda skont sinifikanti għall-prezz tal-ishma kif aġġustat għall-effett ta' dilwizzjoni, fil-fatt kien impossibbli li jinkiseb skont sinifikanti għall-prezz teoretiku qabel il-ħruġ ta' ishma bi dritt. ([95]). Qabel ir-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013, il-kapitalizzazzjoni tas-suq tal-Bank kienet biss ta' ftit mijiet ta' miljuni ta' euros. F'ċirkostanzi bħal dawn, tqum il-kwistjoni dwar jekk l-azzjonisti eżistenti kellhomx jiġu eliminati għal kollox. Il-Kummissjoni tinnota li l-prezz tal-ħruġ kien stabbilit bi skont ta' 50 % għall-prezz medju tas-suq fuq il-perjodu ta' ħamsin jum qabel id-determinazzjoni tal-prezz tal-ħruġ. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li d-dilwizzjoni tal-azzjonisti eżistenti kienet kbira ħafna, billi wara r-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013 huma kellhom biss 2,3 % tal-parteċipazzjoni azzjonarja tal-Bank. Għalhekk, l-applikazzjoni ta' skont ulterjuri fuq il-prezz tas-suq seta' kellha impatt żgħir fuq ir-rimunerazzjoni tal-HFSF. Fid-dawl tas-sitwazzjoni speċifika tal-banek Griegi spjegata fil-premessa 256 u minħabba l-fatt li l-ħtieġa għall-għajnuna ġejja fil-biċċa l-kbira tagħha minn rinunzja tad-dejn favur l-Istat, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-prezz tal-ħruġ tal-ishma sottoskritti mill-Istat kien baxx biżżejjed.

(259) L-HFSF ħareġ ukoll ċertifikati u ta ċertifikat wieħed għal kull sehem ġdid sottoskritt minn investitur privat li jipparteċipa fir-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013. L-HFSF ta dawk iċ-ċertifikati mingħajr ebda kunsiderazzjoni. Kif ġie spjegat fil-premessa 106, kull ċertifikat jinkorpora d-dritt li jinxtraw 4,48 ishma tal-HFSF f'intervalli speċifikati u bi prezzijiet tal-eżerċitar. Il-prezz tal-eżerċitar huwa ugwali għall-prezz tas-sottoskrizzjoni tal-HFSF miżjud b'marġini annwali u kumulattiv (4 % għall-ewwel sena, 5 % għat-tieni sena, 6 % għat-tielet sena, 7 % għar-raba' sena u 8 % annwalizzati għall-aħħar sitt xhur). Ir-rimunerazzjoni riċevuta mill-HFSF fuq l-ishma li jippossjedi hija *de facto* limitata għal dawk il-livelli. Dik ir-rimunerazzjoni hija aktar baxxa mill-medda ta' bejn 7 % u 9 % definita fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni. Madankollu, minħabba li dawk iċ-ċertifikati kienu fattur ewlieni fis-suċċess tal-ħruġ tad-drittijiet u tal-kollokament privat imnedija mill-Bank fil-qafas tar-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013, il-Kummissjoni hija tal-fehma li dawk iċ-ċertifikati ppermettew lill-Bank tnaqqas l-ammont ta' għajnuna b'EUR 1 444 miljun. Tabilħaqq, minħabba l-proporzjon ta' kapital baxx tal-Bank qabel ir-rikapitalizzazzjoni u l-inċertezza għolja li kienet prevalenti f'dak iż-żmien, is-simulazzjonijiet li kienu disponibbli wrew li mingħajr iċ-ċertifikati, l-investituri privati ma setgħux jiksbu ritorn suffiċjenti u ma kinux jipparteċipaw. Għar-raġunijiet spjegati fil-premessi 249 u 256, minħabba li l-HFSF jirċievi rimunerazzjoni pożittiva minima jekk jiġu eżerċitati ċ-ċertifikati u minħabba li kien objettiv tal-MPEF li jattira xi investituri privati sabiex jinżammu xi banek taħt maniġment privat, kif ukoll sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn is-settur bankarju kollu jkun ikkontrollat mill-HFSF, il-Kummissjoni tista' taċċetta tali devjazzjoni mir-rekwiżiti tar-rimunerazzjoni standard stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni. Dik l-aċċettazzjoni hija bbażata wkoll fuq il-fatt li l-liġi tal-HFSF, kif emendata f'Marzu 2014, ma tipprevedi ebda aġġustament taċ-ċertifikati f'każ ta' żieda fil-kapital azzjonarju mhux ta' prelazzjoni, kif ukoll li f'każ ta' ħruġ ta' drittijiet, huwa biss il-prezz tal-eżerċitar skont iċ-ċertifikat li jista' jiġi aġġustat u l-aġġustament jista' jsir biss *ex-post* u biss sal-ammont tar-rikavat realizzat mill-bejgħ ta' drittijiet ta' prelazzjoni tal-HFSF. Barra minn hekk, l-impenn mogħti mill-Greċja li hija sejra tfittex l-approvazzjoni tal-Kummissjoni qabel kwalunkwe xiri lura taċ-ċertifikati maħruġa mill-HFSF jippermetti lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe xiri lura potenzjali fil-ġejjieni ma jkomplix inaqqas ir-rimunerazzjoni tal-HFSF u jżid ir-rimunerazzjoni tad-detenturi taċ-ċertifikati.

([94]) Ara wkoll it-Taqsima 7.5.1.

([95]) Il-prezz teoretiku qabel il-ħruġ ta' ishma bi dritt (theoretical ex-right price – "TERP") huwa metodoloġija ġeneralment aċċettata fis-suq għall-kwantifikazzjoni tal-effett ta' dilwizzjoni taż-żieda tal-kapital azzjonarju.

(260) Fir-rigward tal-fatt li l-ishma tal-HFSF huma ishma mingħajr id-dritt ta' votazzjoni, il-Kummissjoni tfakkar li l-ħtieġa għall-għajnuna ma tiġix primarjament mit-teħid ta' riskji eċċessivi. Barra minn hekk, kien objettiv tal-MPEF li jżomm xi banek taħt maniġment privat. Barra minn hekk, il-qafas tar-relazzjoni u l-introduzzjoni awtomatika mill-ġdid tad-drittijiet ta' votazzjoni f'każ ta' nuqqas ta' implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar jipprovdu salvagwardji kontra t-teħid ta' riskji eċċessivi fil-ġejjieni minn maniġers privati. Fl-aħħar nett, il-PSI u x-xiri lura ta' Diċembru 2012 huma tip ta' rimunerazzjoni lill-Istat, minħabba li d-dejn ta' dan tal-aħħar lejn il-Bank tnaqqas b'diversi biljuni ta' euros. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Kummissjoni tista' taċċetta li l-HFSF jirċievi ishma mingħajr id-dritt ta' votazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura B4 kienet meħtieġa.

(261) Bħala konklużjoni, il-miżuri B1, B2, B3 u B4 huma meħtieġa bħala għajnuna ta' salvataġġ kemm fl-ammont kif ukoll fil-forma tagħhom.

7.4.3. **Proporzjonalità – miżuri li jillimitaw effetti negattivi li jinfirxu**

(262) Il-Bank irċieva ammont kbir ħafna ta' għajnuna mill-Istat. Għalhekk, dik is-sitwazzjoni tista' twassal għal distorsjonijiet serji tal-kompetizzjoni. Madankollu, il-Greċja impenjat ruħha li timplimenta għadd ta' miżuri li huma maħsuba biex inaqqsu l-effetti konsegwenzjali negattivi. B'mod partikolari, l-impenji jistabbilixxu li l-operazzjonijiet tal-Bank ikomplu jitmexxew fuq bażi kummerċjali, kif ġie spjegat fil-premessi 136 u 137. Il-Greċja impenjat ruħha wkoll għal projbizzjoni fuq l-akkwiżizzjonijiet u għal numru ta' ċessjonijiet, kif deskritt fil-premessi 138, 139 u 143. Il-limiti għad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni sejrin ikomplu jiġu vvalutati fit-taqsima 7.6.

(263) Fil-Bank inħatar fiduċjarju tal-monitoraġġ sabiex jimmonitorja l-implimentazzjoni korretta tal-impenji dwar il-governanza korporattiva u l-operazzjonijiet kummerċjali. Dan se jevita kwalunkwe bidla detrimentali fil-prattika kummerċjali tal-Bank u b'hekk jitnaqqsu l-effetti konsegwenzjali negattivi potenzjali.

(264) Fl-aħħar nett, fil-25 ta' Ġunju 2014 ġie sottomess pjan ta' ristrutturar komprensiv ġdid lill-Kummissjoni. Dak il-pjan ta' ristrutturar sejjer jiġi vvalutat fit-taqsima 7.6.

(265) Bħala konklużjoni, id-dubji mqajma fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus ittaffew. Il-miżuri B1, B2, B3 u B4 huma proporzjonati fid-dawl tal-punt 15 tal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008.

7.4.4. **Konklużjoni dwar il-konformità tar-rikapitalizzazzjonijiet tal-HFSF mal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008, mal-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u mal-Komunikazzjoni dwar l-Estensjoni tal-2011**

(266) B'hekk ġie konkluż li r-rikapitalizzazzjonijiet tal-HFSF (il-miżuri B1, B2, B3 u B4) huma xierqa, neċessarji u proporzjonati, fid-dawl tal-punt 15 tal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008, tal-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u tal-Komunikazzjoni dwar l-Estensjoni tal-2011. Għalhekk, il-miżuri B1, B2, B3 u B4 jikkonformaw mal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2008, mal-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u mal-Komunikazzjoni dwar l-Estensjoni tal-2011.

7.5. IL-KONFORMITÀ TAL-AKKWIŻIZZJONIJIET TAL-ATTIVITAJIET ITTRASFERITI TA' ATE, TA' GENIKI, TAL-ATTIVITAJIET ITTRASFERITI ĊIPRIJOTTI U TA' MBG MAL-KOMUNIKAZZJONI DWAR IR-RISTRUTTURAR

(267) Il-punt 23 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar jispjega li l-akkwiżizzjonijiet ta' impriżi minn banek megħjuna ma jistgħux jiġu ffinanzjati permezz ta' għajnuna mill-Istat sakemm dan ma jkunx essenzjali għat-treġġigħ lura tal-vijabbiltà ta' impriża. Barra minn hekk, il-punti 40 u 41 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar jgħidu li l-banek ma għandhomx jużaw l-għajnuna mill-Istat għall-akkwiżizzjoni ta' negozji kompetituri, sakemm l-akkwiżizzjoni ma tkunx parti minn proċess ta' konsolidazzjoni meħtieġ għat-treġġigħ lura tal-istabbiltà finanzjarja jew għall-iżgurar ta' kompetizzjoni effettiva. Barra minn hekk, l-akkwiżizzjonijiet jistgħu jipperikolaw jew jikkomplikaw it-treġġigħ lura tal-vijabbiltà. Għalhekk, il-Kummissjoni trid tivvaluta jekk l-akkwiżizzjonijiet magħmula mill-Bank jistgħux jiġu rrikonċiljati mal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

7.5.1. **Il-konformità tal-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE mal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar**

7.5.1.1. *L-effett tal-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE fuq il-vijabbiltà fit-tul tal-Bank*

(268) L-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE ġabet fil-Bank ġabra kbira ta' depożiti b'ammont ferm iżgħar ta' self nett ([96]). Għalhekk, hija kkontribwixxiet għat-tnaqqis b'mod sinifikanti tal-proporzjon self-depożitu għoli ħafna tal-Bank.

([96]) Ara l-premessa 55.

(269) Barra minn hekk, l-akkwiżizzjoni wasslet għal sinerġiji konsiderevoli bħal sinerġiji tal-ispejjeż permezz tal-fergħat, tnaqqis tal-persunal u l-integrazzjoni tal-IT, sinerġiji tal-finanzjament u sinerġiji tad-dħul.

(270) Għalhekk, l-akkwiżizzjoni hija pożittiva ħafna għat-treġġigħ lura tal-vijabbiltà fit-tul tal-Bank.

7.5.1.2. *L-effett tal-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE fuq l-ammont ta' għajnuna meħtieġa mill-Bank*

(271) B'konformità mal-punt 23 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, l-għajnuna għar-ristrutturar ma għandhiex tintuża għall-akkwiżizzjoni ta' kumpaniji oħrajn, iżda sempliċiment biex tkopri l-ispejjeż tar-ristrutturar li huma meħtieġa għat-treġġigħ lura tal-vijabbiltà tal-Bank.

(272) Il-korrispettiv imħallas mill-Bank għall-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE kien stabbilit f'perċentwal ta' 0,6 % tal-valur tad-depożiti ttrasferiti u kien jammonta għal madwar EUR 95 miljun. Huwa kien ekwivalenti għal 0,02 % tal-assi totali tal-Bank fil-mument tal-akkwiżizzjoni. Għalhekk, dak l-ammont jista' jitqies bħala ammont żgħir, iżda mhux negliġibbli.

(273) L-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE tejbet b'mod drammatiku l-pożizzjoni ta' likwidità stressanti ħafna tal-Bank u poġġietu f'sitwazzjoni ħafna aktar vijabbli. Il-Kummissjoni tfakkar li […]. Għalhekk, l-akkwiżizzjoni u l-prezz tax-xiri baxx tagħha jistgħu jitqiesu bħala essenzjali għat-treġġigħ lura tal-vijabbiltà fit-tul tal-Bank u jaqgħu taħt l-eżenzjoni fil-punt 23 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

7.5.1.3. *L-effett distortiv tal-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE fuq il-kompetizzjoni*

(274) B'konformità mal-punti 39 u 40 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, l-għajnuna mill-Istat ma għandhiex tintuża għad-detriment tal-kumpaniji mhux megħjuna u, b'mod partikolari, għall-akkwist ta' negozji kompetituri. Il-punt 41 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar jgħid ukoll li l-akkwiżizzjonijiet jistgħu jiġu awtorizzati jekk ikunu parti minn proċess ta' konsolidazzjoni meħtieġ għat-treġġigħ lura tal-istabbiltà finanzjarja jew għall-iżgurar ta' kompetizzjoni effettiva. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-proċess tal-akkwiżizzjoni għandu jkun ġust u l-akkwiżizzjoni għandha tiżgura l-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq rilevanti.

(275) ATE ma kienx meqjus bħala vijabbli fuq bażi awtonoma mill-Bank of Greece, meta dan tal-aħħar analizza l-vijabbiltà tal-banek Griegi kollha fil-bidu tal-2012. Barra minn hekk, il-Bank of Greece analizza alternattivi differenti għal ATE (pereżempju; likwidazzjoni) u kkonkluda li l-bejgħ tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE kien l-aktar għażla attraenti, minħabba li għandu jnaqqas ir-riskju ta' eżekuzzjoni, kif ukoll inaqqas l-ispejjeż għall-Greċja. B'hekk, l-akkwiżizzjoni tista' titqies bħala parti minn proċess ta' konsolidazzjoni li huwa meħtieġ għat-treġġigħ lura tal-istabbiltà finanzjarja tat-tip deskritt fil-punt 41 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

(276) Barra minn hekk, ma kien hemm ebda offerent mhux megħjun li ssottometta offerta għall-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE.

(277) Fl-aħħar nett, billi l-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE kienet awtorizzata mill-Awtorità tal-Kompetizzjoni Ellenika ([97]), jista' jiġi preżunt li l-eżitu tal-proċess tal-bejgħ ma jipperikolax il-kompetizzjoni effettiva fil-Greċja.

(278) Għalhekk, l-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Akkwistati ta' ATE hija konformi mat-taqsima 4 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

7.5.1.4. *Konklużjoni dwar l-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE*

(279) Ġie konkluż li, fid-dawl tas-sitwazzjoni unika tal-banek Griegi u l-ispeċifiċitajiet tal-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE, dik l-akkwiżizzjoni hija konformi mar-rekwiżiti stipulati fil-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

7.5.2. **Il-konformità tal-akkwiżizzjoni ta' Geniki mal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar**

7.5.2.1. *L-effett tal-akkwiżizzjoni ta' Geniki fuq il-vijabbiltà fit-tul tal-Bank*

(280) F'termini ta' profittabbiltà operattiva, l-akkwiżizzjoni ta' Geniki għandha ttejjeb ir-ritorn tal-Bank għal vijabbiltà fit-tul. Skont l-analiżi sottomessa mill-Bank fil-mument ta' dik l-akkwiżizzjoni, il-fużjoni ta' żewġ banek fl-istess suq ġeografiku toħloq sinerġiji bħal iffrankar tal-ispejjeż permezz ta' tnaqqis tal-persunal u għeluq ta' fergħat. Il-Bank sejjer jakkwista l-klijenti u d-depożituri ta' Geniki, sabiex b'hekk inaqqas l-ispejjeż tad-distribuzzjoni b'mod sinifikanti.

(281) F'termini tal-pożizzjoni ta' likwidità, kif spjegat fil-premessa (65), Geniki kellu aktar depożiti minn self nett. Għalhekk, l-akkwiżizzjoni żiedet il-likwidità tal-Bank u għenet lill-Bank inaqqas il-proporzjon self-depożitu tiegħu. Minbarra dan, Geniki kien kapitalizzat b'mod adegwat qabel seta' jiġi akkwistat mill-Bank. B'hekk, l-akkwiżizzjoni mhijiex mistennija toħloq ħtiġijiet kapitali fil-ġejjieni għall-Bank.

([97]) http://www.epant.gr/apofasi_details.php?Lang=gr&id=345&nid=689.

(282) Għalhekk, l-akkwiżizzjoni hija pożittiva għat-treġġigħ lura tal-vijabbiltà fit-tul tal-Bank.

7.5.2.2. *L-effett tal-akkwiżizzjoni ta' Geniki fuq l-ammont ta' għajnuna meħtieġa mill-Bank*

(283) B'konformità mal-punt 23 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, l-għajnuna għar-ristrutturar ma għandhiex tintuża għall-akkwiżizzjoni ta' kumpaniji oħrajn, iżda sempliċiment biex tkopri l-ispejjeż tar-ristrutturar li huma meħtieġa għat-treġġigħ lura tal-vijabbiltà tal-Bank. F'dan il-każ, għalkemm l-akkwiżizzjoni għandha implikazzjonijiet pożittivi għall-vijabbiltà tal-Bank, mhijiex essenzjali għall-vijabbiltà tiegħu skont it-tifsira tal-punt 23 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

(284) Madankollu, il-Bank ħallas biss EUR 1 miljun għax-xiri ta' Geniki, li huwa meqjus bħala ammont żgħir ħafna. Barra minn hekk, Geniki kien kapitalizzat b'mod adegwat u, bħala kondizzjoni għat-tranżazzjoni, Société Générale injettat ammont sinifikanti ta' kapital fil-Bank ([98]).

(285) Il-Kummissjoni tikkonkludi li, fid-dawl tal-speċifiċitajiet tat-tranżazzjoni (akkwiżizzjoni bi prezz baxx ħafna ta' bank kapitalizzat b'mod sħiħ u injezzjoni ta' kapital mill-bejjiegħ fil-Bank), l-akkwiżizzjoni ma tiġġenera ebda ħtieġa kapitali ulterjuri għall-Bank u, għalhekk, l-akkwiżizzjoni ta' Geniki ma tiksirx b'mod eċċezzjonali l-prinċipju li l-għajnuna għandha tkun limitata għall-minimu neċessarju.

7.5.2.3. *L-effett distortiv tal-akkwiżizzjoni ta' Geniki fuq il-kompetizzjoni*

(286) Kif intqal fil-premessa 274, b'konformità mal-punti 39 u 40 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, l-għajnuna mill-Istat ma għandhiex tintuża għad-detriment tal-kumpaniji mhux megħjuna u, b'mod partikolari, għall-akkwist ta' negozji kompetituri, għajr taħt ċirkostanzi speċifiċi.

(287) Geniki ma kienx meqjus bħala vijabbli fuq bażi awtonoma mill-Bank of Greece, meta dan tal-aħħar analizza l-vijabbiltà tal-banek Griegi kollha fil-bidu tal-2012. Geniki kien qiegħed jiġġenera telf kbir għal Société Générale li, għalhekk, riedet tbiegħu u, jekk tali bejgħ ma kienx possibbli, setgħet tikkunsidra li tħallih ifalli. Għalhekk, l-akkwiżizzjoni tista' titqies bħala parti minn proċess ta' konsolidazzjoni li huwa meħtieġ għat-treġġigħ lura tal-istabbiltà finanzjarja tat-tip deskritt fil-punt 41 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

(288) Barra minn hekk, ma kien hemm ebda offerent mhux megħjun li ssottometta offerta valida sabiex jakkwista lil Geniki. Għalhekk, ma tħalla barra eba offerent mhux megħjun mill-Bank.

(289) Barra minn hekk, billi l-akkwiżizzjoni kienet awtorizzata mill-Awtorità tal-Kompetizzjoni Ellenika ([99]), jista' jiġi preżunt li l-eżitu tal-proċess tal-bejgħ ma jipperikolax il-kompetizzjoni effettiva fil-Greċja.

(290) Fl-aħħar nett, il-prezz tax-xiri kien baxx ħafna. Għalhekk, ma jistax jitqies li l-Bank uża l-għajnuna mill-Istat sabiex jiffinanzja l-akkwiżizzjoni. Fid-dawl ta' dawk l-elementi, jista' jiġi konkluż li l-akkwiżizzjoni ta' Geniki taqa' taħt l-eżenzjoni fil-punt 41 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

7.5.2.4. *Konklużjoni dwar l-akkwiżizzjoni ta' Geniki*

(291) Ġie konkluż li, fid-dawl tas-sitwazzjoni unika tal-banek Griegi u l-speċifiċitajiet tal-akkwiżizzjoni ta' Geniki, dik l-akkwiżizzjoni hija konformi mar-rekwiżiti stipulati fil-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

7.5.3. **Il-konformità tal-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti mal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar**

7.5.3.1. *L-effett tal-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti fuq il-vijabbiltà fit-tul tal-Bank*

(292) L-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti ssaħħaħ il-vijabbiltà fit-tul tal-Bank.

(293) Skont l-analiżi sottomessa mill-Bank fil-mument tal-akkwiżizzjoni, it-tranżazzjoni sejra twassal għal sinerġiji konsiderevoli bħal sinerġiji tal-ispejjeż permezz ta' ffrankar tal-ispejjeż relatati mal-amministrazzjoni u l-persunal u titjib sinifikanti tal-ispiża tad-depożiti. Minn mindu saret l-akkwiżizzjoni, il-Bank integra b'mod sħiħ l-operazzjonijiet Griegi tat-tliet Banek Ċiprijotti, ta identità ġdida lill-fergħat kollha tat-tliet Banek Ċiprijotti u jinsab fi stadju avvanzat fir-razzjonalizzazzjoni tan-netwerk.

(294) Il-portafolli tas-self tal-operazzjonijiet Griegi tat-tliet Banek Ċiprijotti kienu pprovduti sewwa. Tabilħaqq, il-Bank akkwista dak is-self bi prezz ferm aktar baxx mill-ammonti nominali tiegħu: il-prezz tax-xiri tnaqqas sabiex jirrifletti t-telf fil-ġejjieni kkalkolat minn PIMCO fil-qafas ta' test tal-istress. Għalhekk, ir-riskju li t-telf mis-self jaqbeż dak rifless fil-prezz baxx tax-xiri huwa limitat.

([98]) Ara l-premessa 68.
([99]) http://www.epant.gr/news_details.php?Lang=en&id=89&nid=497.

(295) Il-Bank akkwista wkoll ġabra kbira ta' depożiti, kważi kbira daqs is-self nett akkwistat. Għalhekk, huwa saħħaħ il-pożizzjoni tal-likwidità tiegħu.

(296) Għalhekk, l-akkwiżizzjoni hija pożittiva għat-treġġigħ lura tal-vijabbiltà fit-tul tal-Bank.

7.5.3.2. *L-effett tal-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti fuq l-ammont ta' għajnuna meħtieġa mill-Bank*

(297) B'konformità mal-punt 23 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, l-għajnuna għar-ristrutturar ma għandhiex tintuża għall-akkwiżizzjoni ta' kumpaniji oħrajn, iżda sempliċiment biex tkopri l-ispejjeż tar-ristrutturar li huma meħtieġa sabiex titreġġa' lura l-vijabbiltà tal-Bank.

(298) Kif ġie analizzat fit-taqsima 7.3, l-għajnuna kellha l-għan li tkopri l-ħtiġijiet kapitali tal-akkwirent tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti, hekk kif l-akkwiżizzjoni tagħhom tiżgura ż-żamma tal-istabbiltà finanzjarja fil-Greċja. Il-korrispettiv finalment imħallas mill-Bank għall-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti kien ferm aktar baxx mill-valur kontabilistiku tal-portafoll akkwistat. Huwa kien saħansitra aktar baxx mill-valur tas-self wara li kien aġġustat 'l isfel sabiex jirrifletti t-telf mis-self fil-ġejjieni kkalkolat minn PIMCO taħt it-test tal-istress. Għalhekk, il-prezz tal-akkwiżizzjoni jista' jitqies bħala wieħed negattiv. Dik il-konklużjoni hija appoġġjata mill-fatt li l-Bank ipprenota avvjament negattiv kbir meta akkwista l-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti, li żied il-kapital tiegħu.

(299) Madankollu, f'każ li jitqies li l-Bank ħallas prezz pożittiv, il-Kummissjoni tosserva li, bħala prekondizzjoni tal-akkwiżizzjoni, l-HFSF ta impenn lix-xerrej li huwa sejjer jinjetta l-ammont tal-prezz tax-xiri f'kapital. L-HFSF irrispetta dak l-impenn fil-qafas tar-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013. Dik l-injezzjoni ta' kapital hija għajnuna għall-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti u mhux lill-Bank, kif ġie spjegat fit-taqsima 6.2.1. Għalhekk, l-akkwiżizzjoni ma ħolqot ebda ħtieġa għal għajnuna mill-Istat addizzjonali lill-Bank.

(300) Ġie konkluż li, minħabba termini atipiċi (il-prezz baxx tax-xiri u l-impenn mogħti mill-HFSF li jinjetta l-prezz tax-xiri fil-qafas ta' żieda ta' kapital), l-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti ma tiksirx b'mod eċċezzjonali l-prinċipju li l-għajnuna għandha tkun limitata għall-minimu neċessarju.

7.5.3.3. *L-effett distortiv tal-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti fuq il-kompetizzjoni*

(301) Kif ġie ddikjarat fil-premessa 274, b'konformità mal-punti 39 u 40 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, l-għajnuna mill-Istat ma għandhiex tintuża għad-detriment tal-kumpaniji mhux megħjuna u, b'mod partikolari, għall-akkwist ta' negozji kompetituri, għajr taħt ċirkostanzi speċifiċi.

(302) Il-bejgħ tal-operazzjonijiet Griegi tal-Banek Ċiprijotti kellu l-għan li jissalvagwardja l-istabbiltà tas-sistema bankarja Griega u li jiżgura li l-Banek Ċiprijotti jkunu jistgħu jbigħu dawk in-negozji qabel ma x'aktarx jitilfu mill-valur tagħhom. B'hekk, it-tranżazzjoni tista' titqies bħala parti minn proċess ta' konsolidazzjoni li huwa meħtieġ sabiex titreġġa' lura l-istabbiltà finanzjarja tat-tip deskritt fil-punt 41 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

(303) Barra minn hekk, ma kien hemm ebda offerent mhux megħjun li ssottometta offerta valida sabiex jakkwista lit-tliet Banek Ċiprijotti. Il-proċess tal-bejgħ kien miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju.

(304) Fl-aħħar nett, minħabba li dik l-akkwiżizzjoni kienet awtorizzata mill-Awtorità tal-Kompetizzjoni Ellenika ([100]), jista' jiġi preżunt li l-eżitu tal-proċess tal-bejgħ ma jipperikolax il-kompetizzjoni effettiva fil-Greċja.

(305) Fid-dawl ta' dawk l-elementi, jista' jiġi konkluż li l-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti taqa' taħt l-eżenzjoni fil-punt 41 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

7.5.3.4. *Konklużjoni dwar l-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti*

(306) Ġie konkluż li, fid-dawl tas-sitwazzjoni unika tal-banek Griegi u l-ispeċifiċitajiet tal-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti, dik l-akkwiżizzjoni hija konformi mar-rekwiżiti stipulati fil-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

7.5.4. **Il-konformità tal-akkwiżizzjoni ta' MBG mal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar**

7.5.4.1. *L-effett tal-akkwiżizzjoni ta' MBG fuq il-vijabbiltà fit-tul tal-Bank*

(307) L-akkwiżizzjoni tal-MBG rikapitalizzat b'mod sħiħ issaħħaħ il-vijabbiltà fit-tul tal-Bank.

([100]) http://www.epant.gr/apofasi_details.php?Lang=gr&id=352&nid=713.

(308) Skont l-analiżi sottomessa mill-Bank fil-mument tal-akkwiżizzjoni, it-tranżazzjoni sejra twassal għal sinerġiji konsiderevoli bħal sinerġiji tal-ispejjeż permezz ta' tnaqqis ta' fergħat u persunal, spejjeż aktar baxxi tad-depożiti u sinerġiji tad-dħul. Sadanittant, il-Bank integra b'mod sħiħ lil MBG.

(309) Barra minn hekk, minħabba li MBG kien kapitalizzat b'mod adegwat qabel ġie akkwistat mill-Bank u minħabba li l-bank ħallas prezz tax-xiri ta' EUR 1 miljun, l-akkwiżizzjoni mhijiex mistennija toħloq ħtiġijiet kapitali fil-ġejjieni għall-Bank. Barra minn hekk, il-bejjiegħ ta impenn, bħala parti mit-tranżazzjoni, li jinjetta EUR 400 miljun ta' kapital fil-Bank. Dik l-impenn ġie implimentat fil-qafas tar-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013, li matulha BCP injetta EUR 400 miljun fil-Bank.

(310) Ġie konkluż li l-akkwiżizzjoni hija pożittiva għat-treġġigħ lura tal-vijabbiltà fit-tul tal-Bank u li l-prezz tax-xiri ta' MBG kien tant baxx li ma waqqafx l-għajnuna milli tkun limitata għall-minimu neċessarju.

7.5.4.2. *L-effett tal-akkwiżizzjoni ta' MBG fuq l-ammont ta' għajnuna meħtieġa mill-Bank*

(311) B'konformità mal-punt 23 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, l-għajnuna għar-ristrutturar ma għandhiex tintuża għall-akkwiżizzjoni ta' kumpaniji oħrajn, iżda sempliċiment biex tkopri l-ispejjeż tar-ristrutturar li huma meħtieġa sabiex titreġġa' lura l-vijabbiltà tal-Bank. F'dan il-każ, għalkemm l-akkwiżizzjoni għandha implikazzjonijiet pożittivi għall-vijabbiltà tal-Bank, mhijiex essenzjali għall-vijabbiltà tiegħu skont it-tifsira tal-punt 23 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

(312) Madankollu, il-Bank ħallas biss EUR 1 miljun għax-xiri ta' MBG, li huwa meqjus bħala ammont żgħir ħafna. Barra minn hekk, MBG kien kapitalizzat b'mod adegwat minn BCP u, bħala kondizzjoni tat-tranżazzjoni, BCP injetta EUR 400 miljun ta' kapital fil-Bank ([101]).

(313) Ġie konkluż li, fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet tat-tranżazzjoni (akkwiżizzjoni bi prezz baxx ħafna ta' bank kapitalizzat b'mod sħiħ u injezzjoni ta' kapital mill-bejjiegħ fil-Bank), l-akkwiżizzjoni ta' MBG ma tiġġenera ebda ħtieġa kapitali ulterjuri għall-Bank u, għalhekk, l-akkwiżizzjoni ta' MBG ma tiksirx b'mod eċċezzjonali r-rekwiżit li titnaqqas l-għajnuna.

7.5.4.3. *L-effett distortiv tal-akkwiżizzjoni ta' MBG fuq il-kompetizzjoni*

(314) Kif ġie ddikjarat fil-premessa 274, b'konformità mal-punti 39 u 40 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, l-għajnuna mill-Istat ma għandhiex tintuża għad-detriment tal-kumpaniji mhux megħjuna u, b'mod partikolari, għall-akkwist ta' negozji kompetituri, għajr taħt ċirkostanzi speċifiċi.

(315) MBG ma kienx meqjus bħala vijabbli fuq bażi awtonoma mill-Bank of Greece, meta dan tal-aħħar analizza l-vijabbiltà tal-banek Griegi kollha fil-bidu tal-2012. MBG kien qiegħed jiġġenera telf kbir għal BCP li, għalhekk, ried ibiegħu u, jekk tali bejgħ ma kienx possibbli, seta' jikkunsidra li jħallih ifalli. Il-bejgħ ta' MBG kien ukoll parti mill-pjan ta' ristrutturar ta' BCP ([102]). Għalhekk, l-akkwiżizzjoni tista' titqies bħala parti minn proċess ta' konsolidazzjoni li huwa meħtieġ għat-treġġigħ lura tal-istabbiltà finanzjarja tat-tip deskritt fil-punt 41 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

(316) Barra minn hekk, ma kien hemm ebda offerent mhux megħjun li ssottometta offerta valida sabiex jakkwista lil MBG.

(317) F'dan l-isfond, jista' jiġi konkluż li l-akkwiżizzjoni ta' MBG taqa' taħt l-eżenzjoni fil-punt 41 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

7.5.4.4. *Konklużjoni dwar l-akkwiżizzjoni ta' MBG*

(318) Ġie konkluż li, fid-dawl tas-sitwazzjoni unika tal-banek Griegi u l-ispeċifiċitajiet tal-akkwiżizzjoni ta' MBG, dik l-akkwiżizzjoni hija konformi mar-rekwiżiti stipulati fil-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

7.6. IL-KONFORMITÀ TAL-MIŻURI A, B1, B2, B3 U B4 MAL-KOMUNIKAZZJONI DWAR IR-RISTRUTTURAR

7.6.1. **Sorsi tad-diffikultajiet u l-konsegwenzi fuq il-valutazzjoni skont il-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar**

(319) Kif ġie indikat fit-taqsimiet 2.1.1 u 2.1.2, id-diffikultajiet iffaċċjati mill-Bank ġejjin primarjament mill-kriżi sovrana Griega u mir-reċessjoni profonda fil-Greċja u fin-nofsinhar tal-Ewropa. Fir-rigward tal-fattur imsemmi l-ewwel, il-gvern Grieg tilef l-aċċess għas-swieq finanzjarji u finalment kellu jinnegozja ftehim mal-krediturі domestiċi u internazzjonali tiegħu, il-programm PSI, li rriżulta f'telf impost fuq il-pretensjonijiet miżmuma kontra l-Istat bi

([101]) Ara l-premessa 80.

([102]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Awwissu 2013 fil-kawża SA.34724, " Ir-Ristrutturar ta' Banco Comercial Português (BCP) Group", li għadha ma ġietx ippubblikata.

53,3 %. Barra minn hekk, 31,5 % tal-pretensjonijiet ġew skambjati għall-GGBs ġodda b'rati tal-imgħax aktar baxxi u maturitajiet itwal. Dawk il-GGBs inxtraw lura mill-Istat mingħand il-banek Griegi f'Diċembru 2012 bi prezz ta' bejn 30,2 % u 40,1 % tal-valur nominali tagħhom, sabiex b'hekk kien ikkristallizzat telf ulterjuri għall-banek Griegi. Minbarra l-impatt tal-programm PSI u x-xiri lura tad-dejn fuq il-pożizzjoni kapitali tiegħu, il-Bank osserva wkoll ħruġ enormi ta' depożiti bejn l-2010 u nofs l-2012 minħabba r-riskju li l-Greċja tista' toħroġ miż-żona tal-euro bħala konsegwenza ta' dejn pubbliku insostenibbli u r-reċessjoni ekonomika.

(320) L-għajnuna mogħtija lill-Bank, jiġifieri s-somma tal-miżuri B1, B2, B3 u B4, jew EUR 7 335 miljun, hija ogħla mill-ammont tat-telf ipprenotat wara l-programm PSI (EUR 5 911-il miljun).

(321) Parti kbira mill-ħtiġijiet kapitali jirriżultaw mill-iskopertura standard ta' istituzzjoni finanzjarja għar-riskju sovran tal-pajjiż domestiku tagħha. Dak il-fatt kien enfasizzat ukoll fil-premessi 63 u 74 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus. Bħala konsegwenza, hemm inqas ħtieġa għall-Bank li jindirizza l-kwistjonijiet ta' periklu morali fil-pjan ta' ristrutturar tiegħu milli għal istituzzjonijiet finanzjarji megħjuna oħrajn, li akkumulaw f'riskji eċċessivi. Għalhekk, billi l-miżuri ta' għajnuna huma inqas distortivi, il-miżuri meħuda sabiex jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni għandhom isiru inqas stretti b'mod proporzjonali. Minħabba li l-programm PSI u x-xiri lura tad-dejn jikkostitwixxu rinunzja tad-dejn favur l-Istat, ir-rimunerazzjoni tal-Istat għar-rikapitalizzazzjoni tal-banek tista' tkun aktar baxxa. Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li l-iskopertura tal-Bank għar-riskju sovran Grieg kienet akbar mill-iskopertura tal-banek Griegi kbar l-oħrajn. ([103]). Bħala riżultat, mhux it-telf kollu fuq il-GGBs jista' jiġi attribwit għall-iskopertura standard ta' istituzzjoni finanzjarja għar-riskju sovran tal-pajjiż domestiku tagħha.

(322) It-tieni sors ta' telf għall-Bank huwa t-telf fuq is-self tiegħu lill-familji u l-korporazzjonijiet Griegi. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li dak it-telf huwa primarjament dovut għall-kontrazzjoni tal-PDG ta' madwar 25 % fuq medda ta' ħames snin matul ir-reċessjoni profonda u mtawla b'mod eċċezzjonali, filwaqt li mhumiex dovuti għal prattiki ta' self riskjużi mill-Bank. B'riżultat ta' dan, l-għajnuna mogħtija sabiex tkopri dak it-telf ma toħloq ebda periklu morali, li huwa l-każ meta l-għajnuna tipproteġi lil bank mill-konsegwenzi ta' mġiba riskjuża fil-passat. Għalhekk, l-għajnuna hija inqas distortiva ([104]).

(323) Madankollu, parti mill-ħtiġijiet kapitali u mit-telf fuq is-self tal-Bank ġejja minn xi sussidjarji internazzjonali. It-testijiet tal-istress imwettqa fl-2012 sabiex jiddeterminaw il-ħtiġijiet kapitali tal-Bank indikaw li l-projezzjonijiet tat-telf tal-kreditu fuq is-self barrani kienu jammontaw għal EUR 1 314-il miljun fix-xenarju bażi u EUR 1 624 miljun fix-xenarju avvers. Fis-snin riċenti, bosta minn dawk in-negozji barranin kienu qegħdin jagħmlu t-telf. Fl-2012, it-telf minn attivitajiet internazzjonali kien jammonta għal EUR 244 miljun qabel it-taxxa ([105]). L-assi barranin wasslu wkoll għal tnaqqis gradwali fuq il-likwidità.

(324) Għalhekk, jista' jiġi konkluż li parti sinifikanti mit-telf u l-ħtieġa għall-għajnuna jaqgħu taħt il-punt 14 tal-Komunikazzjoni dwar l-Estensjoni tal-2011, li jippermetti lill-Kummissjoni theffef ir-rekwiżiti tagħha. Bl-istess mod, parti mill-ħtieġa għall-għajnuna ġejja mir-reċessjoni profonda b'mod eċċezzjonali fil-Greċja u mhux minn self riskjuż. Tali għajnuna ma toħloq ebda periklu morali u, għalhekk, hija inqas distortiva.

(325) Fl-aħħar nett, parti mill-ħtieġa għall-għajnuna ġejja mit-teħid ta' riskju mill-Bank stess fir-rigward tas-sehem kbir tiegħu ta' dejn sovran u s-sussidjarji barranin tiegħu.

7.6.2. **Vijabbiltà**

(326) Pjan ta' ristrutturar irid jiżgura li l-istituzzjoni finanzjarja tkun tista' treġġa' lura l-vijabbiltà fit-tul tagħha sal-aħħar tal-perjodu tar-ristrutturar (it-taqsima 2 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar). Fil-każ inkwistjoni, il-perjodu tar-ristrutturar huwa definit bħala l-perjodu bejn id-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-31 ta' Diċembru 2018.

(327) B'konformità mal-punti 9, 10 u 11 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, il-Greċja ssottomettiet pjan ta' ristrutturar komprensiv u ddettaljat li jipprovdi informazzjoni kompleta dwar il-mudell kummerċjali tal-Bank. Il-pjan jidentifika wkoll il-kawżi tad-diffikultajiet iffaċċjati mill-Bank, kif ukoll il-miżuri meħuda bil-għan li jindirizzaw il-kwistjonijiet kollha ta' vijabbiltà li kellu jiffaċċja. B'mod partikolari, il-pjan ta' ristrutturar jiddeskrivi l-istrateġija magħżula għall-preservazzjoni tal-effikaċja operattiva tal-Bank u għall-indirizzar tal-livell għoli ta' NPL, tal-likwidità vulnerabbli u l-pożizzjonijiet kapitali tiegħu, kif ukoll in-negozji barranin tiegħu, li, matul is-snin riċenti, kellhom jiddependu fuq il-kumpanija prinċipali tagħhom għall-fondi u l-kapital.

([103]) Ara t-Tabella 2.

([104]) Ara l-punt (28) tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar u ara l-premessa 320 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' April 2011 dwar il-miżuri Nru. C 11/09 (ex NN 53b/2008, NN 2/10 u N 19/10) implimentati mill-Istat Olandiż għal ABN AMRO Group NV (maħluq wara l-fużjoni bejn Fortis Bank Nederland u ABN AMRO N) (ĠU L 333, 15.12.2011, p. 1).

([105]) http://www.piraeusbankgroup.com/en/investors/financials/presentation-audio-archive.

7.6.2.1. *Attivitajiet bankarji Griegi*

(328) Fir-rigward tal-likwidità ([106]) u d-dipendenza tal-Bank fuq il-finanzjament tal-Eurosistema, il-pjan ta' ristrutturar jipprevedi tkabbir limitat tal-karta bilanċjali fil-Greċja, filwaqt li l-bażi tad-depożiti għandha terġa' tikber. Id-dipendenza fuq l-ELA garantita mill-Istat, li diġà naqset, mistennija tkompli tonqos aktar, sitwazzjoni li se tgħin lill-Bank inaqqas l-ispiża tal-finanzjament tiegħu.

(329) L-impenn tal-proporzjon self-depożiti msemmi fil-premessa 137 jiggarantixxi li l-istruttura tal-karta bilanċjali tal-Bank tkun sostenibbli fl-aħħar tal-perjodu tar-ristrutturar. Il-bejgħ tat-titoli u ta' attivitajiet mhux ewlenin oħrajn se jsaħħaħ ukoll il-pożizzjoni tal-likwidità tal-Bank. Minħabba l-pożizzjoni tal-likwidità stressanti tal-Bank, il-Kummissjoni tista' taċċetta t-talba tal-awtoritajiet Griegi li jkunu awtorizzati sabiex jipprovdu likwidità lill-Bank taħt il-miżuri ta' garanzija u self obbligazzjonarju tal-gvern fi ħdan l-Iskema ta' Appoġġ lill-Banek Griegi u taħt l-ELA garantita mill-Istat.

(330) Bil-għan li tnaqqas l-ispejjeż tal-finanzjament tagħha, il-Greċja pprovdiet ukoll impenn li l-Bank se jkompli jnaqqas ir-rati tal-imgħax li qiegħed iħallas fuq id-depożiti fil-Greċja, kif deskritt fil-premessa (137). Il-kisba ta' tali tnaqqis fl-ispiża tad-depożiti sejra tkun kontribuzzjoni kruċjali għat-titjib tal-profittabbiltà ta' qabel il-proviżjonament tal-Bank.

(331) Minn mindu bdiet il-kriżi, il-Bank għamel akkwiżizzjonijiet kbar li żiedu d-daqs u l-bażi tad-depożiti tiegħu b'mod drammatiku. Il-Bank irnexxielu jintegra b'suċċess in-negozju akkwistat fi żmien rekord. Bħalissa, il-Bank qiegħed jipprova jwettaq is-sinerġiji kollha possibbli wara dawk l-akkwiżizzjonijiet. Huwa beda jirrazzjonalizza n-netwerk kummerċjali tiegħu fil-Greċja, permezz ta' tnaqqis fin-numru ta' fergħat u impjegati ([107]). Sal-2017, l-ispejjeż totali tal-Bank fil-Greċja mistennija jonqsu bi […]% ulterjuri meta mqabbla mal-2013. Bil-għan li tilħaq dik il-mira, il-Greċja impenjat li l-Bank sejjer inaqqas il-fergħat u l-impjegati tiegħu fil-Greċja għal […] u […] rispettivament fil-31 ta' Diċembru 2017, bi spejjeż totali massimi fil-Greċja ta' EUR […] biljun. Il-proporzjon spejjeż-dħul mistenni għandu jinżel taħt […]% fi tmiem il-perjodu tar-ristrutturar. Il-Kummissjoni tqis li l-pjan tar-ristrutturar jippreserva l-effikaċja tal-Bank fl-ambjent tas-suq il-ġdid.

(332) Qasam ewlieni ieħor huwa t-trattament tal-NPL, hekk kif fil-31 ta' Diċembru 2013 dawn kienu jammontaw għal 36 % tal-portafoll tal-Bank ([108]). Il-Bank qiegħed jippjana li jsaħħaħ il-politika kreditizja tiegħu (il-limiti, il-kopertura kollaterali) u li jiffoka fuq l-attività prinċipali sabiex inaqqas it-telf tiegħu. Il-Greċja tat ukoll impenn li l-Bank se jikkonforma mal-istandards għoljin fir-rigward tal-politika kreditizja tiegħu sabiex jiġġestixxi r-riskji u sabiex inaqqas il-valur għall-Bank f'kull stadju tal-proċess tal-kreditu, inkluż ir-ristrutturar tas-self, kif deskritt fil-premessa 141.

7.6.2.2. *Governanza korporattiva*

(333) Punt ieħor ta' attenzjoni huwa l-governanza tal-Bank minħabba li l-HFSF jippossjedi l-maġġoranza tal-ishma tal-Bank wara r-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013, iżda b'setgħa ta' votazzjoni ristretta. Barra minn hekk, uħud mill-investituri privati li jikkontrollaw il-Bank għandhom ukoll ċertifikati u b'hekk jiggwadanjaw il-benefiċċju sħiħ li kieku l-prezz tal-ishma kellu jogħla matul il-perjodu tar-ristrutturar. Minħabba li s-sitwazzjoni tista' toħloq periklu morali, fl-2013 intlaħaq qbil fuq qafas tar-relazzjoni speċifiku bejn il-Bank u l-HFSF. Dak il-ftehim jipproteġi l-ħidma ta' kuljum tal-Bank minn kwalunkwe interferenza mill-azzjonisti prinċipali tiegħu, filwaqt li jiggarantixxi li l-HFSF ikun jista' jissorvelja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar u jipprevjeni t-teħid ta' riskji eċċessivi mill-maniġment tal-Bank permezz ta' proċeduri ta' konsultazzjoni xierqa. Il-Bank impenja ruħu wkoll li jissorvelja mill-qrib l-iskopertura tiegħu għall-mutwatarji konnessi. Il-Kummissjoni tinnota b'mod pożittiv il-fatt li l-HFSF jerġa' jikseb id-drittijiet tal-vot awtomatikament jekk il-Bank ma jimplimentax il-pjan ta' ristrutturar tiegħu.

7.6.2.3. *Attivitajiet internazzjonali*

(334) Uħud mill-attivitajiet internazzjonali tal-Bank ġabu fix-xejn il-kapital u l-likwidità tal-Bank fil-passat, kif spjegat fil-premessa 323.

(335) Il-pjan ta' ristrutturar jantiċipa li l-Bank ser ikompli jiffoka mill-ġdid fuq is-suq domestiku tiegħu. Il-Bank diġà biegħ l-impriża sussidjarja tiegħu fl-Istati Uniti tal-Amerika. Huwa beda jirrazzjonalizza wkoll lis-sussidjarji l-oħrajn, bil-għan li jsaħħaħ il-proċess tas-sottoskrizzjoni tas-self u jnaqqas id-diskrepanza tal-likwidità tas-sussidjarji. Huwa qiegħed jippjana razzjonalizzazzjoni ulterjuri tan-netwerk tiegħu fl-impriżi sussidjarji miżmuma, kif deskritt fil-premessa 130.

(336) Għalhekk, l-ammont totali ta' assi barranin sejjer jiċkien fil-ġejjieni. Fl-aħħar tal-perjodu tar-ristrutturar, dawn sejrin jammontaw għal […] parti mill-karta bilanċjali totali tal-Bank.

([106]) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li parti mill-ħtiġijiet tal-likwidità tal-Bank ġejja mill-forma atipika tal-parteċipazzjoni tal-HFSF fl-ewwel u fit-tieni rikapitalizzazzjonijiet tranżitorji, kif ukoll fir-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013. Tabilħaqq, bħala korrispettiv għall-parteċipazzjoni tiegħu, l-HFSF ittrasferixxa lill-Bank noti tal-EFSF minflok flus kontanti. Il-Bank għandu ammont kbir ta' noti tal-EFSF fuq perjodu ta' żmien medju u twil, li jżidu l-ħtiġijiet tal-finanzjament tiegħu meta mqabbla ma' sitwazzjoni fejn ir-rikapitalizzazzjoni kienet titħallas fi flus kontanti. Dik il-parti tal-ħtiġijiet tal-likwidità ma tirriflettix mudell ta' negozju jew struttura ta' karta bilanċjali mhux xierqa. Hija tgħib awtomatikament meta n-noti tal-EFSF jimmaturaw.

([107]) Ara l-premessa 116.

([108]) Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 132.

(337) Għalhekk, il-Kummissjoni temmen li l-Bank sejjer jirristruttura u jnaqqas dawk in-negozji barranin b'mod suffiċjenti sabiex jevita li jiġi espost għal ħtiġijiet kapitali addizzjonali u għal nuqqas ta' likwidità fil-ġejjieni. L-impenn deskritt fil-premessa (138) sabiex joqgħod lura milli jinjetta ammonti kbar ta' kapital fis-sussidjarji internazzjonali tal-Bank jikkontribwixxi wkoll sabiex jiġi żgurat li s-sussidjarji barranin ma jirrappreżentaw ebda theddida għall-kapital jew għall-pożizzjoni tal-likwidità tal-Bank.

7.6.2.4. *Konklużjoni dwar il-vijabbiltà*

(338) Ix-xenarju bażi, kif deskritt fit-taqsima 2.4, juri li, fl-aħħar tal-perjodu tar-ristrutturar, il-Bank ser ikun jista' jikseb ritorn li jippermettilu jkopri l-ispejjeż kollha tiegħu u jipprovdi ritorn xieraq fuq l-ekwità, billi jieħu f'kunsiderazzjoni l-profil tar-riskju tiegħu. Fl-istess ħin, il-pożizzjoni kapitali tal-Bank hija pproġettata li tibqa' f'livell sodisfaċenti.

(339) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tieħu nota tax-xenarju avvers deskritt fil-pjan ta' ristrutturar tal-Bank kif sottomess mill-awtoritajiet Griegi. Dak ix-xenarju avvers huwa bbażat fuq sett ta' suppożizzjonijiet maqbula mal-HFSF. Huwa jieħu f'kunsiderazzjoni reċessjoni itwal u aktar profonda, kif ukoll deflazzjoni aktar severa tal-prezzijiet tal-proprjetà immobbli. Il-pjan ta' ristrutturar juri li l-Bank kapaċi jirreżisti ammont raġonevoli ta' stress minħabba li, fix-xenarju avvers, huwa jibqa' profittabbli u kapitalizzat sewwa fl-aħħar tal-perjodu tar-ristrutturar.

(340) L-ammont ta' kapital addizzjonali li nġabar fl-2014, jiġifieri EUR 1 750 miljun, huwa biżżejjed sabiex ilaħħaq max-xenarju bażi tat-test tal-istress tal-2013 fil-perjodu tar-ristrutturar u sabiex jitħallsu lura l-ishma privileġġati, kif fil-fatt għamel il-Bank f'Mejju 2014 ([109]). […] Il-Kummissjoni tfakkar li fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet kapitali taħt ix-xenarju bażi, il-Bank of Greece diġà introduċa bosta aġġustamenti li wasslu għal żieda fil-ħtiġijiet kapitali stmati mqabbla mal-ħtiġijiet kapitali stmati mill-Bank fi ħdan ix-xenarju bażi tiegħu stess. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ħtiġijiet kapitali stmati mill-Bank of Greece taħt ix-xenarju bażi jassumu ċertu livell ta' stress. Sabiex tkun tista' tikkonkludi li l-Bank huwa vijabbli, il-Kummissjoni ma tirrikjedix li l-Bank ikollu biżżejjed kapital bil-quddiem sabiex ikopri l-ħtiġijiet kapitali stmati mill-Bank of Greece taħt xenarju stressanti, minħabba li dak il-livell stmat jirrappreżenta livell għoli ta' stress u minħabba li l-ġbir tal-kapital ta' Marzu 2014 juri li l-Bank reġa' kiseb l-aċċess għas-swieq kapitali.

(341) Barra minn hekk, huwa pożittiv li l-Bank mhuwiex ser jagħmel investimenti addizzjonali f'dokument mhux fi grad ta' investiment, fatt li se jgħinu sabiex jippreserva l-kapital u l-pożizzjoni tal-likwidità tiegħu.

(342) Għalhekk, ġie konkluż li t-taħlita tar-ristrutturar diġà implimentat u r-ristrutturar addizzjonali propost huma biżżejjed sabiex titreġġa' lura l-vijabbiltà fit-tul tal-Bank.

7.6.3. **Kontribuzzjoni proprja u kondiviżjoni tal-piżijiet**

(343) Kif ġie ddikjarat fit-taqsima 3 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, il-banek u l-partijiet interessati tagħhom jeħtieġ li jikkontribwixxu għar-ristrutturar kemm jista' jkun sabiex jiżguraw li l-għajnuna tkun limitata għall-minimu neċessarju. Għaldaqstant, il-banek għandhom jużaw ir-riżorsi proprji tagħhom biex jiffinanzjaw ir-ristrutturar, pereżempju billi jbigħu l-assi, filwaqt li l-azzjonisti għandhom jassorbu t-telf tal-bank, fejn ikun possibbli.

7.6.3.1. *Kontribuzzjoni proprja mill-Bank: ċessjonijiet u tnaqqis tal-ispejjeż*

(344) Il-Bank diġà ċeda xi negozji barranin żgħar (fl-Istati Uniti tal-Amerika) u wettaq id-diżingranaġġ ta' parti mill-portafoll tiegħu sabiex isaħħaħ kemm l-adegwatezza kapitali kif ukoll il-pożizzjoni tal-likwidità tiegħu. Il-pjan ta' ristrutturar jipprevedi d-diżingranaġġ tal-attivitajiet barranin tiegħu, kif deskritt fil-premessi 125 sa 129. Meta wieħed iqis id-diżingranaġġ u ċ-ċessjonijiet diġà implimentati, kif ukoll wara l-implimentazzjoni tal-impenji relatati mad-diżingranaġġ u maċ-ċessjonijiet tan-negozji barranin, il-Bank ser ikun naqqas b'mod sinifikanti l-preżenza ġeografika tiegħu fi […]. It-tnaqqis fl-assi internazzjonali tal-Bank se jwassal ukoll għal tnaqqis sinifikanti tar-riskju kontinġenti li tkun meħtieġa l-għajnuna fil-ġejjieni. Għalhekk, dan qiegħed jgħin sabiex l-ammont tal-għajnuna jitnaqqas għall-minimu.

(345) Bil-għan li jillimita l-ħtiġijiet kapitali tiegħu, il-Bank mhuwiex sejjer juża l-kapital sabiex jappoġġja jew jespandi s-sussidjarji barranin tiegħu, kif deskritt fil-premessa 138. Barra minn hekk, l-impenji magħmula mill-Greċja jiggarantixxu li l-Bank ma jagħmilx akkwiżizzjonijiet għaljin.

(346) Il-Bank involva ruħu wkoll fi programm ambizzjuż ta' tnaqqis tal-ispejjeż, kif indikat fit-taqsima 2.4.2. L-ispejjeż tiegħu sejrin ikomplu jonqsu sal-2017. Il-forza tax-xogħol tiegħu qiegħda titnaqqas u s-salarji qegħdin jiġu aġġustati 'l isfel. Il-Greċja impenjat ruħha wkoll illi tillimita r-rimunerazzjoni tal-maniġers tal-Bank, […].

([109]) Ara l-premessa 52.

7.6.3.2. *Kondiviżjoni tal-piżijiet mill-azzjonisti storiċi u kapital ġdid miġbur fis-suq*

(347) L-azzjonisti storiċi tal-Bank kienu dilwiti permezz tal-ħruġ tad-drittijiet fl-2009 ([110]) u għal darba oħra permezz tar-rikapitalizzazzjoni tal-HFSF (il-miżura B4) u l-ġbir tal-kapital privat tal-2013 u ta' Marzu 2014. Pereżempju, is-sehem li kellhom l-azzjonisti tal-Bank, li f'dak iż-żmien kien jinkludi lill-investituri li injettaw il-flus fl-2009, tnaqqas minn 100 % qabel ir-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013 għal 2,3 % biss wara dik ir-rikapitalizzazzjoni. Barra minn hekk, il-Bank ma ħallas ebda dividend fi flus kontanti mill-2008 'il quddiem. Minbarra dik il-kondiviżjoni tal-piżijiet mill-azzjonisti storiċi, il-Bank ġabar ammont sinifikanti ta' kapital privat minn mindu bdiet il-kriżi fl-2008, jiġifieri EUR 807 miljun fl-2009, EUR 1 444 miljun fl-2013 u EUR 1 750 miljun fl-2014.

7.6.3.3. *Kondiviżjoni tal-piżijiet mid-detenturi tad-dejn subordinat*

(348) Id-detenturi tad-dejn ibridu u subordinat tal-Bank ikkontribwixxew għall-ispejjeż tar-ristrutturar tal-Bank. Il-Bank wettaq bosta eżerċizzji ta' ġestjoni tal-obbligazzjonijiet bil-għan li jiġġenera l-kapital, kif deskritt fil-premessa 134.

(349) L-istrumenti li sa issa għadhom pendenti huma soġġetti għall-projbizzjoni fuq il-kupuni msemmija fil-premessa 143. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li kondiviżjoni tal-piżijiet adegwata mid-detenturi tad-dejn ibridu u subordinat tal-Bank hija garantita u li r-rekwiżiti tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar f'dak ir-rigward qegħdin jiġu ssodisfati.

7.6.3.4. *Konklużjoni dwar il-kontribuzzjoni proprja u l-kondiviżjoni tal-piżijiet*

(350) Meta mqabbla mar-rikapitalizzazzjoni Statali totali riċevuta, il-kontribuzzjoni proprja u l-kondiviżjoni tal-piżijiet, speċjalment fil-forma tal-bejgħ tal-assi u t-tnaqqis tal-ktieb tas-self, huma ferm inqas minn dak li l-Kummissjoni ġeneralment tqis bħala biżżejjed. It-tnaqqis jikkonċerna biss l-attivitajiet barranin, li jammontaw għal parti limitata tal-Bank ([111]) u r-ristrutturar ma jipprevedi ebda tnaqqis fid-daqs tal-kotba tas-self u tad-depożiti fil-Greċja, li, għall-kuntrarju, kibru b'mod drammatiku matul l-aħħar sena, wara l-akkwiżizzjonijiet li saru. Madankollu, il-Kummissjoni tieħu f'kunsiderazzjoni l-elementi diskussi fit-taqsima 7.6.1 u, b'mod partikolari, il-fatt li l-għajnuna riċevuta tikkwalifika parzjalment għall-eżenzjoni stipulata fil-punt 14 tal-Komunikazzjoni dwar l-Estensjoni tal-2011, li permezz tagħha l-Kummissjoni tista' taċċetta inqas kontribuzzjoni proprja u kondiviżjoni tal-piżijiet. Il-Kummissjoni tinnota wkoll b'mod pożittiv li l-Bank ġabar EUR 1 444 miljun fis-suq f'Mejju 2013 u EUR 1 750 miljun f'Marzu 2014, […]. Barra minn hekk, il-kapital miġbur f'Marzu 2014 inġabar bi prezz għal kull sehem ugwali għall-prezz għal kull sehem li bih l-HFSF issottoskriva fil-qafas tar-rikapitalizzazzjoni tar-Rebbiegħa 2013 (il-miżura B4). Għalhekk, il-prezz għoli tal-ħruġ illimita d-dilwizzjoni tal-HFSF. Barra minn hekk, il-Bank ħallas lura l-ishma privileġġati (il-miżura A). Meta wieħed iqis dawk l-elementi kollha, il-pjan ta' ristrutturar jista' jitqies bħala li qiegħed jipprovdi biżżejjed miżuri ta' kontribuzzjoni proprja u kondiviżjoni tal-piżijiet intiżi biex jillimitaw l-għajnuna għall-minimu neċessarju.

7.6.4. **Miżuri maħsuba sabiex jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni**

(351) Il-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar tirrikjedi pjan ta' ristrutturar li jipproponi miżuri intiżi biex jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jiggarantixxu settur bankarju kompetittiv. Barra minn hekk, dawk il-miżuri għandhom jindirizzaw ukoll il-kwistjonijiet ta' periklu morali u jiżguraw li l-għajnuna mill-Istat ma tintużax sabiex tiffinanzja mġiba anti-kompetittiva.

(352) Il-Punt 31 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar jiddikjara li meta jiġi vvalutat l-ammont ta' għajnuna u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kemm l-ammont relattiv kif ukoll dak assolut tal-għajnuna mill-Istat riċevuta, kif ukoll il-livell tal-kondiviżjoni tal-piżijiet u l-pożizzjoni tal-istituzzjoni finanzjarja fis-suq wara r-ristrutturar. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar li l-Bank irċieva appoġġ kapitali mill-Istat ekwivalenti għal 23,7 % tal-RWA tiegħu ([112]). Barra minn hekk, fl-2010, il-Bank kiseb garanziji ta' likwidità li jammontaw għal EUR 9,9 biljun u self obbligazzjonarju tal-gvern għal ammont ta' EUR 1,3 biljun, li flimkien jirrappreżentaw kważi 25 % tal-karta bilanċjali tal-Bank. Barra minn hekk, il-Bank irċieva ELA garantita mill-Istat. Għalhekk, il-miżuri li jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni huma neċessarji fid-dawl tal-ammont kbir tal-għajnuna. Barra minn hekk, is-sehem mis-suq tal-Bank fil-Greċja huwa kbir. L-akkwiżizzjoni tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE, ta' Geniki, ta' MBG u tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti żiedet l-ishma mis-suq tal-Bank. Wara dawk l-akkwiżizzjonijiet, is-sehem mis-suq tal-Bank f'depożiti kien jammonta għal 29 % fl-aħħar tal-2013, filwaqt li l-ishma mis-suq tiegħu f'ipoteki residenzjali, self lill-konsumaturi u self lil negozji kienu 25 %, 22 % u 35 % rispettivament (imqabbla ma' 10 %, 8 %, 8 % u 14 %, rispettivament, fl-2011) ([113]).

([110]) Ara l-premessa 132.

([111]) Id-daqs tal-miżura proposta ta' kontribuzzjoni proprja għandu jitqabbel mad-daqs tal-Bank qabel l-akkwiżizzjonijiet tal-Attivitajiet Ittrasferiti ta' ATE, ta' Geniki, ta' BCP u tal-Attivitajiet Ittrasferiti Ċiprijotti għar-raġuni spjegata fit-taqsima 7.1.3.5.

([112]) Meta wieħed iqis biss l-għajnuna effettivament imħallsa, li hija l-aktar vantaġġjuża u, għalhekk, l-aktar li tfixkel il-kompetizzjoni, l-ammont tal-għajnuna jitnaqqas għal 19,4 % tal-RWA tal-Bank.

([113]) Pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, p. 35.

(353) Il-Kummissjoni tfakkar li d-diffikultajiet tal-Bank irriżultaw fil-biċċa l-kbira tagħhom minn xokkijiet esterni bħall-kriżi sovrana Griega u r-reċessjoni mtawla li ħarbtet l-ekonomija Griega sa mill-2008, kif ġie nnotat diġà fil-premessa 74 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ ta' Piraeus. Għalhekk, il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta' periklu morali naqset. Kif ġie diskuss fit-taqsima 7.6.1 ta' din id-Deċiżjoni, l-effett distortiv tal-miżuri ta' għajnuna huwa inqas fid-dawl ta' dawk il-fatturi, bħalma hija l-ħtieġa għal miżuri intiżi biex jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Għal dawk ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tista' taċċetta b'mod eċċezzjonali li, minkejja l-ammont għoli ta' għajnuna u l-ishma mis-suq għoljin, il-pjan ta' ristrutturar ma jipprevedi ebda tnaqqis tal-karta bilanċjali u tas-self fil-Greċja. Madankollu, ikun problematiku jekk l-aktar bank megħjun minn fost l-erba' banek Griegi kbar u dak li kiber l-aktar permezz tal-akkwiżizzjonijiet li saru matul l-aħħar snin ikomplu jikbru matul il-perjodu tar-ristrutturar b'pass aktar mgħaġġel mis-suq, tant li potenzjalment jispiċċaw jitwarrbu l-banek inqas megħjuna. Għalhekk, il-Kummissjoni tilqa' l-impenn li l-Bank mhuwiex ser jikber aktar malajr mit-tkabbir tas-suq.

(354) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li r-rikapitalizzazzjonijiet tal-Istat ippermettew lill-Bank ikompli bl-attivitajiet bankarji tiegħu fis-swieq barranin.

(355) Il-Kummissjoni tinnota li, minbarra d-diżingranaġġ u r-ristrutturar implimentati diġà, il-Bank sejjer ikompli jirristruttura u jwettaq diżingranaġġ tal-assi barranin tiegħu sat-30 ta' Ġunju 2018 ([114]). Barra minn hekk, il-Bank impenja ruħu li ma jużax l-għajnuna sabiex jiffinanzja t-tkabbir ta' dawk l-attivitajiet. Għalhekk, l-għajnuna ma għandhiex tintuża sabiex tfixkel il-kompetizzjoni f'dawk is-swieq barranin.

(356) Il-Greċja impenjat ukoll li l-Bank mhuwiex ser jagħmel akkwiżizzjonijiet għaljin, sabiex b'hekk tiżgura li l-Bank ma jużax l-għajnuna mill-Istat riċevuta għall-akkwist ta' negozju ġdid. Dik il-projbizzjoni tikkontribwixxi sabiex tiżgura li l-għajnuna tintuża strettament biex tappoġġja t-treġġigħ lura tal-vijabbiltà tal-attivitajiet bankarji Griegi u mhux, pereżempju, għal tkabbir fis-swieq barranin.

(357) L-impenn li jitnaqqas l-imgħax imħallas fuq id-depożiti Griegi minn livelli għoljin b'mod insostenibbli jiggarantixxi wkoll li l-għajnuna ma tintużax sabiex tiffinanzja strateġiji insostenibbli ta' ġbir tad-depożiti li jfixklu l-kompetizzjoni fis-suq Grieg. Bl-istess mod, l-impenn li jiġu implimentati linji gwida stretti fir-rigward tal-ipprezzar tas-self ġdid, abbażi ta' valutazzjoni xierqa tar-riskju tal-kreditu, se jipprevjeni lill-Bank milli jfixkel il-kompetizzjoni fis-suq Grieg bi strateġiji ta' pprezzar inadegwati fuq is-self lill-klijenti.

(358) Meta wieħed iqis is-sitwazzjoni speċifika deskritta fit-taqsima 7.6.1 u l-miżuri previsti fil-pjan ta' ristrutturar, il-Kummissjoni hija tal-fehma li hemm biżżejjed salvagwardji li jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

7.6.5. **Monitoraġġ**

(359) B'konformità mat-taqsima 5 tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, huma meħtieġa rapporti regolari li jippermettu lill-Kummissjoni tivverifika li l-pjan ta' ristrutturar qiegħed jiġi implimentat kif suppost. Kif ġie ddikjarat fl-impenji mogħtija mill-Greċja ([115]), il-Greċja se tiżgura li sal-aħħar tal-perjodu tar-ristrutturar, jiġifieri, il-31 ta' Diċembru 2018, il-Fiduċjarju tal-Monitoraġġ, li nħatar mill-Bank bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni, jissorvelja l-impenji mogħtija mill-Greċja fuq ir-ristrutturar tal-attivitajiet fil-Greċja u barra minnha, kif ukoll fuq il-governanza korporattiva u l-operazzjonijiet kummerċjali. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar huwa garantit.

7.6.6. **Konklużjoni dwar il-konformità tal-miżuri A, B1, B2, B3 u B4 mal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar**

(360) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-pjan ta' ristrutturar, meta kkunsidrat flimkien mal-impenji fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, jiżgura t-treġġigħ lura tal-vijabbiltà fit-tul tal-Bank, huwa suffiċjenti fir-rigward tal-kondiviżjoni tal-piżijiet u l-kontribuzzjoni proprja, huwa addattat sabiex ipaċi l-effetti ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni tal-miżuri ta' għajnuna eżaminati f'din id-Deċiżjoni u huwa proporzjonat. Il-pjan ta' ristrutturar u l-impenji sottomessi lill-Kummissjoni jissodisfaw il-kriterji tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar.

8. **KONKLUŻJONI**

(361) Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-Greċja implimentat b'mod illegali l-miżuri ta' għajnuna B2, B3 u B4 bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, minħabba li dawn ġew implimentati qabel in-notifika formali tagħhom. Madankollu, dawk il-miżuri, kif ukoll il-miżuri l-oħrajn analizzati f'din id-Deċiżjoni, jistgħu jitqiesu bħala kompatibbli mas-suq intern,

([114]) Ara l-Anness, il-kapitolu II.
([115]) Ara l-premessa (129).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-miżuri li ġejjin implimentati mill-Greċja jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat:

(a) l-assistenza ta' likwidità f'każ ta' emerġenza pprovduta lil Piraeus Bank S.A. mill-Bank of Greece u garantita mill-Greċja (il-miżura L2);

(b) it-tieni rikapitalizzazzjoni tranżitorja ta' EUR 1 553 miljun mogħtija mill-Fond Elleniku għall-Istabbiltà Finanzjarja ("HFSF") lil Piraeus Bank S.A. f'Diċembru 2012 (il-miżura B2);

(c) l-ittra ta' impenn ta' EUR 1 082 miljun mogħtija mill-HFSF lil Piraeus Bank S.A. fl-20 ta' Diċembru 2012 (il-miżura B3);

(d) ir-rikapitalizzazzjoni ta' EUR 5 891 miljun mogħtija mill-HFSF lil Piraeus Bank S.A. fir-Rebbiegħa 2013 (il-miżura B4); u

(e) ir-rikapitalizzazzjoni ta' EUR 524 miljun mill-HFSF lil Piraeus Bank S.A. mogħtija fir-Rebbiegħa 2013 (il-miżura Ċ).

2. Fid-dawl tal-pjan ta' ristrutturar relatat mal-Piraeus Bank Group, li jinkludi lil Piraeus Bank S.A. u s-sussidjarji u l-fergħat kollha tiegħu, li ġie sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014, kif ukoll fid-dawl tal-impenji pprovduti mill-Greċja f'dik id-data, l-għajnuna mill-Istat li ġejja hija kompatibbli mas-suq intern:

(a) l-injezzjoni ta' kapital ta' EUR 750 miljun mogħtija mill-Greċja lil Piraeus Bank S.A. f'Mejju 2009 u Diċembru 2011 taħt l-Iskema ta' Rikapitalizzazzjoni (il-miżura A);

(b) l-assistenza ta' likwidità f'każ ta' emerġenza pprovduta lil Piraeus Bank S.A. mill-Bank of Greece u garantita mill-Greċja sa minn Lulju 2011, għal ammont ta' EUR 30,4 biljun fil-31 ta' Diċembru 2012 (il-miżura L2);

(c) l-ewwel rikapitalizzazzjoni tranżitorja ta' EUR 4,7 biljun mogħtija mill-HFSF lil Piraeus Bank S.A. f'Mejju 2012 (il-miżura B1);

(d) it-tieni rikapitalizzazzjoni tranżitorja ta' EUR 1 553 miljun mogħtija mill-HFSF lil Piraeus Bank S.A. f'Diċembru 2012 (il-miżura B2);

(e) l-impenn ta' EUR 1 082 miljun mogħti mill-HFSF lil Piraeus Bank S.A. fl-20 ta' Diċembru 2012 (il-miżura B3);

(f) ir-rikapitalizzazzjoni ta' EUR 5 891 miljun mogħtija mill-HFSF lil Piraeus Bank S.A. fir-Rebbiegħa 2013 (il-miżura B4); u

(g) ir-rikapitalizzazzjoni ta' EUR 524 miljun mogħtija mill-HFSF lil Piraeus Bank S.A. fir-Rebbiegħa 2013 (il-miżura Ċ).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Viċi President

ANNESS

PIRAEUS BANK – IMPENJI MIR-REPUBBLIKA ELLENIKA

Ir-Repubblika Ellenika tiżgura li **l-Bank** ikun qiegħed jimplimenta l-pjan ta' ristrutturar sottomess fil-25 ta' Ġunju 2014. Il-pjan ta' ristrutturar huwa bbażat fuq suppożizzjonijiet makroekonomiċi kif ipprovduti mill-Kummissjoni Ewropea (il-"Kummissjoni") fl-Appendiċi, kif ukoll fuq suppożizzjonijiet regolatorji.

B'hekk, ir-Repubblika Ellenika tipprovdi l-impenji li ġejjin (l-"**Impenji**"), li huma parti integrali mill-pjan ta' ristrutturar. L-impenji jinkludu l-impenji rigward l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar **(l-"Impenji tar-Ristrutturar"**) u l-**Impenji dwar il-Governanza Korporattiva u l-Operazzjonijiet Kummerċjali.**

L-impenji jidħlu fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-pjan ta' ristrutturar (id-"Deċiżjoni").

Il-perjodu tar-ristrutturar jintemm fil-31 ta' Diċembru 2018. L-impenji japplikaw matul il-perjodu ta' ristrutturar sakemm l-Impenn individwali ma jiddikjarax mod ieħor.

Dan it-test jiġi interpretat fid-dawl tad-Deċiżjoni fil-qafas ġenerali tal-liġi tal-Unjoni u b'referenza għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 ([1]).

KAPITOLU I. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet tal-Impenji, it-termini li ġejjin ifissru:

(1) **Bank:** Piraeus Bank S.A. u s-sussidjarji kollha tiegħu. Għalhekk, huwa jinkludi l-Piraeus Bank Group kollu bis-sussidjarji u l-fergħat Griegi u mhux Griegi kollha tiegħu, kemm dawk fis-settur bankarju kif ukoll dawk li mhumiex.

(2) **Offerta kapitali miżjuda b'mod gradwali fis-settur bankarju:** offerta li tirriżulta f'żieda fil-proporzjon tal-kapital regolatorju tal-Bank, b'kunsiderazzjoni tal-elementi rilevanti kollha, b'mod partikolari l-profitt/it-telf ipprenotat fuq it-tranżazzjoni u t-tnaqqis tal-RWA li jirriżulta mill-bejgħ (jekk meħtieġ ikkoreġut għaż-żieda tal-RWA li tirriżulta mil-links tal-finanzjament li jifdal).

(3) **Offerta kapitali miżjuda b'mod gradwali fis-settur tal-assigurazzjoni:** offerta li tirriżulta f'żieda fil-proporzjon tal-kapital regolatorju tal-Bank. Kwalunkwe offerta 'l fuq mill-valur kontabilistiku tal-attività tal-assigurazzjoni fil-kont tal-Bank hija awtomatikament preżunta bħala waħda b'żieda gradwali ta' kapital.

(4) **Għeluq:** id-data tat-trasferiment tat-titolu legali tan-Negozju taċ-Ċessjoni lill-Akkwirent.

(5) **Negozju ta' Ċessjoni:** in-negozji u l-assi kollha li l-Bank jimpenja li jbigħ, jillikwida jew jissoġġetta għal proċeduri ta' stralċ.

(6) **Data Effettiva:** id-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni.

(7) **Tmiem il-perjodu tar-ristrutturar:** il-31 ta' Diċembru 2018.

(8) **Assi barranin jew assi mhux Griegi:** assi relatati mal-attivitajiet ta' klijenti barra l-Greċja, indipendentement mill-pajjiż fejn jitniżżlu l-assi. Pereżempju, l-assi mniżżla fil-kotba fil-Lussemburgu iżda relatati mal-attivitajiet ta' klijenti fil-Greċja mhumiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-definizzjoni. Għall-kuntrarju, l-assi mniżżla fil-kotba fil-Lussemburgu jew fil-Greċja iżda relatati mal-attivitajiet ta' klijenti f'pajjiżi oħrajn tal-SEE jitqiesu bħala assi barranin u huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-definizzjoni.

(9) **Negozji barranin:** sussidjarji u fergħat bankarji u mhux bankarji barranin tal-Bank.

(10) **Sussidjarji barranin:** is-sussidjarji bankarji u mhux bankarji kollha tal-Bank barra mill-Greċja.

(11) **Attivitajiet bankarji Griegi:** l-attivitajiet bankarji Griegi tal-Bank, indipendentement mill-pajjiż fejn jitniżżlu l-assi.

(12) **Attivitajiet mhux bankarji Griegi:** l-attivitajiet mhux bankarji Griegi tal-Bank, indipendentement mill-pajjiż fejn jitniżżlu l-assi.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

(13) **Sussidjarji Griegi:** is-sussidjarji bankarji u mhux bankarji Griegi kollha tal-Bank.

(14) **Fiduċjarju tal-Monitoraġġ:** persuna jew persuni fiżika/fiżiċi jew ġuridika/ġuridiċi, indipendenti mill-Bank, approvata/i mill-Kummissjoni u maħtura mill-Bank; il- Fiduċjarju tal-Monitoraġġ għandu d-dover li jissorvelja l-konformità tal-Bank mal-Impenji.

(15) **Akkwirent:** persuna jew persuni fiżika/fiżiċi jew ġuridika/ġuridiċi għall-akkwist, b'mod sħiħ jew parzjalment, tan-Negozju ta' Ċessjoni.

(16) **Bejgħ:** il-bejgħ ta' 100 % tal-parteċipazzjoni azzjonarja miżmuma mill-Bank, sakemm l-Impenn individwali ma jiddikjarax mod ieħor.

Għall-finijiet tal-Impenji, is-singular ta' dawk it-termini jinkludi l-plural (u viċi versa), sakemm l-Impenji ma jistabbilixxux mod ieħor.

KAPITOLU II. IMPENJI TA' RISTRUTTURAR

(1) **In-numru ta' fergħat fil-Greċja:** In-numru ta' fergħat fil-Greċja jammonta għal massimu ta' […] fil-31 ta' Diċembru 2017. F'każ ta' ċessjoni ta' Geniki, din il-figura tiġi riveduta għal […].

(2) **In-numru ta' impjegati fil-Greċja:** In-numru ta' Ekwivalenti għal Full Time (l-"FTEs") fil-Greċja (attivitajiet bankarji u mhux bankarji Griegi) jammonta għal massimu ta' […] fil-31 ta' Diċembru 2017. F'każ ta' ċessjoni ta' Geniki, din il-figura tiġi riveduta għal […].

(3) **L-ispejjeż totali fil-Greċja:** L-ispejjeż totali [1] fil-Greċja (attivitajiet bankarji u mhux bankarji Griegi) jammontaw għal massimu ta' EUR 1 200 miljun fl-2017. F'każ ta' ċessjoni ta' Geniki, din il-figura tiġi riveduta għal […].

(4) **L-ispejjeż tad-depożiti fil-Greċja:** Sabiex titreġġa' lura l-profittabbiltà ta' qabel il-proviżjonament tiegħu fis-suq Grieg, il-Bank inaqqas l-ispiża tal-finanzjament permezz tat-tnaqqis tal-ispiża tad-depożiti miġbura fil-Greċja (inklużi t-tfaddil, id-depożiti liberi u b'terminu u prodotti simili oħrajn offruti lill-klijenti u li l-ispejjeż tagħhom jitħallsu mill-Bank) […].

(5) **Il-proporzjon self-depożiti nett fil-Greċja:** Għall-attivitajiet bankarji Griegi, il-proporzjon self-depożiti totali nett jammonta għal massimu ta' […] fil-31 ta' Diċembru 2017. […]

(6) **Ir-rata ta' tkabbir tas-self gross għall-attivitajiet bankarji Griegi**: Ir-rata ta' tkabbir tas-self gross ma tkunx ogħla mir-rata ta' tkabbir tas-suq kif irrapportata mill-Bank of Greece, sakemm ir-rata ta' tkabbir tas-suq ma tkunx taħt il-projezzjonijiet tal-Kummissjoni (ara l-Appendiċi), li fuqhom huwa bbażat il-pjan ta' ristrutturar. F'każ bħal dan, il-limitu tat-tkabbir tas-self jista' jiġi rivedut, billi jiġu kkunsidrati l-kondizzjonijiet makroekonomiċi u l-kompetizzjoni fis-settur bankarju Grieg. Dak l-Impenn għandu jiġi mmonitorjat fuq bażi annwali.

(7) **Appoġġ lis-sussidjarji barranin:** Għal kull impriża sussidjarja barranija, mid-Data Effettiva sat-30 ta' Ġunju 2018, il-Bank ma jipprovdix ekwità addizzjonali jew kapital subordinat għal ammont ogħla mill-inqas bejn (i) […]% tal-RWA ta' dik l-impriża sussidjarja kif ikkalkolat fil-31 ta' Diċembru 2012 jew (ii) EUR […] miljun fuq aggregat għas-sussidjarji barranin kollha (b'mod kumulattiv bejn it-30 ta' Ġunju 2013 u t-30 ta' Ġunju 2018). Jekk il-Bank ikollu l-ħsieb li jinjetta ekwità jew dejn subordinat lill-impriża sussidjarja barranija għal ammont ogħla mil-limitu massimu definit, huwa jrid jitlob lill-awtoritajiet Griegi sabiex ifittxu deċiżjoni tal-Kummissjoni bil-għan li jkun jista' jemenda l-pjan ta' ristrutturar […].

(8) **Diżingranaġġ tal-assi mhux Griegi sat-30 ta' Ġunju 2018:** L-awtoritajiet Griegi jimpenjaw li l-Bank jissodisfa mill-inqas waħda miż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin sat-30 ta' Ġunju 2018:

(a) Id-daqs totali tal-portafoll tal-assi barranin jitnaqqas għal ammont massimu ta' EUR […] biljun. Jekk il-Bank jimpenja […], dan il-limitu massimu ta' EUR […] biljun jiżdied għal EUR […] biljun.

(b) Il-Bank ikun ċeda […]

(8.1) […]

(8.2) […]

(9) **Il-bejgħ ta' […]: […]**

(10) **Il-bejgħ ta' titoli**: Il-portafoll tat-titoli elenkati, definit kif ġej, jiġi ċedut bi […], filwaqt li l-portafoll tat-titoli mhux elenkati jiġi ċedut bi […]: dawn il-portafolli jinkludu l-investimenti tal-ekwità kollha akbar minn EUR […] miljun, kif ukoll l-investimenti kollha f'bonds subordinati u bonds ibridi. Dan l-impenn ma japplikax għall-parteċipazzjonijiet f'sussidjarji barranin jew għall-investimenti fl-entitajiet li ġejjin:

[…].

[1] Inkluża l-kontribuzzjoni ta' TEKE.

(11) Sabiex kwalunkwe bejgħ li jsir ikun konformi mal-impenji ta' bejgħ jew ċessjoni inklużi f'dan id-dokument, ir-Repubblika Ellenika timpenja li:

a. L-Akkwirent ikun indipendenti minn u mhux konness mal-Bank;

b. Għall-finijiet tal-akkwist tan-Negozju ta' Ċessjoni, l-Akkwirent ma jiġix iffinanzjat direttament jew indirettament mill-Bank ([1]);

c. Għal perjodu ta' 5 snin wara l-għeluq tal-bejgħ, il-Bank ma jakkwistax influwenza diretta jew indiretta fuq in-Negozju ta' Ċessjoni kollu, jew fuq parti minnu, mingħajr approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni.

(12) **Politika ta' investiment:** Sat-30 ta' Ġunju 2017, il-Bank ma jakkwistax titoli fi grad mhux ta' investiment.

Dan l-Impenn ma japplikax għat-titoli li ġejjin (it-Titoli Eżentati): […]

(13) **Limitu massimu tas-salarju:** Sa […], il-Bank ma jħallasx rimunerazzjoni annwali totali (paga, kontribuzzjoni tal-pensjoni, bonus) ogħla minn […] lil xi impjegat jew maniġer. F'każ ta' injezzjoni ta' kapital mill-HFSF, il-limitu massimu tar-rimunerazzjoni jkun irid jiġi evalwat mill-ġdid b'konformità mal-Komunikazzjoni Bankarja Ewropea tal-1 ta' Awwissu 2013.

KAPITOLU III. IMPENJI FUQ IL-GOVERNANZA KORPORATTIVA U L-OPERAZZJONIJIET KUMMERĊJALI – ESTENSJONI U EMENDI

(1) Il-Bank ikompli jimplimenta l-Impenji fuq il-Governanza Korporattiva u l-Operazzjonijiet Kummerċjali, kif sottomessi mir-Repubblika Ellenika fl-20 ta' Novembru 2012, bl-emendi sussegwenti pprovduti fil-Kapitolu III tal-Impenji, sat-30 ta' Ġunju 2018.

(2) F'każ li Impenn individwali ma japplikax fil-livell tal-Bank, il-Bank ma jużax is-sussidjarji jew l-attivitajiet mhux koperti minn dak l-Impenn individwali sabiex jaħrab mill-Impenn.

It-Taqsima A. It-twaqqif ta' organizzazzjoni interna effikaċi u adegwata

(3) Il-Bank, minbarra s-sussidjarji barranin tiegħu, josserva f'kull ħin id-dispożizzjonijiet kollha tal-liġi 3016/2002 dwar il-Governanza Korporattiva u tal-liġi 2190/1920 dwar is-Sociétés Anonymes u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet b'rabta mal-funzjonijiet ta' korpi korporattivi bħal-laqgħa tal-azzjonisti u l-Bord tad-Diretturi sabiex jiżgura distribuzzjoni ċara tar-responsabbiltajiet u t-trasparenza. Is-setgħat tal-laqgħa tal-azzjonisti jkunu ristretti għall-kompiti ta' laqgħa ġenerali b'konformità mal-liġi dwar il-kumpaniji, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet relatati mal-informazzjoni. Setgħat aktar estensivi, li jippermettu influwenza mhux xierqa fuq il-ġestjoni, jitwaqqfu. Ir-responsabbiltà għall-ġestjoni operattiva ta' kuljum tkun b'mod ċar f'idejn id-Diretturi eżekuttivi tal-Bank.

(4) Il-Bank, minbarra s-sussidjarji barranin tiegħu, għandu dejjem jikkonforma mal-Qafas tar-Relazzjoni tal-Fond Ellenniku għall-Istabbiltà Finanzjarja (l-"HFSF").

(5) Il-Bank josserva d-dispożizzjonijiet tal-Att tal-Gvernatur 2577/9.3.2006 fis-seħħ, bil-għan li jżomm, fuq bażi individwali u kollettiva, struttura organizzattiva effettiva u Sistema ta' Kontroll Intern adegwata, inklużi t-tliet pilastri ewlenin, jiġifieri l-funzjonijiet tal-Verifika Interna, tal-Ġestjoni tar-Riskji u tal-Konformità u l-aqwa prattiki internazzjonali ta' governanza korporattiva.

(6) Il-Bank ikollu struttura organizzattiva effiċjenti, sabiex ikun jista' jiżgura li d-dipartimenti tal-Verifika Interna u tal-Ġestjoni tar-Riskju jkunu indipendenti b'mod sħiħ min-netwerks kummerċjali u jirrapportaw direttament lill-Bord tad-Diretturi. Kumitat tal-Verifika u Kumitat tar-Riskju – maħluqa fi ħdan il-Bord tad-Diretturi – jivvalutaw il-kwistjonijiet kollha mqajma minn dawk id-dipartimenti rispettivi. Karta adegwata dwar il-Verifika Interna u Karta adegwata dwar il-Ġestjoni tar-Riskju jispeċifikaw ir-rwoli, ir-responsabbiltajiet u r-riżorsi ta' dawk id-dipartimenti. Dawk il-karti jikkonformaw mal-istandards internazzjonali u jiggarantixxu indipendenza sħiħa lid-dipartimenti. Politika Kreditizja tipprovdi gwida u struzzjonijiet rigward l-għoti tas-self, inkluż dwar l-ipprezzar tas-self u r-ristrutturar tas-self.

(7) Il-Bank jippubblika u jibgħat lill-awtoritajiet kompetenti l-lista ta' azzjonisti li għandhom mill-inqas 1 % ta' ishma ordinarji.

([1]) Dan ma japplikax għall-bejgħ ta' proprjetà immobbli, f'liema każ il-Bank jista' jipprovdi finanzjament lill-Akkwirent, jekk dan is-self ġdid isir b'konformità ma' prattika tas-self prudenti. Għall-finijiet tal-verifika tal-konformità mal-impenn fuq id-diżingranaġġ ta' assi mhux Griegi, jiġi kkunsidrat kwalunkwe self ġdid li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' assi mhux Griegi.

It-Taqsima B. Il-prattiki kummerċjali u l-monitoraġġ tar-riskji

Prinċipji ġenerali

(8) Il-Politika Kreditizja tispeċifika li l-klijenti kollha jiġu ttrattati b'mod ġust permezz ta' proċeduri mhux diskriminatorji għajr dawk relatati mar-riskju ta' kreditu u l-abbiltà li jħallsu. Il-Politika Kreditizja tiddefinixxi l-limiti massimi li l-għoti tas-self 'il fuq minnhom irid jiġi approvat minn maniġment f'livelli ogħla. Jiġu definiti limiti massimi simili rigward ir-ristrutturar tas-self u l-immaniġġjar tal-pretensjonijiet u l-litigazzjonijiet. Il-Politika Kreditizja tiċċentralizza f'ċentri magħżula l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali u tipprovdi salvagwardji ċari li jiżguraw l-implimentazzjoni konsistenti tal-istruzzjonijiet tagħha fi ħdan l-attivitajiet bankarji Griegi kollha.

(9) Għall-attivitajiet bankarji Griegi kollha, il-Bank jinkorpora b'mod sħiħ ir-regoli tal-Politika Kreditizja fis-sistemi tagħhom ta' żborżament u fluss tax-xogħol tar-rifinanzjament tas-self u tal-oriġini tas-self.

Dispożizzjonijiet speċifiċi

(10) Id-dispożizzjonijiet speċifiċi elenkati fil-paragrafi (8) sa (18) tal-Kapitolu III tal-Impenji japplikaw għall-attivitajiet bankarji Griegi, sakemm ma jiġix iddikjarat espliċitament mod ieħor.

(11) Il-Politika Kreditizja tesiġi li l-ipprezzar tas-self u tal-ipoteki jkun konformi ma' linji gwida stretti. Dawk il-linji gwida jinkludu l-obbligu li jiġu rrispettati strettament it-tabelli standard tal-politika kreditizja fir-rigward tal-faxex (firxiet) tar-rati tal-imgħax skont il-maturità tas-self, il-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu tal-klijent, il-potenzjal tal-irkupru mistenni tal-kollateral mirhun (inkluż il-qafas taż-żmien għal likwidazzjoni potenzjali), ir-relazzjoni ġenerali mal-Bank (eż. il-livell u l-istabbiltà tad-depożiti, l-istruttura tal-miżati u attivitajiet oħrajn ta' bejgħ trasversali) u l-ispiża tal-finanzjament tal-Bank. Jiġu ġġenerati klassijiet speċifiċi ta' assi ta' self (eż. self kummerċjali, ipoteki, garantiti/mhux garantiti, eċċ.) u l-qafas tal-ipprezzar tagħhom jiġi strutturat f'tabella xierqa tal-Politika Kreditizja li tiġi aġġornata fuq bażi regolari mill-Kumitat tal-Kreditu. Kwalunkwe eċċezzjoni trid tkun debitament awtorizzata mill-Kumitat tal-Kreditu, jew f'livell aktar baxx ta' awtorità meta dan ikun permess mill-Politika Kreditizja. Tranżazzjonijiet imfassla apposta, bħal self sindakat jew finanzi ta' proġett, jirrispettaw l-istess prinċipji, billi tingħata attenzjoni xierqa lill-fatt li dawn jistgħu ma jadattawx tajjeb fit-tabelli standardizzati tal-politika kreditizja. Kwalunkwe ksur ta' dik il-politika dwar l-ipprezzar jiġi rrapportat lill-Fiduċjarju tal-Monitoraġġ.

(12) Id-Dipartiment tal-Ġestjoni tar-Riskji jkun responsabbli mill-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu u mill-istima tal-kollateral. Meta jiġi biex jivvaluta l-kwalità tas-self, id-Dipartiment tal-Ġestjoni tar-Riskji jaġixxi b'mod indipendenti, billi jipprovdi l-opinjoni tiegħu bil-miktub bil-għan li jiżgura li l-kriterji użati fil-valutazzjoni jiġu applikati b'mod konsistenti matul iż-żmien u fost il-klijenti u fir-rigward tal-politika kreditizja tal-Bank.

(13) Fir-rigward tas-self lil individwi u entitajiet legali, għall-attivitajiet bankarji Griegi kollha, abbażi tal-aqwa prassi internazzjonali, il-Bank japplika limiti individwali u aggregati stretti li jirregolaw l-ammont ta' self massimu li jista' jingħata għal riskju ta' kreditu wieħed (jekk dan ikun permess skont il-liġi Griega u tal-UE). Dawk il-limiti għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-maturità tas-self u l-kwalità ta' kwalunkwe kollateral/titolu pprovdut u għandhom jiġu stabbiliti fl-isfond ta' punti ta' riferiment ewlenin, inkluż il-kapital.

(14) L-għoti tas-self [1] sabiex il-mutwatarji jkunu jistgħu jakkwistaw ishma jew strumenti ibridi tal-Bank u ta' banek oħrajn [2] għandu jiġi pprojbit, irrispettivament minn min ikunu dawk il-mutwatarji [3]. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika u tiġi ssorveljata fil-livell tal-Bank.

(15) It-talbiet kollha għal self minn mutwatarji mhux konnessi akbar minn [[…]% tal-RWA tal-Bank] jew għal kwalunkwe self li jżomm l-iskopertura għal grupp wieħed (definit bħala grupp ta' mutwatarji konnessi li jirrappreżentaw riskju ta' kreditu waħdieni) ogħla minn [[…]% tal-RWA tal-Bank] għandhom jiġu rrapportati lill- Fiduċjarju tal-Monitoraġġ, li min-naħa tiegħu jista', jekk ma jidhirx li l-kundizzjonijiet ikunu ġew stabbiliti b'mod distakkat jew jekk ma tkunx ġiet ipprovduta biżżejjed informazzjoni lill-Fiduċjarju tal-Monitoraġġ, jipposponi l-għoti tal-linja ta' kreditu jew tas-self bi […] jiem tax-xogħol. F'każijiet ta' emerġenza, dak il-perjodu jista' jitnaqqas għal […] jiem tax-xogħol, bil-kundizzjoni li tkun ġiet ipprovduta biżżejjed informazzjoni lill-Fiduċjarju tal-Monitoraġġ. Dak il-perjodu jippermetti lill-Fiduċjarju tal-Monitoraġġ jirrapporta l-każ lill-Kummissjoni u lill-HFSF qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni definittiva mill-Bank.

[1] Għall-fini ta' dak l-Impenn, it-terminu "self" jiġi interpretat *largo sensu*, bħal kwalunkwe tip ta' finanzjament, eż. faċilità ta' kreditu, garanzija, eċċ.

[2] Għall-finijiet ta' kjarifika, it-terminu "banek oħrajn" jirreferi għal kwalunkwe bank – istituzzjoni finanzjarja fid-dinja.

[3] Għall-finijiet ta' kjarifika, il-mutwatarji kollha, inklużi l-klijenti bankarji privati tal-Bank, huma koperti minn dak l-Impenn.

(16) Il-Politika Kreditizja tagħti struzzjonijiet ċari dwar ir-ristrutturar tas-self. Hija tiddefinixxi b'mod ċar liema self huwa eliġibbli, taħt liema ċirkostanzi u tindika t-termini u l-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu proposti lill-klijenti eliġibbli. Għall-attivitajiet bankarji Griegi kollha, il-Bank jiżgura li r-ristrutturar kollu jimmira li jtejjeb l-irkupri futuri mill-Bank, sabiex b'hekk jiġi ssalvagwardjat l-interess tal-Bank. Il-politika dwar ir-ristrutturar f'ebda każ ma tipperikola l-profittabbiltà futura tal-Bank. Għal dak il-għan, id-Dipartiment tal-Ġestjoni tar-Riskji fi ħdan il-Bank ikun responsabbli sabiex jiżviluppa u juża mekkaniżmi adegwati ta' rapportar tal-effettività tar-ristrutturar, iwettaq analiżi profonda tal-aqwa prassi interni u/jew esterni, jirrapporta s-sejbiet tiegħu mill-inqas fuq bażi trimestrali lill-Kumitat tal-Kreditu u lill-Kumitat tar-Riskju tal-Bord, jissuġġerixxi titjib azzjonabbli għall-proċessi u l-politiki involuti u jissorvelja u jirrapporta l-implimentazzjoni tagħhom lill-Kumitat tal-Kreditu u lill-Kumitat tar-Riskju tal-Bord.

(17) Għall-attivitajiet bankarji Griegi kollha, il-Bank jippromulga politika ta' pretensjoni u litigazzjoni li jkollha l-għan li timmassimizza l-irkupru u li tipprevjeni kwalunkwe diskriminazzjoni jew trattament preferenzjali fl-immaniġġjar tal-litigazzjonijiet. Il-Bank jiżgura li jittieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jimmassimizza l-irkupri għall-Bank u jipproteġi l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fit-tul. Kwalunkwe ksur fl-implimentazzjoni ta' dik il-politika jiġi rrapportat lill-Fiduċjarju tal-Monitoraġġ.

(18) Il-Bank jissorvelja r-riskju ta' kreditu permezz ta' sett żviluppat sewwa ta' twissijiet u rapporti, li jippermettu lid-Dipartiment tal-Ġestjoni tar-Riskji: (i) jidentifika s-sinjali bikrija tal-indeboliment tas-self u l-avvenimenti ta' inadempjenza; (ii) jivvaluta l-potenzjal ta' rkupru tal-portafoll tas-self (inkluż iżda mhux limitat għal sorsi alternattivi ta' ħlas lura, bħal kondebituri u garanti, kif ukoll il-kollateral mirhun jew disponibbli iżda mhux mirhun); (iii) jivvaluta l-iskopertura globali tal-Bank fuq bażi ta' klijent individwali jew ta' portafoll; u (iv) jipproponi azzjonijiet ta' korrezzjoni u titjib lill-Bord tad-Diretturi, skont kif meħtieġ. Il-Fiduċjarju tal-Monitoraġġ jingħata aċċess għal dik l-informazzjoni.

Dispożizzjonijiet li japplikaw għall-mutwatarji konnessi

(19) Id-dispożizzjonijiet kollha li japplikaw għall-mutwatarji konnessi japplikaw fil-livell tal-Bank.

(20) Fi ħdan il-Politika Kreditizja, tiġi ddedikata taqsima speċifika għar-regoli li jirregolaw ir-relazzjonijiet mal-mutwatarji konnessi. Il-mutwatarji konnessi jinkludu impjegati, azzjonisti, diretturi, maniġers, kif ukoll il-konjugi, it-tfal u l-aħwa tagħhom, kif ukoll kwalunkwe entità legali kkontrollata direttament jew indirettament minn impjegati ewlenin (jiġifieri impjegati involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Politika Kreditizja), azzjonisti, diretturi jew maniġers jew il-konjugi, it-tfal u l-aħwa tagħhom. Permezz ta' estensjoni, kwalunkwe istituzzjoni pubblika jew organizzazzjoni kkontrollata mill-gvern, kwalunkwe kumpanija pubblika jew aġenzija tal-gvern titqies bħala mutwatarja konnessa. Il-partiti politiċi jiġu ttrattati wkoll bħala mutwatarji konnessi fil-Politika Kreditizja. Issir enfasi partikolari fuq id-deċiżjonijiet li jirrigwardjaw kwalunkwe ristrutturar u tniżżil fil-valur tas-self lil impjegati, diretturi, azzjonisti u maniġers attwali jew preċedenti, u qraba tagħhom, kif ukoll fuq il-politiki segwiti fl-adegwatezza, fl-evalwazzjoni u fir-reġistrazzjoni tal-ipoteki u l-esklużjoni tal-kollateral tas-self. Id-definizzjoni ta' mutwatarji konnessi kompliet tiġi speċifikata f'dokument separat.

(21) Id-Dipartiment tal-Ġestjoni tar-Riskji jkun responsabbli għall-immappjar tal-gruppi konnessi kollha ta' mutwatarji li jirrappreżentaw riskju ta' kreditu waħdieni bil-għan li jissorveljaw kif suppost il-konċentrazzjoni tar-riskju ta' kreditu.

(22) Fir-rigward tas-self lil individwi u entitajiet legali, il-Bank, fuq il-bażi tal-aqwa prassi internazzjonali, japplika limiti individwali u aggregati stretti li jirregolaw l-ammont ta' self massimu li jista' jingħata għal riskju ta' kreditu wieħed li jkun relatat mal-mutwatarji konnessi (jekk dan ikun permess skont il-liġi Griega u tal-UE).

(23) Il-Bank jissorvelja separatament l-iskopertura tiegħu għall-mutwatarji konnessi, inklużi entitajiet fis-settur pubbliku u partiti politiċi. Il-produzzjoni ġdida tas-self [1] lil mutwatarji konnessi (% annwali ta' stokk Y-1 [2]) ma tkunx ogħla mill-produzzjoni ġdida tal-portafoll tas-self totali fil-Greċja (% annwali tal-istokk Y-1). Dak l-Impenn jiġi rrispettat separatament għal kull tip ta' mutwatarju konness (impjegati, azzjonisti, maniġers, entitajiet pubbliċi, partit politiku). Il-valutazzjoni tal-kreditu tal-mutwatarji konnessi, kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-ipprezzar u r-ristrutturar possibbli offrut lilhom, ma jkunux aktar vantaġġjuži meta mqabbla mal-kundizzjonijiet offruti lil mutwatarji simili iżda mhux

[1] Għall-finijiet ta' kjarifika, il-produzzjoni ġdida tas-self tkopri wkoll ir-rifinanzjament tas-self u r-ristrutturar tas-self eżistenti.

[2] Għall-finijiet ta' kjarifika, "% annwali ta' stokk Y-1" tirreferi għall-produzzjoni ġdida bħala perċentwal tal-istokk fi tmiem is-sena preċedenti. L-ammont ta' RWA huwa dak li jiġi kkalkolat fl-aħħar tas-sena.

konnessi, sabiex b'hekk jiġu assigurati kundizzjonijiet ekwi fl-ekonomija Griega. Dak l-obbligu ma japplikax għall-iskemi ġenerali eżistenti li minnhom jibbenifikaw l-impjegati, li joffrulhom self issussidjat. Il-Bank jirrapporta kull xahar dwar l-evoluzzjoni ta' dik l-iskopertura, l-ammont tal-produzzjoni ġdida u t-talbiet riċenti akbar minn [[…]% tal-RWA tal-Bank] li għandhom jiġu indirizzati waqt il-laqgħa tal-kumitat tal-Kreditu.

(24) Il-kriterji tal-kreditu applikati għall-impjegati/maniġers/azzjonisti ma jkunux inqas stretti minn dawk applikati għal mutwatarji mhux konnessi oħrajn. Jekk l-iskopertura tal-kreditu totali għal impjegat/maniġer/azzjonist wieħed taqbeż ammont ugwali għal [[…]] ta' salarju fiss għas-self garantit u ammont ugwali għal [[…]] ta' salarju fiss għas-self mhux garantit, l-iskopertura tiġi rrapportata fil-pront lill-Fiduċjarju tal-Monitoraġġ, li min-naħa tiegħu jista' jintervjeni u jipposponi l-għoti tas-self skont il-proċedura deskritta fil-paragrafu (25) tal-Kapitolu III tal-Impenji.

(25) It-talbiet kollha għal self mill-mutwatarji konnessi li jkunu akbar minn [[…]% tal-RWA tal-Bank] jew kwalunkwe self li jżomm l-iskopertura għal grupp wieħed (definit bħala grupp ta' mutwatarji konnessi li jirrappreżentaw riskju ta' kreditu waħdieni) ogħla minn [[…]% tal-RWA tal-Bank] jiġu rrapportati lill-Fiduċjarju tal-Monitoraġġ, li jista', jekk ma jidhirx li l-kundizzjonijiet ikunu ġew stabbiliti b'mod distakkat jew jekk ma tkunx ġiet ipprovduta biżżejjed informazzjoni lill-Fiduċjarju tal-Monitoraġġ, jipposponi l-għoti tal-linja ta' kreditu jew tas-self bi […] jiem tax-xogħol. F'każijiet ta' emerġenza, dak il-perjodu jista' jitnaqqas għal […] jiem tax-xogħol, bil-kundizzjoni li tkun ġiet ipprovduta biżżejjed informazzjoni lill-Fiduċjarju tal-Monitoraġġ. Dak il-perjodu jippermetti lill-Fiduċjarju tal-Monitoraġġ jirrapporta l-każ lill-Kummissjoni u lill-HFSF qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni definittiva mill-Bank.

(26) Ir-ristrutturar tas-self li jinvolvi mutwatarji konnessi jikkonforma mal-istess rekwiżiti applikabbli għall-mutwatarji mhux konnessi. Barra minn hekk, l-oqfsa u l-politiki stabbiliti li jittrattaw l-assi danneġġati jiġu vvalutati u mtejba, jekk ikun meħtieġ. Madankollu, huwa mistenni li s-self ristrutturat tal-mutwatarji konnessi jiġi rrapportat separatament, mill-inqas għal kull klassi tal-assi ta' self u għal kull tip ta' mutwatarju konness.

Taqsima Ċ: Restrizzjonijiet oħrajn

(27) **Projbizzjoni fuq id-Dividendi, il-Kupuni, ir-Riakkwist, is-Sejħa u x-Xiri Lura:** Sakemm il-Kummissjoni ma taqbilx mod ieħor għal eżenzjoni, ir-Repubblika Ellenika timpenja li:

a. Il-Bank ma jħallasx kupuni fuq strumenti kapitali ibridi (jew kwalunkwe strumenti oħrajn li l-ħlas b'kupuni għalihom huwa diskrezzjonarju) jew dividendi fuq strumenti ta' fondi proprji u strumenti ta' dejn subordinat, ħlief meta jkun hemm obbligu legali li jsir dan. Il-Bank ma jirrilaxxax riżervi sabiex ipoġġi lilu nnifsu f'pożizzjoni bħal din. F'każ ta' dubju dwar jekk, għall-finijiet tal-Impenn preżenti, jeżistix obbligu legali, il-Bank jissottometti l-ħlas propost b'kupun jew dividend lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha;

b. Il-Bank ma jirriakkwistax kwalunkwe mill-ishma tiegħu stess jew jeżerċita opzjoni eżerċitabbli fir-rigward ta' dawk l-istrumenti ta' fondi proprja u l-istrumenti ta' dejn subordinat;

c. Il-Bank ma jixtrix lura strumenti kapitali ibridi.

(28) **Projbizzjoni fuq l-Akkwiżizzjonijiet**: Ir-Repubblika Ellenika timpenja li l-Bank ma jikseb ebda sehem f'ebda impriża, kemm jekk ikun assi jew trasferiment ta' ishma. Dik il-projbizzjoni fuq l-akkwiżizzjonijiet tkopri kemm impriża li għandha l-forma legali ta' kumpanija, kif ukoll kwalunkwe pakkett ta' assi li jifforma negozju ([1]).

i. **Eżenzjoni li teħtieġ l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni**: Minkejja dik il-projbizzjoni, il-Bank jista', wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Kummissjoni u, fejn xieraq, fuq proposta tal-HFSF, jakkwista negozji u impriżi jekk, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, dan ikun neċessarju sabiex titreġġa' lura l-istabbiltà finanzjarja jew sabiex tiġi żgurata l-kompetizzjoni effettiva.

ii. **Eżenzjoni li ma teħtieġx l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni**: Il-Bank jista' jikseb ishma f'impriżi, bil-kundizzjoni li:

a. Il-prezz tax-xiri mħallas mill-Bank għal kwalunkwe akkwiżizzjoni jkun inqas minn [[…]%] tad-daqs tal-karta bilanċjali ([2]) tal-Bank fid-Data Effettiva tal-Impenji ([3]); u

([1]) Għall-finijiet ta' kjarifika u ta' dak l-Impenn, in-negozju tal-Ekwità Privata/Kapital ta' Riskju tal-Bank jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-Impenn. F'dak ir-rigward, il-Bank jagħmel talba formali lill-Kummissjoni, li tinkludi pjan ta' direzzjoni tan-negozju għal dik l-entità.

([2]) Għall-finijiet ta' kjarifika u ta' dak l-Impenn, id-daqs tal-karta bilanċjali huwa ugwali għall-assi totali tal-Bank.

([3]) Għall-finijiet ta' kjarifika, f'każ li l-approvazzjoni tal-Kummissjoni sabiex titneħħa l-projbizzjoni fuq l-akkwiżizzjonijiet tinkiseb skont il-punt i., tal-paragrafu (28), Kapitolu III tal-Impenji, il-karta bilanċjali tal-Bank fid-Data Effettiva tal-Impenji għandha tiġi kkalkolata sabiex jiġu inklużi wkoll l-assi tal-entitajiet akkwistati jew l-assi akkwistati fid-data tal-akkwiżizzjoni.

b. Il-prezzijiet tax-xiri kumulattivi mħallsa mill-Bank għall-akkwiżizzjonijiet kollha bħal dawn, li jibdew mid-Data Effettiva tal-Impenji sal-aħħar tal-perjodu tar-ristrutturar, huma inqas minn [[…]%] tad-daqs tal-karta bilanċjali tal-Bank fid-Data Effettiva tal-Impenji.

iii. **Attivitajiet li ma jaqgħux taħt il-projbizzjoni fuq l-akkwiżizzjoni**: Il-projbizzjoni fuq l-akkwiżizzjonijiet ma tkoprix l-akkwiżizzjonijiet li jsiru matul il-kors ordinarju tan-negozju bankarju fil-ġestjoni tal-pretensjonijiet eżistenti lejn l-impriżi f'diffikultà, inkluża l-konverżjoni tad-dejn eżistenti fi strumenti ta' ekwità.

(29) **Projbizzjoni fuq ir-reklamar:** Ir-Repubblika Ellenika timpenja li l-Bank joqgħod lura minn reklamar li jirreferi għall-appoġġ mill-Istat u milli jadotta strateġiji kummerċjali aggressivi li ma jistgħux iseħħu mingħajr l-appoġġ tar-Repubblika Ellenika.

KAPITOLU IV. FIDUĊJARJU TAL-MONITORAĠĠ

(1) Ir-Repubblika Ellenika timpenja li l-Bank jemenda u jestendi l-mandat tal-Fiduċjarju tal-Monitoraġġ approvat mill-Kummissjoni u maħtur mill-Bank fis-16 ta' Jannar 2013 sal-aħħar tal-perjodu tar-ristrutturar. Il-Bank iwessa' wkoll il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak il-mandat sabiex jinkorpora l-monitoraġġ (i) tal-pjan ta' ristrutturar u (ii) tal-Impenji kollha stipulati f'dan il-katalogu.

(2) Erba' ġimgħat wara d-Data Effettiva tal-Impenji, ir-Repubblika Ellenika tissottometti lill-Kummissjoni t-termini sħaħ tal-mandat emendat, li jinkludu d-dispożizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jippermettu lill-Fiduċjarju tal-Monitoraġġ jissodisfa d-doveri tiegħu skont dawk l-Impenji.

(3) Id-dispożizzjonijiet addizzjonali dwar il-Fiduċjarju tal-Monitoraġġ huma speċifikati f'dokument separat.

Is-Segretarju Ġenerali

Christina PAPAKONSTANTINOU

Appendiċi

Il-projezzjonijiet makroekonomiċi għall-operazzjonijiet domestiċi Griegi

% ta' tkabbir annwali (sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor)	2012	2013	2014	2015	2016	2017	Rata ta' tkabbir kumulattiv għall-perjodu 2013-2017
PDG reali	– 6,4	– 4,2	0,6	2,9	3,7	3,5	6,4
It-tkabbir tas-Self Nominali fil-Greċja	– 6,4	– 4,2	0,6	2,9	3,7	3,5	6,4
Deflatur tal-PDG	– 0,8	– 1,1	– 0,4	0,4	1,1	1,3	1,3
Il-prezzijiet tal-proprjetà	– 11,7	– 10	– 5	0	2	3,5	
Introjtu disponibbli nominali tal-unitajiet domestiċi	– 8,8	– 9,5	– 0,3	– 0,4	2,6	3,6	– 4,5
Depożiti fis-Settur Privat	– 7	1,3	1	3,4	5	5	16,6
Il-qgħad (%)	24,2	27	26	24	21	18,6	
Ir-rata ta' rifinanzjament mill-BĊE (%)	0,75	0,5	0,5	1	1,5	1,75	
Il-quċċata tal-formazzjoni tal-NPL			It-tieni nofs tal-2014				
3 xhur ta' Euribor (medja, %)		0,24	0,43	0,75	1,25	1,80	
Aċċess għas-swieq kapitali – repos		IVA-Ebda Limitu Massimu					
Aċċess għas-suq kapitali – kopert/prijoritarju mhux assigurat		IVA – sa EUR 500 miljun kull wieħed	IVA – sa EUR 1 biljun kull wieħed	IVA-Ebda Limitu Massimu			